**MODULU 1**

# MATERJAL EDUKATTIV GĦAL IMMANIĠĠJAR URBAN SOSTENIBBLI

**Lulju 2007**

**Biopolitics International Organisation**
**Greece**

*KELMTEJN QABEL*

Hu stmat li 50% tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix fl-ibliet; li jfisser li l-ibliet saru l-magni tas-soċjetà moderna, iċ-ċentri ta' l-attività ekonomika, politika, soċjali u kulturali, u kalamiti li jiġbdu lill-foqra rurali. Ibda mill-pajjiżi aktar żviluppati ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika ta' Fuq, u issa fl-Asja, l-Afrika u l-Amerika Latina, l-ibliet qed jinfirxu f'kull direzzjoni u jeqirdu farms u spazji fil-beraħ li jsibu quddiemhom. Quddiem dan it-tkabbir mgħaġġel, servizzi pubbliċi bħall-provvista ta' l-ilma, rimi ta' drenaġġ u ġenerazzjoni ta' elettriku sabuha diffiċli li jlaħħqu mad-domanda. F'dan il-kuntest, l-immaniġġjar urban sostenibbli m'hux biss hu urġenti biex tittejjeb il-kwalità ta' l-ambjent urban iżda huwa pre-rekwiżit biex ikun żgurat li ċ-ċittadini Ewropej li joqogħdu fl-ibliet ikollhom ambjent san fejn jgħixu.

Għalhekk, l-objettivi ta' dan il-modulu huma:

- It-tqajjim ta' għarfien tal-prinċipji ewlenin ta' l-immaniġġjar urban sostenibbli
- Preżentazzjoni tal-kwistjonijiet ta' mmaniġġjar urban mill-aspetti ta' l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà
- L-enfasi tar-rabtiet li jeżistu bejn immaniġġjar urban sostenibbli u t-titjib ta' l-operat u l-kwalità ambjentali ta' zoni urbani
- Deskrizzjoni tan-natura ta' l-isfida, x'azzjoni ttieħdet f'livell Ewropew, u ideat biex ikunu indirizzati l-isfidi identifikati

L-informazzjoni inkluża f'dan il-modulu hija aċċessibbli għalik biex tkabbarlek l-għarfien u l-ħiliet tiegħek ħalli toħloq u tippromwovi pjanijiet ta' azzjoni u disinji maħsubin biex ikun hemm żvilupp sostenibbli u ambjent urban vijabbli, san u pjaċevoli."

<u>Ħajr għall-Għajnuna</u>

Dawn in-noti kienu prodotti minn informazzjoni miftuħa għall-pubbliku fuq żvilupp sostenibbli u l-ambjent urban, u huma aċċessibbli b'xejn fil-websajts li ġejjin:

- www.biopolitics.gr
- http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2006_10/en/eea_report_10_2006.pdf
- http://www.cemt.org/online/council/2001/CM0113e.pdf
- http://aei.pitt.edu/1233/01/public_transport_gp_COM_96_601.pdf
- http://www.eaue.de/winuwd/78.htm
- http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf
- http://aei.pitt.edu/1205/01/urban_environment__gp_COM_90_218.pdf
- http://www.plannersweb.com/wfiles/w205.html
- http://store1.digitalcity.eu.com/store/release/dok/doc/AAAAKQNU.pdf
- www.psat.wa.gov/Publications/03_proceedings/PAPERS/ORAL/2c_schae.pdf
- http://www.watertime.net/Docs/WP3/WTEC.pdf

- http://www.toronto.ca/greenroofs/findings.htm
- http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf
- http://www.iwmi.cgiar.org/pubs/Pub032/RR032.htm
- http://www.unep.ch/roe/publications/assessment/01_eurowater.pdf
- http://cwrri.colostate.edu/pubs/series/completionreport/cr80.pdf
- http://www.unep.ch/roe/publications/assessment/01_eurowater.pdf

- http://epaedia.eea.europa.eu/page.php?pid=521#galleryhere
- http://www.watertime.net/Docs/WP3/WTEC.pdf
- http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2006_10/en/eea_report_10_2006.pdf
- http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf
- http://ec.europa.eu/environment/life/result/water_en.pdf
- http://www.ecologic.de/modules.php?name=News&file=article&sid=1881
- http://ga.water.usgs.gov/edu/urbanquality.html
- http://www.sea-user.org/download_pubdoc.php?doc=3348
- http://pubs.usgs.gov/fs/fs07603/
- http://www.gdrc.org/uem/water/watershed/urban-water-pollution.html
- http://www.broads-authority.gov.uk/projects/barton-broad/lowering-nutrient-levels.html
- http://www.enviroliteracy.org/article.php/2.html
- http://cwrri.colostate.edu/pubs/series/completionreport/cr80.pdf
- www.risoe.dk
- http://www.eere.energy.gov/news/news_detail.cfm/news_id=10748
- http://news.bbc.co.uk/2/hi/uk_news/England/devon/2992996.stm
- http://www.eere.energy.gov/consumer/renewable_energy/ocean/index.cfm
- www.drnoise.com/PDF_files/Traffic%20Noise%20primer.pdf
- www.un.org/esa/sustdev/sdissues/capacity_building/capacity.htm
- www.planning.dot.gov/default.asp
- http://www.gdrc.org/uem/capacity.html
- http://ec.europa.eu/environment/life/home.htm
- http://www.eib.org/cms/htm/en/eib.org/attachments/general/bei_info/bei_info124_en.pdf
- http://ec.europa.eu/environment/emas/index_en.htm
- www.cabe.org.uk
- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-76-06-390/EN/KS-76-06-390-EN.PDF
- http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/07/705&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en
- http://ec.europa.eu/growthandjobs/areas/fiche08_en.htm
- http://www.oecd.org/dataoecd/4/39/37355461.pdf
- www.jobcentreplus.gov.uk/JCP/Customers/New_Deal
- http://www.ilo.org/global/Themes/Skills__Knowledge_and_Employability/Training/lang--en/index.htm
- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-76-06-390/EN/KS-76-06-390-EN.PDF
- http://www.eukn.org/binaries/greatbritain/bulk/research/2006/12/raising-educational-achievement-in-areas-of-multiple-disadvantege.pdf
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Education/index.html
- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
- http://ec.europa.eu/public_opinion/index_en.htm
- http://titania.sourceoecd.org/vl=7102219/cl=12/nw=1/rpsv/factbook/about.htm
- http://www.un.org/events/11thcongress/pressrel.html
- http://www.unicri.it/wwd/analysis/icvs/pdf_files/key2000i/index.htm
- http://www.eu2007.de/en/index.html
- http://ue.eu.int/Newsroom

- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
- http://www.un.org/documents/ecosoc/res/1995/eres1995-9.htm
- http://www.bmvbs.de/Anlage/original_995333/Leipzig-Charter-on-Sostenibbli -European-Cities-final-draft-2-May-2007.pdf
- http://www.un.org/documents/ecosoc/res/1995/eres1995-9.htm
- http://www.bmvbs.de/Anlage/original_995333/Leipzig-Charter-on-Sostenibbli -European-Cities-final-draft-2-May-2007.pdf
- http://www.crime-prevention-intl.org
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Security_and_crime_prevention/Crime_prevention/Secucities-crime-prevention-Europe_1004.html
- http://ec.europa.eu/health-eu/my_health/elderly/index_en.htm
- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
- http://edition.cnn.com/2003/HEALTH/03/23/mystery.virus.breakdown/index.html
- http://www.euro.who.int/transport/HIA/20030129_4
- http://ec.europa.eu/employment_social/eyeq/index.cfm
- http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page?_pageid=1090,30070682,1090_33076576&_dad=portal&_schema=PORTAL
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy /Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/female-entrepreneurship_1021.html
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/women-neighbourhood-partnership_1010.html
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/young-women_1013.html
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Integration_of_social_groups/multi-dimensional-analysis-social-exclusion_1123.html
- http://www.eukn.org/binaries/greatbritain/bulk/research/2007/7/multidimensional_analysis_social_exclusion.pdf
- http://www.feantsa.org/code/en/hp.asp
- http://www.eukn.org/binaries/eukn/netherlands/practice/2006/6/eukweb001-tm-lets-circle-woudrichem-kdk-060412.pdf
- http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Integration_of_social_groups/living-apart-together_1115.html#

L-informazzjoni ppreżentata f'dan il-Modulu ta' Kors tista' ma tkunx l-informazzjoni sħiħa aċċessibbli f'dawn il-Websajts. L-informazzjoni setgħet ukoll żdiedet jew tgħaqqdet.

Dan il-manwal hu r-riżultat ta' xogħol kollettiv mis-sħab li jiffurmaw in-netwerk. Il-Professur Vlavianos Arvanitis, President u Fundatur tal-Biopolitics International Organisation, ikkomplika dan il-ktieb gwida. Ħajr ukoll lil Helen Papadimitriou, Lori Konstantopoulou, Ernest Vovakis, Christopher Dimopoulos u Daniel Horn għall-kontribut u għajnuna tagħhom tul il-preparazzjoni tal-materjal edukattiv, u lil Thanassis Kontogiannis għall-appoġġ tekniku li ta.

Ċaħda ta' Responsabbiltà

"L-informazzjoni ppreżentata f'dan il-Modulu tal-Kors inġabret minn sorsi internazzjonali rispettati u ta' reputazzjoni tajba u tenfassizza kwistjonijiet importanti ħafna li jolqtu l-iżvilupp sostenibbli u l-ambjent urban f'relazzjoni ma' l-immmaniġġjar urban sostenibbli. Filwaqt li sar kull sforz biex ikun żgurat li l-informazzjonijiet kienet korretta fil-ħin tat-tħejjija tal-verżjoni finali tal-modulu, aħna ma nistgħux niggarantixxu li se tibqa' hekk.

Għalhekk isegwi li dawk li żviluppaw il-programm "Promoting Urban Sustainable Development in Local Authorities – PROUD" ma jistgħu jaċċettaw ebda responsabbiltà għal telf jew ħsara li tista' tkun ikkaġunata mill-applikazzjoni ta' din l-informazzjoni.

# WERREJ


**AMBJENT 1.1 – IMMANIĠĠJAR SOSTENIBBLI TA' L-ART**
- 1.1.1 Introduzzjoni
- 1.1.2. Kritika ta' ppjanar urban kontemporanju
- 1.1.3. Żvilupp ta' densità għolja
- 1.1.4. Inqas serħan fuq il-vetturi
- 1.1.5. Ħtieġa għall-ħolqien ta' zoni aktar flessibbli
- 1.1.7. Konklużjoni
- 1.1.8. Referenzi

**AMBJENT 1.2 – EKOLOĠIJA URBANA**
- 1.2.1 Introduzzjoni
- 1.2.2 Tferrix urban immaniġġjat b'mod inadegwat
- 1.2.3 Kawżi tat-tferrix urban
- 1.2.4 Effetti tat-tferrix urban
- 1.2.5 Immaniġġjar tat-tkabbir u żvilupp sostenibbli
- 1.2.6 Prinċipji ta' ekoloġija urbana
- 1.2.7 Referenzi

**AMBJENT 1.3 – IMMANIĠĠJAR SOSTENIBBLI TA' L-ILMA**
- 1.3.1 Introduzzjoni
- 1.3.2 Immaniġġjar tal-provvista ta' l-ilma
- 1.3.3 Tnaqqis ta' konsum ta' ilma urban
- 1.3.4 Trattament ta' ilma maħmuġ
- 1.3.5 Strateġiji għat-tnaqqis ta' ilma maħmuġ
- 1.3.6 L-impatt ta' l-iżvilupp urban
- 1.3.7 Protezzjoni mill-għargħar
- 1.3.8 Kwistjonijiet fuq il-kwalità ta' l-ilma
- 1.3.9 Ir-riċiklaġġ ta' l-ilma
- 1.3.10 Uża mill-ġdid ta' skart li jinġarr mid-drenaġġ
- 1.3.11 Referenzi

**AMBJENT 1.4 – IMMANIĠĠJAR SOSTENIBBLI TA' L-ISKART**
- 1.4.1 Introduzzjoni
- 1.4.2 Prevenzjoni u tnaqqis ta' skart
- 1.4.3 Riċiklaġġ
- 1.4.5 Ippjanar urban strateġiku
- 1.4.6 Prinċipji għat-teħid ta' deċiżjonijiet
- 1.4.7 Referenzi

**AMBJENT 1.5 – ENERĠIJA ALTERNATTIVA**
- 1.5.1 Sorsi Alternattivi ta' Enerġija
  - 1.5.1.1 Ġeotermali
  - 1.5.1.2 Idroenerġija
  - 1.5.1.3 Enerġija mill-mewġ
  - 1.5.1.4 Enerġija mill-marea
  - 1.5.1.5 Konverżjoni ta' Enerġija Termali mill-Oċean
  - 1.5.1.6 Enerġija mir-riħ
  - 1.5.1.7 Enerġija mix-xemx
  - 1.5.1.8 Bijomassa
- 1.5.2 Alternativi ta' politika

1.5.3 Referenzi

**AMBJENT 1.6 – MOBILITÀ U TRASPORT URBAN**
1.6.1 Introduzzjoni
1.6.2 Xejriet fit-trasport urban
1.6.3 Impatti tat-trasport urban
1.6.4 Impatti soċjali
1.6.5 Definizzjoni ta' trasport urban sostenibbli
1.6.6 Ilħuq ta' trasport urban sostenibbli
6.6.7 Referenzi

***2. EKONOMIJA***

**2.1 – BINI TA' KAPAĊITAJIET GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI**
2.1.1 Introduzzjoni
2.1.2 Eżempji ta' bini ta' kapaċità
2.1.3 Taħriġ ta' individwi
2.1.4 Bini ta' kapaċità istituzzjonali
2.1.5 Il-funzjoni tal-komunità
2.1.6 Bini ta' kapaċità f'livell nazzjonali
2.1.7 Referenzi

**2.2 EKONOMIJA U FINANZI**
2.2.1 Introduzzjoni
2.2.2 Finanzjament ambjentali mill-UE
2.2.3 Il-Bank Ewropew għall-Investimenti
2.2.4 Is-settur privat: Eco-Management and Audit Scheme (EMAS)
2.2.5 Valur ta' titjib ambjentali
2.2.6 Referenzi

**2.3 ĦOLQIEN U MANUTENZJONI TA' IMPJIEGI**
2.3.1 Introduzzjoni
2.3.2 Kwistonijiet
2.3.3 Soluzzjonijiet potenzjali
2.3.3.1 Għajnuna b'żieda mal-paga
2.3.3.2 Benefiiċċji f'forma ta' oġġetti
2.3.3.3 Politiki attivi oħrajn fis-suq tax-xogħol
2.3.4 Studju ta' każ: United Kingdom New Deal Programme
2.3.5 Studju ta' Każ: Green Salary Project
2.3.6 Referenzi

**2.4 EDUKAZZJONI**
2.4.1 Introduzzjoni
2.4.2 Esklużjoni minn opportunitajiet edukattivi
2.4.2.1 Il-foqra
2.4.2.2 Persuni bi bżonnijiet speċjali
2.4.2.3 Minoranzi etniċi u razzjali
2.4.2.4 Adulti u anzjani
2.4.3 L-ekonomija ta' l-informazzjoni u l-edukazzjoni
2.4.4 Il-konsolidament ta' l-edukazzjoni – il-ħtieġa ta' motivazzjoni ċentrali fl-edukazzjoni
2.4.5 Referenzi

***3. SOĊJETÀ***

**3.1 – FATTURI DEMOGRAFIĊI**
3.1.1 Introduzzjoni
3.1.2 Ewropa li qed tixjieħ

**Figura 1**
3.1.3 Inqas żgħażagħ
3.1.4 Immigrazzjoni
3.1.5 Il-vojt bejn is-sessi
Figura 6
3.1.6 Referenzi

**3.2 SIGURTÀ**
3.2.1 Sigurtà urbana
3.2.2 Deliti fi bliet Ewropej

3.2.3 Fatturi li jwasslu għal dgħajfien tas-sigurtà fl-ibliet Ewropej
3.2.3.1 Migrazzjoni/immigrazzjoni
3.2.3.2 Żieda fl-inugwaljanza u l-faqar
3.2.3.3 Il-qgħad
3.2.3.4 Interazzjoni etnika u kulturali
3.2.3.5 L-ambjent fiżiku
3.2.3.6 Nuqqasijiet edukattivi
3.2.3.7 Esklużjoni soċjali
3.2.3.8 Nuqqas ta' fiduċji fl-istituzzjonijiet
3.2.4 Parteċipazzjoni/involviment ċiviċi
3.2.4.1 Min għandu jkun involut?
3.2.4.2 In-Netwerk Ewropea għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità
3.2.5 Referenzi

**3.3 SAĦĦA URBANA**
3.3.1 Introduzzjoni
3.3.2 Fatturi demografiċi
3.3.3 Fatturi ambjentali
3.3.4 Stili ta' ħajja
3.3.5 Fatturi ekonomiċi
3.3.6 Referenzi

**3.4 AĊĊESSIBILITÀ GĦAL ĦTIĠIJIET SPEĊJALI**
3.4.1 Ħolqien ta' bliet aċċessibbli
3.4.2 Standards ta' disinn universali
3.4.3 Il-funzjoni ta' l-amministrazzjoni lokali
3.4.3.1 Benefiċċji ta' disinn universali u standards ta' aċċessibilità
3.4.4 Azzjoni diretta
3.4.4.1 Tmexxija pubblika tajba
3.4.4.2 Manutenzjoni u titjib
3.4.5 Azzjoni komplementari
3.4.6 Referenzi

**3.5 INTROJTU**
3.5.1 Ġenerazzjoni ta' introjtu
3.5.2 Trasferimenti u introjtu
3.5.3 Referenzi

**3.6 ĠUSTIZZJA BEJN IS-SESSI**
3.6.1 Il-kisba ta' ugwaljanza sesswali
3.6.2 Impjiegi
3.6.3 Edukazzjoni u taħriġ
3.6.3.1 Studju ta' każ: L-Olanda – Bini ta' Netwerk u Żvilupp ta' Karrieri **(3)**
3.6.4 Referenzi

**3.7 INTEGRAZZJONI SOĊJALI**
3.7.1 Reżistenza għall-esklużjoni soċjali
3.7.2 Refuġjati, ħaddiema immigranti u dawk li jfittxu ażil
3.7.2.1 Każ: LETS Circle Woudrichem – L-Olanda **(4)**
3.7.3 Persuni mingħajr dar u dawk li jkunu għadejjin minn pajjiż
3.7.4 Persuni bi bżonnijiet speċjali
3.7.5 Iż-żgħażagħ u l-anzjani
3.7.6 Minoranzi etniċi u reliġjużi
3.7.7 Referenzi

## INTRODUZZJONI

## BIJOPOLI: RADD LURA TAN-NATURA LILL-BELT

L-ibliet jafu jkunu postijiet li jgerrxuk. Huma mimlijin asfalt u konkrit, ħsejjes, tinġis u vibrazzjoni. Trab u skart jakkumulaw fit-toroq u fi spazji pubbliċi. It-traffiku, il-fabbriki, ir-raffineriji u l-impjanti elettriċi jipproduċu emissjonijiet perikolużi u jitfgħuhom fl-ajra tal-madwar u fl-ilma. Il-valuri tal-komunità jiddgħajfu u ċ-ċittadini jħossuhom inċert, mhedda u neqsin mis-sigurtà. Dawn il-kondizzjonijiet jippreżentaw sfidi serji lis-saħħa fiżika u mentali taċ-ċittadini urbani, u ħafna speċi ta' pjanti u annimali ma jistgħux jibqgħu jeżistu fl-ambjent urban modern.

Hu stmat li 50% tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'zoni urbani; li jfisser li l-ibliet saru l-magni tas-soċjetà moderna, iċ-ċentri ta' l-attività ekonomika, politika, soċjali u kulturali, u kalamiti li jiġbdu lill-foqra rurali. Ibda mill-pajjiżi aktar żviluppati ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika ta' Fuq, u issa fl-Asja, l-Afrika u l-Amerika Latina, l-ibliet qed jinfirxu f'kull direzzjoni, u qed jeqirdu farms u spazji fil-beraħ li jsibu quddiemhom. Quddiem dan it-tkabbir mgħaġġel, servizzi pubbliċi bħall-provvista ta' l-ilma, rimi ta' drenaġġ u ġenerazzjoni ta' elettriku sabuha diffiċli li jlaħħqu mad-domanda. F'dan il-kuntest, l-immaniġġjar urban sostenibbli m'hux biss hu urġenti biex tittejjeb il-kwalità ta' l-ambjent urban iżda huwa pre-rekwiżit biex ikun żgurat li ċ-ċittadini Ewropej li joqogħdu fl-ibliet ikollhom ambjent san fejn jgħixu.

### Il-wirt naturali ta' l-ibliet

L-ibliet inbnew fuq zoni li darba kienu naturali, bis-siġar, mogħdijiet għall-ilma u mergħat li kienu jsostnu diversi komunitajiet ekoloġiċi. Uħud minn dawn il-karatteristiċi naturali rnexxielhom jegħlbu l-firxa tal-konkrit. Mogħdijiet ta' l-ilma bħala xmajriet, artijiet mistagħdra, għadajjar u kanali baqgħu swar ta' ħdura u trankwillità li fihom il-veġetazzjoni, il-ħajja selvaġġa u l-bnedmin jistgħu jgħixu flimkien f'armonija. Mogħdijiet ta' ilma ma jista' jinbena xejn fuqhom, u għalhekk baqgħu spazji fil-beraħ vitali, għalkemm xi bliet iddrejnjaw l-artijiet mistagħdra u x-xmajriet u għalqu xmajjar u mogħdijiet ta' ilma b'katusi kbar tal-konkrit. Kultant, farms attivi ma ntmessux mill-proċess tat-tkabbir u baqgħu għaddejjin bix-xogħol tagħhom, imdawrin bi żvilupp ta' djar u zoni kummerċjali. Spazji ħodor oħrajn tħallew apposta kif kienu, u jipprovdu opportunitajet siewja estetiċi, rikreattivi u edukattivi għan-nies u ħabitat għall-ħajja selvaġġa. Dawn huma assi importanti fl-ibliet, billi jistgħu jsiru l-blokki fuqiex jinbena r-r-radd lura tan-natura lill-bijopoli.

Illum ħafna jirrealizzaw li l-għajxien f'belt m'għandux għaliex jeskludi l-esperjenza tal-gost tan-natura. F'ħafna pajjiżi l-ibliet ħadu passi pożittivi biex ireġġgħu lura d-dwarijiet ta' sistemi naturali fl-ambitu tal-konfini urbani tagħhom. Qed jippruvaw isiru "bijopoli", jew belt ambjentalment sostenibbli li fiha l-popolazzjonijiet umani u naturali jgħixu f'bilanċ armonjuż. Il-belt ta' Metz, fi Franza, bil-wirt urban millenarju tagħha, iddeċidiet tul is-sebgħinjiet li ssebbaħ l-attributi naturali tagħha u tikkomplementa l-pajsaġġ urbana uniku tagħha. Tul l-aħħar 30 sena l-belt kabbret l-ispazji ħodor tagħha b'150% sa 450 ettaru, u f'dan il-proċess żiedet għadd sewwa ta' mogħdijiet għall-mixi, parks, ġonna u l-akbar preċint fl-Ewropa riservat għall-mixi.

L-ekoloġija urbana saret qasam ta' studju stabbilit f'ħafna pajjiżi li jiffoka fuq ir-relazzjonijiet reċiproċi ta' esseri ħajjin, inklużi dawk umani, f'kuntest metropolitan. Universitajiet waqqfu programmi ta' ekoloġija urbana u studenti jesploraw is-sistemi bijoloġiċi li hemm fi bliethom. Ħafna minn dawn l-istudenti kienu sorpriżi bid-diversità ta' l-ispeċi li skoprew.

**L-importanza tas-siġar**

Is-siġar u l-ħdura jipprovdu wisq aktar minn sempliċi appell estetiku u spazju għal rikreazzjoni. Dawn għandhom ukoll funzjonijiet ambjentali u ekoloġiċi vitali. Is-siġar jipprovdu d-dell u jkessħu l-arja, jipprovdu wkoll ħabitat għal ħafna speċi ta' għasafar, insetti u ħajja selvaġġa oħra. Inaddfu l-arja, jassorbu kull xorta ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, fosthom il-monossidu tal-karbonju, id-diossidu sulfuriku, id-diossidu tan-nitroġenu, l-ozonu u partikulati. Dawn is-sustanzi gassużi li jniġġsu huma assorbiti fil-pori rqaq ħafna tal-weraq u waqt il-fotosinteżi jinqasmu f'sustanzi li jagħmlu inqas ħsara.

Is-siġar jassorbu wkoll diossidu tal-karbonju mill-atmosfera, jaħżnu l-karbonju u jitfgħu lura l-ossiġenu fl-atmosfera. Dan il-proċess jimla mill-ġdid l-arja u jgħin ukoll biex jaġixxi kontra t-tfigħ fl-atmosfera ta' gassijiet li joħolqu l-effett serra li ġew assoċjati mat-tisħin globali. Diossidu tal-karbonju hu t-tip ewlieni ta' gass li joħloq l-effett serra li ħafna minnu hu prodott minn industriji, sistemi ta' tisħin u netwerks ta' transport fi bliet moderni. Meta jakkumulaw fl-atmosfera ta' fuq, dawn il-gassijiet ma jħallux l-arja sħuna titla' u jħalluha qrib is-superfiċje tad-dinja, Dan iġib miegħu tisħin gradwali tat-temperaturi medji li, jekk ma jkunx ikkontrollat, jista' eventwalment jikkaġuna bidliet drastiċi fil-mudelli klimatiċi globali. L-għata tas-silġ polari jibdew idubu u hekk diversi zoni jgħaddu minn għargħar jew nixfa; u żieda fl-għargħar twassal għat-tferrix ta' mard li jittieħed bħal malarja u wġigħ fl-għekiesi. Ultimament, l-effetti tat-tisħin globali jistgħu jkunu diżastrużi. Meta nifhmu din it-theddida nindunaw kemm hi kbira l-importanza tas-siġar.

**Agrikultura urbana**

Fil-firxa tiegħu lejn il-kampanja, l-iżvilupp urban spiss jinjora qatgħat żgħar ta' art agrikola li baqgħet tintuża. Dawn l-attivitajiet agrikoli urbani jibdew minn ġonna tad-djar u jaslu sa operazzjonijiet kummerċjali żgħar ta' bejn 200 u 1000 metru kwadru, u jistgħu jinkludu serer. L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikultura tikkalkula li daqs 200 miljun bidwi urban mad-dinja kollha jagħtu x'jieklu lil 700 miljun ruħ. F'xi pajjiżi, daqs tnejn minn kull tlitt idjar urbani huma mdaħħlin f'xi forma ta' agrikultura. Dawn l-operazzjonijiet jipprovdu ikel bħal frottijiet, ħxejjex, laħam u ħut lill-popolazzjonijiet dejjem jikbru ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. Xi bdiewa jkabbru l-ħut, frott tal-baħar u pjanti akwatiċi f'tankijiet, pixxini u laguni. Oħrajn ikabbru annimali żgħar bħal fniek u tiġieġ. F'Bangkok, aktar minn 60% ta' l-art madwar il-belt tintuża bħala ġonna għat-tkabbir ta' ħxejjex. F'Accra, fil-Ghana, ġonna urbani jipprovdu 90% tal-ħaxix ikkunsmat mir-residenti tal-belt. Biedja urbana hi inqas komuni f'pajjiżi żviluppati, iżda ssibha wkoll. U barra milli tipprovdi ikel, il-biedja urbana hija tat-tip li ssir fl-ispazji fil-beraħ tal-belt – post fejn it-tfal jistgħu jaraw il-produzzjoni ta' l-annimali u l-għelejjel.

**Radd lura tan-natura lill-belt**

Ir-radd lura tan-natura lill-belt m'hux xi lussu. Hu ta' importanza vitali lis-saħħa u l-benessri tagħna. L-ibliet tagħna jeħtieġ isiru postijiet fejn il-popolazzjonijiet umani jgħixu aħjar u fejn il-ħajja selvaġġa titħajjar tkun fihom. Huma għandhom jikkapitalizzaw l-assi ħodor tagħhom u jespandu l-preżenza ta' sistemi naturali li qegħdin fil-konfini tagħhom. Huma jistgħu jaslu għal dan bis-saħħa ta' programm koordinat ta' mmaniġġjar urban sostenibbli li jippreserva u jespandi spazji fil-beraħ, jipproteġi mogħdijiet ta' l-ilma, jinkoraġġixxi l-biedja urbana, u jiżviluppa opportunitajiet edukattivi għal tfal u adulti. Barra milli jipprovdu funzjonijiet ambjentali vitali, inizjattivi ta' din ix-xorta huma ta' benefiċċju kbir għas-saħħa fiżika u mentali ta' l-abitanti. Il-parteċipazzjoni u l-awtorizzazzjoni taċ-ċittadini kollha huma vitali biex programm ta' din ix-xorta jirnexxi. Dawn li ġejjin huma biss ftit inizjattivi li bliet jistgħu jadottaw biex ireġġgħu lura sistemi naturali fiz-zoni li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom:

Espandi spazji ħodor

L-ibliet għandhom jiżviluppaw pjanijet għal spazji miftuħin li jipprovdu biex ikun hemm sistemi inter-konnessi ta' spazji ħodor: parks, ġonna, mogħdijiet għall-mixi u karreġġjati speċjali. Huma għandhom imexxu programmi attivi biex ikabbru l-ammont ta' spazji fil-beraħ fil-konfini tagħhom. Dan jista' jinkiseb bis-saħħa ta' varjetà ta' tekniki, fosthom:

- xiri ta' qatgħat ta' art mhux żviluppata
- rigali u għotjiet ta' art
- rekwiżit li ċerta perċentwali ta' żvilupp ġdid tinżamm bħala spazju miftuħ
- servitù ta' konservazzjoni li tirrestrinġi l-uża ta' art bħala spazju miftuħ għall-futur
- farms u ġonna urbani (ara taħt)

Ħawwel aktar siġar

Barra minn hekk, l-ibliet għandhom jadottaw programmi għat-tħawwil kontinwu ta' siġar tul *boulevards*, f'parks u tul xmajriet. Dan għandu jsir kemm għas-siwi ekoloġiku tas-siġar u kemm għas-siwi estetiku tagħhom. Speċi ta' siġar għandhom jingħażlu b'attenzjoni skond kemm ikunu addattati għal zona individwali, u għandhom jitqiesu l-ispeċi nattivi, ħtiġijiet ta' ilma, suxxettibilità għall-mard u fatturi oħrajn. Għandha tingħata preferenza lil siġar li r-rekwiżiti għall-manutenzjoni tagħhom hija minima.

Naqqas it-tferrix urban

L-iżvilupp ta' l-art jolqot id-domanda għat-trasportazzjoni, u l-provvista ta' faċilitajiet għat-trasportazzjoni tibdel il-mod kif tintuża l-art. Ma jistax isir progress tassew lejn l-immaniġġjar urban sostenibbli jekk din il-konnessjoni bejniethom ma titqiesx. Id-disinjar ta' komunitajiet biex tonqos id-domanda għat-trasport, biex it-tferrix urban ikun skoraġġut u biex jingħata appoġġ lil komunitajiet aktar kompatti, li fihom in-nies tista' tmur aktar faċilment mid-dar għax-xogħol, tixtri, eċċ., hu essenzjali biex ikollna bliet li ta' min jgħix fihom u li jagħtu kwalità itjeb ta' ħajja liċ-ċittadini kollha tagħhom

Ħu vantaġġ mill-mogħdijiet ta' l-ilma urbani

Xmajjar u xmajriet huma kurituri naturali li jgħaddu minn ħafna zoni urbani. Dawn jipprovdu opportunità kbira għal rikreazzjoni, edukazzjoni u kuntatt man-natura. Sajd, irkib tad-dgħajjes u saħansitra għawm, skond il-kwalità ta' l-ilma, huma attivitajiet komuni tul ix-xtut tax-xmajjar urbani. Mogħdijiet ta' l-ilma urbani huma assi ambjentali urbani vitali li għadhom jitħarsu u jsiru parti integrali mis-sistema ta' spazji fil-beraħ ta' belt. Tul il-kurituri tax-xmajriet għandhom isiru mogħdijiet li jaqbdu ma' mogħdijiet oħrajn fin-netwerk ta' zoni għall-mixi biss u ta' spazji fil-beraħ tal-belt. Fejn hu addattat, għandhom jittieħdu miżuri biex titħares il-ħajja selvaġġa, bħal zoni fejn ibejtu t-tajr selvaġġ, filwaqt li fl-istess ħin jinbnew siti għal opportunitajiet ta' osservazzjoni passiva li ma tgerrixx it-tajr.

Ħares l-agrikultura urbana

Agrikultura urbana ħafna darbi titqies bħala xi ħaġa ġejja mill-imgħoddi u użu li maż-żmien jeħodlu postu l-iżvilupp. Iżda din il-fehma għandha titqies mill-ġdid. Il-biedja u l-ġonna tal-ħxejjex fl-ibliet huma assi siewja li jistgħu jkunu inkoraġġuti u protetti bis-saħħa ta' politika urbana addattata li ssostni l-eżistenza ta' l-agrikultura urbana u tipprovdi biex tibqa' għaddejja. Iżda għandha tingħata attenzjoni biex ikun żgurat li s-saħħa pubblika ma tkunx mhedda minn prattiki bħall-użu ta' pestiċidi. Biedja organika għandha tkun preferuta fil-każ ta' zoni urbani.

Ipprovdi programmi ta' edukazzjoni ambjentali għat-tfal u għall-kbar

Daqs nofs il-popolazzjoni tad-dinja tgħix fl-ibliet, u din il-proporzjon qed tikber ma' kull sena li tgħaddi. Ħafna tfal jikbru fl-ibliet, u l-opportunitajiet tagħhom li jżuru zoni naturali mhux żviluppati huma ftit jew xejn. L-ibliet għandhom jipprovdu programmi ta' tagħlim għat-tfal u wkoll għall-kbar li jieħdu vantaġġ mill-karatteristiċi ħodor deskritti hawn fuq: parks, farms urbani u mogħdijiet ta' l-ilma. Dawn il-programmi għandhom jinkludu ossevazzjoni tal-ħajja selvaġġa u apprezzament tal-fenomeni bijoloġiċi fil-forom kollha tagħhom.

Oħloq soqfa ħodor u terrazzini biex assorba l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju

Kunċetti ġodda fid-disinn urban għandhom jinkorporaw elementi naturali u jintegraw aħjar il-bnedmin ma' l-ambjent, mal-ħajja selvaġġa u mal-ħdura. Kif propost mill- Biopolitics International Organisation sa mill-1985, estensjoni ta' l-ogħla limitu li jitħallew jikbru siġar u sġajjar f'medju bħal dak li ssib fi ġnien fuq saqaf tista' tkun strateġija effettiva biex tindirizza ħafna kondizzjonijiet ambjentali li jiffaċċjaw ambjenti urbani, fosthom l-immaniġġjar ta' ilma li jiġri wara maltempata u mitigazzjoni tat-tniġġis. F'dan il-kuntest, alka blu jagħti fl-aħdar tista' tintuża biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass li jħallu l-effett serra filwaqt li toħloq ħażna addizzjonali għall-produzzjoni ta' fjuwil rinnovabbli.

Adotta l-bijo-valutazzjoni tat-teknoloġija

It-teknoloġija u l-esperjenza biex ma tkomplix issir qerda lill-ambjent qegħdin hemm, iżda l-potenzjal sħiħ tagħhom m'huwiex applikat. Il-Biopolitics International Organisation, sa mill-1985, sostniet li l-"bijo-valutazzjoni tat-teknoloġija" hi essenzjali biex jinżammu l-aspetti pożittivi tat-teknoloġija li jistgħu jkunu ta' appoġġ lill-ħajja fil-pjaneta tagħna. Vetturi nodfa, trasport pubbliku aktar effiċjenti bbażat fuq enerġija alternattiva, teknoloġija f'ogħla livell tar-riċiklaġġ, tisħin u tkessiħ bl-użu ta' sistemi ta' emissjonijiet baxxi u/jew tinġis baxx, huma ftit eżempji ta' teknoloġija sostenibbli li għandhom ikunu inkorporati fil-programmi kollha ta' mmaniġġjar urban sostenibbli.

Oħloq Bank ta' Ideat

Is-suċċess ta' l-immaniġġjar urban sostenibbli jista' jittejjeb bil-parteċipazzjoni ta' kull membru tas-soċjetà. Biex inkunu effettivi fit-tweġiba għall-isfidi li għandna, hu essenzjali li nieqfu naħsbu li qabilna ma sar xejn. Ħtija ta' sforzi koordinati ħażin, ħafna ħin u riżorsi siewja jinħlew filwaqt li l-ħsara lill-ambjent tibqa' sejra. L-għarfien u t-teknoloġija biex ma ssirx aktar qirda qegħdin hemm, iżda jeħtieġ jixterdu b'mod aktar effiċjenti. Kif promoss mill-Biopolitics International Organisation, "Bank ta' Ideat" elettroniku, li kull min hu interessat jista' jikkontribwixxi fih informazzjoni jew opinjonijiet fuq immaniġġjar urban sostenibbli, jista' jippromwovi trasferiment espedjenti ta' għarfien li jgħin biex jittaffew it-tinġis u d-deterjorament ta' l-ambjent u jitwaqqfu l-prattiki li jġibu l-ħela u m'humiex etiċi.

Ippromwovi l-bijokultura

Il-kultura hija element essenzjali ta' belt sostenibbli. L-ambjent jintlaqat mill-kultura li min-naħa tagħha titfassal mill-ambjent. Il-bijokultura tirrappreżenta sforz konxju biex tintlaħaq din l-interdependenza. Valuri estetiċi, il-mużika, ix-xjenza, l-arti, il-politika u l-ekonomija jistgħu jingħaqdu flimkien fil-ġlieda għal kwalità ta' ħajja aħjar. Il-bijokultura f'belt tista' tipprovdi l-impenn u l-politiki li jappoġġjaw il-ħajja li huma meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni aktar effiċjenti ta' mmaniġġjar urban sostenibbli.

Daħħal lill-midja

Il-funzjoni tal-midja fir-realizzazzjoni ta' dawn l-inizjattivi hija mill-aktar essenzjali. Il-midja tikkoordina u tikkorrelata l-informazzjoni, u hekk tfassal u tispira attitudnijiet soċjali u kulturali. Is-saħħa tal-midja biex tinfluwenza l-

opinjoni pubblika, u wkoll l-infrastruttura aċċessibbli, jistgħu jagħmlu l-implimentazzjoni ta' mmaniġġjar urban sostenibbli realtà f'kull belt Ewropea.

Bliet li jadottaw programm ta' mmaniġġjar sostenibbli bl-objettiv aħħari li jeqirdu għalkollox it-tinġis jaħsdu ħafna benefiċċji kemm illum u kemm fil-ġejjieni. Huma jsiru postijiet aktar attraenti, b'saħħithom u li ta' min jgħix fihom; il-ħajja selvaġġa terġa' tiġi lura; u t-tindif ta' l-arja minn sustanzi li jniġġsu u l-assorbiment tal-karbonju mis-siġar jipprovdu benefiċċji għat-tul kemm lill-bnedmin u kemm lill-ħajja selvaġġa. Ir-radd lura tan-natur u tal-kultura lill-belt ikun pass kbir lejn il-ħolqien ta' bijopoli vera.

### *Referenzi*


Vlavianos-Arvanitis A. Bio-Syllabus for European Environmental Education, Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 880 pp. 2003

Vlavianos-Arvanitis A. Bio-Architecture In: Biopolitics – the Bio-Environment – Bio-Syllabus, Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1992

Vlavianos-Arvanitis A. Biopolitics – The Bios Theory, Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1990

Cassios C.A. Landscape Values and Bio-Aesthetics in Biopolitics, The Bio-Environment Volume II, (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), p.242. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1989

Simonis U. and Hahn E. Ecological Urban Restructuring in Biopolitics – The Bio-Environment Volume III, (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), p.544. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1991

Keles R. Bios and the Urban Planning Dimensions for the Future in Biopolitics – The Bio-Environment Volume II. (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.199-205. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1989

Cassios C.A. Landscape Values and Bio-Aesthetics in Biopolitics – The Bio-Environment Volume II. (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.239-242. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1989

Kamienski E. Bio-Environment Evaluation in Biopolitics – The Bio-Environment Volume II. (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.243-250. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1989

Papaioannou J.G. Environment and the Role of Ekistics in Biopolitics The Bio-Environment Volume II. (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.213. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1989

Erturk Z. Livable Cities, in The Bio-Environment and International Cooperation, (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.39-41. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1990.

Samsunlu A. The Golden Horn Project and its Present Status, in The Bio-Environment and International Cooperation, (A. Vlavianos-Arvanitis, Ed.), pp.31-38. Biopolitics International Organisation, Athens, Greece, 1990.

## *AMBJENT 1.1 – IMMANIĠĠJAR SOSTENIBBLI TA' L-ART*

### *1.1.1 Introduzzjoni*

L-ippjanar u l-immaniġġjar ta' l-użu ta' l-art illum qiegħed fuq quddiemnett ta' l-aġenda ta' sostenibilità. Il-mod kif art urbana tkun utilizzata jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-ibliet ta' llum l-art tintuża b'mod konċentrat għall-aħħar, filwaqt li art fil-periferiji ta' l-ibliet hi tipikament żviluppata fuq mudell aktar mifrux u għandha inqas densità. Kondizzjonijiet tat-traffiku li joħolqu konġestjoni fit-toroq huma komuni f'zoni fejn hemm żvilupp ta' densità baxxa u jirriżultaw f'tinġis ta' l-arja u fl-emissjoni ta' gassijiet li jikkaġunaw l-effett serra. Din ix-xorta ta' mudelli ta' użu ta' l-art jolqtu ħażin ukoll lill-pajsaġġ għaliex jikkunsmaw meded kbar ta' art u ħabitats naturali fl-ibliet u madwarhom. Meta x-xejra lejn żieda fl-urbanizzazzjoni għadha għaddejja, il-gvernijiet għandhom isostnu politika favur l-użu ambjentalment tajjeb ta' l-art u inizjattivi li jippromwovu ppjanar u mmaniġġjar urban sostenibbli. Użu ta' art urbana għandu jkun żviluppat b'mod li jkun sensittiv għall-ħtiġijiet tal-bniedem u li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatti ambjentali negattivi **(1,2).**

Għalkemm it-tkabbir ġenerali tal-popolazzjoni kien relattivamernt stabbli fis-snin reċenti, stili ta' ħajja li dejjem jinbidlu, bħaż-żieda ta' familji li jikkonsistu f'persuna waħda, iġibu magħhom il-ħtieġa ta' aktar akkomodazzjoni. In-nies tkompli temigra lejn l-ibliet biex tfittex opportunitajiet ta' impjieg. Kondizzjonijiet ekonomiċi favorevoli wkoll influwenzaw ix-xewqa għall-art u għad-dispożizzjoni tagħha, u kien hemm xejra ġenerali 'l fuq fl-għana personali. Dan l-għana personali dejjem jikber ta spinta lill-konsum ta' l-art b'diversi manjieri. Livelli ta' għajxien dejjem jogħlew ifissru densitajiet residenzjali aktar baxxi billi koppji żgħażagħ ifittxu li jixtru djar għal familja waħda fis-subborgi. Ħtiġijiet rikreattivi dejjem telgħin ukoll jitolbu aktar art f'ċentri urbani maġġuri tal-popolazzjoni jew qribhom. F'dawn l-aħħar 20 sena kien hemm erba' darbiet aktar karozzi ġodda milli trabi ġodda, u l-ivvjaġġar fit-toroq f'zoni urbani mistenni li jikber b'40% sas-sena 2030. Dan wassal ukoll għal domanda akbar għall-ewwel u t-tieni dar. Fiz-zona metropolitana kbira ta' Madrid, ngħidu aħna, inbnew 513,000 dar ġdida fid-disgħinijiet, imqar jekk il-popolazzjoni kibret biss b'240,000 tul l-istess perjodu **(3,4).**

Bidliet fit-trasport u l-komunikazzjoni jirrappreżentaw varjabbli maġġuri oħra li tikkontribwixxi għad-domanda kontinwa għal art urbana **(4,5)**. Filwaqt li storikament l-ibliet żvilluppaw tul xmajjar fejn ir-rotot merkantili ħaffu n-negozju u l-kummerċ, l-iżvilupp mgħaġġel ta' llum ta' netwerks ta' trasportazzjoni sofistikati wassal biex iz-zoni tal-madwar saru aktar aċċessibbli. Ir-riżultat ta' dan kien l-espansjoni ta' bliet f'subborgi 'l barra minnhom. Għall-kuntrarju ta' l-iżvilupp urban konċentrat, dan it-tferrix spiss ikun miftuħ ħafna u jitlob wisq aktar art għal akkomodazzjoni, kummerċ u trasport.

### *1.1.2. Kritika ta' ppjanar urban kontemporanju*

Prattiki dgħajfa ta' ppjanar urban idgħajfu l-kwalità ta' l-ambjent urban. L-iżvilupp ta' densità baxxa li hu karatteristiku tat-tferrix urban għandu prezz ambjentali u ekonomiku għoli u jwassal għal użu ineffiċjenti ta' art. Għall-kuntrarju, l-għajxien f'ċentri urbani jipprovdi benefiċċji numerużi bħal vjaġġi iqsar, qrubija aktar għall-post tax-xogħol, u għażla akbar ta' attivitajiet. Residenti urbani jgawdu kumditajiet bħal faċilitajiet kulturali, ristoranti, ċentri sportivi u skejjel. Trasport pupbliku hu irħas u aktar frekwenti. Użu akbar ta' trasport pubbliku jfisser inqas tinġis mill-karozzi u inqas konsum ta' art għal toroq u parkeġġi għal karozzi **(6)**. Madankollu, aktar ma tikber il-prosperità daqstant ieħor jikber it-tferrix urban. Hu essenzjali li l-gvernijiet jippjanaw għal użu sostenibbli ta' l-art b'mod li hu sensittiv għall-ħtiġijiet tan-nies u jnaqqas kemm jista' jkun l-effetti negattiv inerenti li l-agglomerazzjonijiet urbani jista'

jkollhom fuq l-ambjent. Żvantaġġi maġġuri ta' prattiki ta' ppjanar urban kurrenti jinkludu dawn li ġejjin:

- Mudell ta' żvilupp li jitlob ivvjaġġar bla bżonn u jikkaġuna tinġis ta' l-arja, l-ilma u l-ħsejjes
- Prattiki kajmani ta' tfassil, disinjar u bini ma jistgħux jakkomodaw popolazzjonijiet li qed jespandu, u spiss iwasslu għal deterjorament urban b'iffullar, nuqqas ta' spazji ħodor u djar f'kondizzjonijiet ħżiena jew abbandunati
- Nuqqas ta' ppjanar spazjali urban komprensiv illi, kieku kellu jsir, jista' jagħmel mill-ibliet postijiet fejn wieħed jista' jgħix aħjar fir-rigward ta' l-aċċess għal xogħol, ħin liberu u xiri, partikolarment għal dawk li għandhom inqas flus x'jonfqu **(1)**.

Dan l-aħħar żvantaġġ kompla ggrava bil-bini ta' kumplessi għax-xiri kbar 'il barra mill-ibliet li joħolqu aktar domanda għat-trasport u jolqtu negattivament lin-negozji lokali. Iżda dawn l-iżvataġġi ma jimplikawx li s-soluzzjoni qiegħda fir-restrizzjoni ta' l-iżvilupp. Anzi, għandna niffukaw fuq żvilupp f'densitajiet raġonevoli li jipproteġu spazji fil-beraħ u jirrispettaw il-ħtieġa tal-privatezza. Dawn li ġejjin huma karatteristiċi ta' attitudinijiet alternattivi għall-ippjanar urban:

- Użu aktar effiċjenti ta' art, spazji u riżorsi aċċessibbli
- Bini "aħdar" attraenti u ambjentalment dħuli
- Toroq u spazji pubbliċi miftuħin iddisinjati tajjeb
- Trasport pubbliku komprensiv, mogħdijiet għall-mixi u karreġġjati għar-rkib tar-roti, bħala alternattivi għall-użu tal-karozzi

### *1.1.3. Żvilupp ta' densità għolja*

Żvilupp ta' densità għolja jista' jippromwovi mudelli sostenibbli ta' użu ta' l-art b'għadd ta' manjieri. Inqas ma tintuża art għal żvilupp urban aktar ikun hemm art aċċessibbli għal spazji fil-beraħ. Tqassim ta' servizzi u użu ta' riżorsi huma aktar effiċjenti f'termini ta' konsum inqas ta' fjuwil għall-ivvjaġġar u ffankar ta' spejjeż mill-użu ta' faċilitajiet pubbliċi eżistenti. Hemm ħafna għażliet ta' ppjanar aċċessibbli biex pjanifikaturi ta' bliet jirrealizzaw dawn il-benefiċċji. Żvilupp ġdid jista' jinbena f'densitajiet ogħla qrib żviluppi, infrastrutturi u zoni għal servizzi eżistenti biex jikkapitalizza fuq riżorsi aċċessibbli. Żvilupp residenjali jista' jkun ikkonċentrat tul kurituri u għekiesi tat-trasport, u dan ikabbar l-aċċessibilità għat-trasport pubbliku, impjiegi, servizzi u faċilitajiet filwaqt li jħalli post għal aktar spazji fil-beraħ fl-ibliet **(4)**. Ngħidu aħna, il-belt ta' Curitaba, fil-Brażil, saret mudell ta' żvilupp urban sostenibbli bl-integrazzjoni tat-trasportazzjoni, użu ta' l-art u żvilupp ta' akkomodazzjoni li tant irnexxew li l-kwalità tal-ħajja tjiebet b'mod sinifikanti għar-residenti tal-belt.

### *1.1.4. Inqas serħan fuq il-vetturi*

Il-korrelazzjoni bejn l-użu ta' l-art għall-infrastruttura tat-trasportazzjoni u l-urbanizzazzjoni hija evidenti ma' l-Ewropa kollha. Fl-aħħar nofs seklu. l-ammont ta' art meħud min-netwerks għat-trasport urban hu stmat li kiber b'50% f'ħafna bliet. Fl-istess ħin, il-propjetà ta' karozza minn ras għal ras tiela' fi kważi l-ibliet kollha ta' l-Unjoni Ewropea; l-ogħla tkabbir kien reġistrat fl-istati li daħlu dan l-aħħar **(7)**. Dan għandu konsegwenzi ambjentali profondi f'termini ta' telf ta' spazji fil-beraħ, żieda ta' superfiċji li mill-wiċċ tagħhom ma jgħaddix ilma, u livelli ogħla ta' tinġis ta' l-arja. Deċiżjonijiet infurmati ta' maniġment fuq żvilupp fit-trasport urban, li ma jinsewx dawn il-kwistjonijiet, jistgħu jagħmlu ħafna biex joħolqu ambjenti urbani sostenibbli.

Mod kif l-użu ta' l-art ikun immaniġġjat aħjar fil-qasam tat-trasport urban hu l-inkoraġġiment tat-trasportazzjoni pubblika u l-iskoraġġiment ta' l-użu ta' karozzi privati. L-iżgurar ta' faċilitajiet ta' aċċess tajjeb iħaffef l-użu tat-trasport

pubbliku u jnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku, it-tinġis u l-ammont ta' parkeġġ fil-qalba tal-belt li jkun meħtieġ għall-iżvilupp. Il-ħolqien ta' zoni jista' jintuża f'dan ir-rigward billi ċentri ta' negozju u kummerċ ikunu kkonċentrati f'zoni marbutin sewwa ma' ċentri ta' trasportazzjoni pubblika. Ngħidu aħna, l-Olanda għandha politika li tissejjaħ *in-negozju ġust fil-post ġust*; negozji u servizzi dipendenti fuq it-trasport pubbliku qegħdin f'zoni li minnhom tilħaq faċilment it-trasport pubbliku **(8)**. Restrizzjoniet fuq l-ipparkjar jistgħu jikkomplementaw din l-istrateġija billi jagħmluha aktar konvenjenti għal vjaġġaturi biex jużaw it-trasport pubbliku milli biex jużaw il-karozzi privati.

L-użu tat-trasport pubbliku jista' jkun inkoraġġit ukoll bis-saħħa ta' attenzjoni bil-ħsieb għall-iżvilupp ta' netwerks ta' toroq u investiment fl-infrastruttura tat-trasport. Hemm ħafna eżempji ta' prattiki tajbin ta' trasportazzjoni pubblika fi bliet Ewropej. Grenoble kienet pijuniera fl-introduzzjoni mill-ġdid ta' sistema ta' trammijiet modernizzata u aċċessibbli ħafna bħala għażla ta' trasport vijabbli fuq wiċċ l-art. Kurituri dedikati għal trasport pubbliku u taksis illum huma komuni f'ħafna ċentri urbani. U llum qed joperaw numru ta' xarabanks iggwidati li, bħat-trammijiet, jimxu fuq linji apposta għalihom li fuqhom ma jistax jgħaddi traffiku ieħor; dan jippermetti li jinżammu skedi tal-ħin li tista' toqgħod fuqhom. Dan hu mill-aktar utli waqt l-eqqel tat-traffiku, meta t-traffiku normali tal-vetturi jaf ikun miexi tassew bil-mod.

Barra minn hekk, il-provvista ta' netwerks ta' zoni għall-mixi u r-rkib tar-roti biss hi kruċjali biex tnaqqas is-serħan fuq karozzi u biex tippromwovi mudelli ta' vvjaġġar alternattivi u aktar sostenibbli li jikkunsmaw inqas art. Distanzi qosra jistgħu jsiru bil-mixi, u f'dan ir-rigward il-promozzjoni ta' vvjaġġar bil-mixi u bir-rota fl-ibliet in mhux biss tħaffef il-konġestjoni tat-traffiku iżda tippromwovi wkoll stil ta' ħajja aktar san. Bliet jistgħu wkoll jippjanaw zoni residenzjali u kummerċjali marbutin ma' fusien ta' trasportazzjoni pubblika u li m'għandhom ebda infrastruttura għal karozzi. Jistgħu wkoll jaddattaw l-użu preżenti ta' l-art f'zoni urbani. Ateni bidlet it-traffiku tal-vetturi fiċ-ċentru tal-belt b'mogħdijiet għall-mixi fejn ma jistgħux jgħaddu karozzi u li tista' tgħaddi għalihom minn sistema ta' metrò li nbniet dan l-aħħar.

Bl-istess mod, l-użu tar-roti jestendi d-distanza li wieħed jista' jivvjaġġa mingħajr ma juża vetturi li jikkunsmaw l-enerġija u li jipproduċu t-tinġis. L-Olanda toffri eżempju ta' kif il-provvista aħjar ta' infrastruttura u spazji tat-toroq użati fl-istess ħin għal aktar minn mod wieħed ta' trasport jistgħu jgħinu t-tnaqqis tat-traffiku f'zoni urbani. Netwerks għar-roti mifruxin mal-belt kollha jinkludu karreġġjati separati għar-roti, regolamenti għall-kontroll tat-traffiku, u bini ta' faċilitajiet għall-ipparkjar u ħżin tar-roti. Studju evalwattiv fuq l-implimentazzjoni ta' pjan wieħed ta' din ix-xorta f'Delft sab li kien hemm żieda ta' 10% fin-numru medju ta' vjaġġi bir-rota **(9)**.

### 1.1.5. Ħtieġa għall-ħolqien ta' zoni aktar flessibbli

Il-ħolqien ta' zoni hu forma ta' regolamentazzjoni ta' l-użu ta' l-art li tikkontrolla l-użu ta' l-art u l-intensità ta' dan l-użu **(10)**. Fl-aħħar seklu l-ħolqien ta' zoni sar għodda standard fl-ippjanar ta' bliet u għen biex kien stabbilit li drittijiet ta' propjetà privata għandhom xi drabi jċedu għall-interess pubbliku **(11)**. Il-ħolqien ta' zoni jitlob li jkun hemm permessi bħala mezz għall-kontroll ta' attivitajiet ta' żvilupp f'zona urbana. Fl-intern ta' zoni desinjati huma permessi ċerti tipi ta' żvilupp bħal djar għal familja waħda (densità baxxa) jew bini għoli ħafna ta' appartamenti (densità għolja) li jmorru ma' xulxin. Permess jista' wkoll jirregola l-forma u l-għoli ta' binja, l-ammont ta' superfiċje li l-istrutturi jistgħu jokkupaw, il-lokazzjoni tal-bini f'sit ta' żvilupp, il-proporzjon tad-diversi tipi ta' spazji fuq is-sit (jiġifieri spazju <u>msebbaħ bħala pajsaġġ</u>, spazju <u>pavimentat</u>), u kemm għandu jkun hemm postijiet għall-<u>ipparkjar</u> **(12)**. Regolamenti għall-ħolqien ta' zoni dehru l-ewwel darba fil-Ġermanja u

Kalifornja lejn tmiem is-seklu dsatax bl-iskop li jnaqqsu ċ-ċaqliq fil-valur tal-propjetà immobbli, iħarsu l-interessi tas-sidien tal-propjetà, u joħolqu bliet aktar ordinati. B'mod partikolari, is-separazzjoni ta' distretti residenzjali minn użijiet industrijali kienet titqies bħala strateġija importanti għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u wkoll tal-valuri tal-propjetà **(4)**. Sistemi ta' ħolqien ta' zoni ġeneralment għandhom mekkaniżmi li jagħtu eċċezzjonijiet f'xi każijiet minħabba xi tbatija perċepita bħal, ngħidu aħna, in-natura partikolari tal-propjetà in kwestjoni **(12).**

Madankollu, ir-rekord ġenerali tal-ħolqien ta' zoni kien imħallat. Is-separazzjoni ta' zoni għall-akkomodazzjoni, industrija u kummerċ toffri każ tipiku. Filwaqt li għandha vantaġġi ovvji meta applikata għall-industrija, hu dibattibbli jekk toħloqx ambjenti aħjar ta' għajxien u xogħol jew le **(11)**. F'ħafna bliet, il-ħolqien ta' zoni attwalmwent inkoraġġixxa l-esklużjoni u s-segregazzjoni razzjali u soċjo-ekonomika, primarjament billi llimita tipi ta' akkomodazzjoni maħsubin għal ħafna familji fi blokk wieħed u djar bi prezz li wieħed jista' jlaħħaq miegħu. Il-ħolqien ta' zoni jagħmilha wkoll diffiċli biex bliet jaddattaw irwieħhom għall-kondizzjonijiet li jinbidlu u ma jħalluhomx jiffunzjonaw bħala sistema flessibbli u organika. Ngħidu aħna, ħafna siti abbandunati ta' industriji u ferroviji joffru opportunitajiet siewja għal żvilupp mill-ġdid bħala ċentri ta' djar residenzjali jew bini kummerċjali, biex spazji fil-beraħ eżistenti jistgħu jkunu protetti minn żvilupp **(13)**. Dan kien implikat ukoll fl-għoli mgħaġġel tal-prezzijiet tad-djar f'zoni urbani. Kritiċi huma tal-fehma li, f'xi każijiet, aktar minn nofs l-ammont ta' dawn il-prezzijiet jirrifletti spejjeż moħbija ġejjin mir-regolamenti restrittivi tal-ħolqien ta' zoni.

Is-separazzjoni ta' zoni residenzjali minn zoni ta' xogħol tkabbar ħafna l-ħtieġa tat-trasport u tirriżulta f'aktar tinġis ta' l-arja u kongestjoni fit-toroq. Industriji kbar li jserrħu aktar bil-qawwi fuq tekniki teknoloġiċi ta' produzzjoni jistgħu tassew igawdu minn dan it-tip ta' ħolqien ta' zoni. Madankollu, industriji żgħar u medji li jserrħu fuq ħiliet individwali u li ma jniġġsux daqstant jistgħu jinqdew aħjar kieku kellhom ikunu integrati f'komunitajiet lokali permezz ta' regolamenti addattati u mmaniġġjar ambjentali tajjeb. L-integrazzjoni f'komunitajiet lokali toħloq ukoll aċċess aħjar għal fornituri u klijenti li huma importanti b'mod speċjali għall-industriji tas-servizzi. Hekk, ħafna pjanifikaturi jemmnu li disinn flessibbli li jħallat użu ta' l-art residenzjali u kummerċjali, meta hu addattat, jista' joħloq komunitajiet aktar sostenibbli billi jġib nies eqreb lejn xulxin fil-post tax-xogħol u servizzi u jnaqqas is-serħan fuq vetturi **(14)**.

L-integrazzjoni ta' regolamenti ta' ħolqien ta' zoni ma' konsiderazzjonijiet ambjentali jista' jkollha impatt profond fuq it-tnaqqis kemm jista' jkun ta' ħsara ambjentali lill-art, ilma u arja, u tippromwovi żvilupp urban sostenibbli. F'termini ta' protezzjoni ta' riżorsi ta' ilma, ngħidu aħna, hemm ħafna prattiki ta' użu ta' l-art li jistgħu jħaffu dan. Eżempju wieħed hu l-bini ta' spazju għall-ħżin ta' l-ilma bejn zoni mibnijin tal-belt, imdawrin b'zoni ħodor li jeskludu kull forma ta' żvilupp li jnaqqas il-medda tas-superfiċje permeabbli. Dan il-metodu għandu jgħin ukoll biex ma jitħalliex isir għargħar. Teknika oħra tkun l-użu ta' xmajriet u nixxigħat ta' ilma taħt l-art biex jiggwidaw l-urbanizzazzjoni fil-ġejjieni. Eżempju ta' dan hija l-belt Taljana ta' Reggio Emilia li kkategorizzat zoni speċifiċi f'termini tal-kapaċità riġenerattiva ta' l-ilma, il-ħamrija u l-arja. Dan jillimita l-bini f'dawk iz-zoni fejn dawn ir-riżorsi qegħdin l-aktar f'riskju, u tqiegħed għanijiet ambjentali bħal numru speċifiku ta' tħawwil ta' siġar mat-triq **(15)**.

### *1.1.7. Konklużjoni*

Il-firxa kontinwa ta' l-urbanizzazzjoni se tkun sifda għall-kapaċità ta' l-art li tissodisfa dawn id-domandi. L-integrazzjoni tad-dimensjonijiet ambjentali mal-

prattiki ta' l-immaniġġjar ta' l-art f'zoni urbani sa mill-istadji l-aktar bikrin tal-proċess ta' ppjanar tista' tikkontribwixxi ħafna għas-sostenibilità futura ta' l-ibliet Ewropej. Hija kwistjoni ta' tluq minn prattiki ta' mmaniġġar urban ibbażati fuq politiki ffokati b'mod dejjaq fuq l-użu ta' l-art, lejn viżjoni usa' bbażata fuq il-premessa li l-prattiki ta' l-użu ta' l-art li jikkompromettu l-kapaċità ta' kemm l-ambjent jiflaħ żvilupp urban iqiegħdu fil-periklu s-sostenibilità għal tul ta' żmien ta' l-ibliet Ewropej **(15)**.

### *1.1.8. Referenzi*


1. DETR – Our Towns and Cities: The future – 2002 – DETR
2. Mattingly, M – Management of the Urban Environment – The challenge of environmental management in urban areas -2002
3. European Environment Agency, Urban sprawl in Europe - the ignored challenge, EEA Report No. 10, 2006. http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2006_10/en/eea_report_10_2006.pdf
4. Barton, H – Sustainable Communities The Potential of Eco – Neighbourhoods – 2000
5. Atkinson, A – Organisation and Politics in Urban Environmental Management – The challenge of environmental management in urban areas -2002
6. Atkinson A. The Development of A Systematic Approach to Urban Environmental Planning- The challenge of environmental management in urban areas -2002
7. European Conference of Ministers of Transport, Implementing Sustainable Urban Transport Policies, ECMT-OECD final report, 2001. http://www.cemt.org/online/council/2001/CM0113e.pdf
8. European Commission Green Paper, The Citizens' Network – Fulfilling the potential of public transport in Europe, 1995. http://aei.pitt.edu/1233/01/public_transport_gp_COM_96_601.pdf
9. European Academy of the Urban Environment, Delft: Promoting the use of bicycle by systematic town planning, 1996. http://www.eaue.de/winuwd/78.htm
10. Kivell, P. – Land and the City – Patterns and Processes of Urban Change -1999
11. Frumkin H., Frank L. and Jackson R. Urban Sprawl and Public Health 2004
12. European Environment Agency, The European Environment, State and Outlook 2005. http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf
13. Commission of the European Communities, Green Paper on the Urban Environment, 1990. http://aei.pitt.edu/1205/01/urban_environment_gp_COM_90_218.pdf
14. Planning Commissioners Journal http://www.plannersweb.com/wfiles/w205.html
15. European Commission, European Sustainable Cities Report, Expert Group on the Urban Environment, Brussels, 1996. http://store1.digitalcity.eu.com/store/release/dok/doc/AAAAKQNU.pdf

## *AMBJENT 1.2 – EKOLOĠIJA URBANA*

### *1.2.1 Introduzzjoni*

L-impatti ekoloġiċi ta' l-attività tal-bniedem imorru wisq lilhinn miz-zoni li fihom issir. Bdil ta' l-ambjent ħtija ta' żvilupp urban jista' jkollu konsegwenzi wesgħin ħafna fuq il-kwalità ta' l-arja, fuq il-kwalità ta' l-ilma, fuq il-bijodiversità u fuq ir-riżorsi naturali. L-għan bażiku ta' l-immaniġġjar urban sostenibbli hu li jnaqqas il-prezz ekoloġiku ta' l-attivitajiet ta' llum biex ir-riżorsi naturali jkunu jistgħu jġeddu lilhom infushom u jibqqgħu aċċessibbli biex jintużaw u jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet futuri. L-ilħuq ta' dan l-għan se jirrikjedi transizzjoni fundamentali minn mod reattiv ta' maniġment bl-attitudni "*business as usual*," għal atteġġjament bijoċentriku u proattiv. Riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politika fl-Unjoni Ewropea qed jiżviluppaw modi kreattivi u innovativi kif jindirizzaw id-degradazzjoni ambjentali u l-frammentazzjoni ekoloġika li ġejjin mill-urbanizzazzjoni. Dawn jinkludu strateġiji għat-tnaqqis tal-ħerba tal-ħabitat, għall-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, u biex ikun hawn komunitajiet li jkollhom ambjenti urbani aktar nodfa u li jitgawdew aktar.

Il-mudell ta' llum ta' espansjoni urbana jista' jkun karatterizzat minn tferrix urban immaniġġjat b'mod mhux adegwat. Dan ma ġarax mingħajr ma ħadd induna bih, iżda l-istrumenti disponibbli biex ikun immaniġġjat ma kkontrollawx b'mod effettiv it-tkabbir tiegħu u ma waslux biex iwaqqfu l-impatti ħżiena maġġuri fuq l-ambjent naturali. Dan seta' ġara ħtija ta' għanijiet u objettivi konfliġġenti bejn livelli jew dipartimenti governattivi. Fundamentalment il-konflitt spiss jista' jkun ridott għal wieħed ta' tkabbir ekonomiku kontra l-ħarsien ta' l-ambjent. Dan il-mudell ta' żvilupp għandu jitteħidlu postu minn mudell aktar koordinat u effettiv ibbażat fuq l-immaniġġjar tat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli li jnaqqas kemm jista' jkun l-effetti ambjentali **(1)**.

### *1.2.2 Tferrix urban immaniġġjat b'mod inadegwat*

It-tferrix urban, l-espansjoni mgħaġġla ta' l-akkomodazzjoni, u l-iżvilupp kummerċjali u industrijali mal-kampanja kollha f'densitajiet aktar baxxi minn dawk li jipprevalu fi bliet tradizzjonali, ħakmu lill-Ewropa. Il-libertà ta' moviment li tagħti x-xibka tat-trasport ta' llum kienet fatturi ewlieni fil-promozzjoni tat-tferrix urban. Aktar farms, foresti, zoni naturali u spazji fil-beraħ ħadilhom posthom żvilupp urban f'dawn l-aħħar ħamsin sena aktar milli qatt ġara f'xi żmien ieħor fl-istorja, u dan it-telf ta' zoni ta' art naturali spiss huwa irreversibbli.

It-tferrix urban ikabbar sewwa l-problemi ambjentali bħat-tinġis ta' l-arja u l-ilma, il-ġenerazzjoni ta' skart, il-konsum ta' enerġija, l-iskarsezza ta' l-ilma, it-telf tal-ħabitats u t-tisħin globali. Il-prezz ekonomiku tal-bini ta' zoni ġodda hu wkoll piż kbir ħafna fuq is-soċjetà. Ngħidu aħna, it-twaqqif ta' qasam industrijali ġdid f'zona rurali jitlob titjib fl-infrastruttura bħal toroq, provvista ta' ilma u rimi ta' skart. L-iżvilupp residenzjali li jiġi wara, min-naħa tiegħu jwassal għall-kostruzzjoni ta' servizzi, fosthom faċilitajiet kummerċjali, skejjel, parks eċċ. Ħafna minn dawn l-ispejjeż jaqgħu fuq is-settur pubbliku. It-tferrix urban għandu jitqies mhux biss f'termini ta' l-impatt tiegħu fuq l-ambjent immedjat iżda f'termini ta' l-impatti reġjonali wkoll **(2)**.

### *1.2.3 Kawżi tat-tferrix urban*

Il-forzi li jmexxu 'l quddiem it-tferrix urban huma diversi u kumplessi. Dawn jinkludu: prezzijiet ta' art aktar baxxi f'zoni lilhinn minn zoni urbanizzati aktar milli fi bliet ċentrali; tkabbir fid-dħul ta' flus personali; investimenti fuq skala kbira fl-infrastruttura tat-trasportazzjoni li tagħti ċans lill-ħaddiema jgħixu distanzi itwal mill-post tax-xogħol tagħhom; xewqa għal għajxien f'zoni ħodor; propjetarji ta' l-art f'zoni rurali li jagħmlu l-flus mix-xejra ta' żvilupp rurali dejjem jikber; it-tifrix ta' ċentri ta' impjiegi f'zoni 'l barra mill-ibliet; il-migrazzjoni 'l

ġewwa ta' ħaddiema b'paga baxxa li lesti li jaċċettaw pagi aktar baxxi biex jagħmlu xogħol baxx u jgħixu fid-djar marġinali ta' l-ibliet antiki; u, b'mod ġenerali, ix-xejra lejn il-globalizzazzjoni tas-swieq. Filwaqt li ħafna mill-fatturi li jippromwovu t-tferrix urban ġejjin minn forzi ekonomiċi, kollha kemm huma jistgħu jkunu indirizzati sa ċertu punt minn dawk li jfasslu l-politika u minn pjanifikaturi **(2)**.

### *1.2.4 Effetti tat-tferrix urban*

Żvilupp urban ġdid jimplika wisq aktar minn sempliċi kostruzzjoni ta' bini u pavimentar ta' toroq. Enerġija elettrika, servizzi ta' pulizija, ġbir u rimi ta' skart, manutenzjoni ta' toroq, faċilitajiet sanitarji u tweġibiet f'każ ta' emerġenza huma fost ir-rekwiżiti ta' żvilupp ġdid. Dawn is-servizzi ma jaqgħux mis-sema iżda jikbru ftit ftit fl-iżvilupp tagħhom skond kif jikbru b'mod ġenerali l-iżvilupp u l-popolazzjoni. Żvilupp residenzjali jitlob servizzi kummerċjali, aċċess għal siti ta' impjiegi, skejjel u attivitajiet rikreattivi. Siti industrijali jeħtieġu aċċess għal trasport, enerġija u d-disponibilità ta' forza tax-xogħol. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal ippjanar u programmar ta' titjib pubbliku biex is-servizzi jsiru aċċessibbli kif teħtieġ il-popolazzjoni li dejjem tikber.

Sistemi ta' transportazzjoni pubblika huma essenzjali biex kull belt tiffunzjona b'mod effiċjenti u effettiv, u jingħata spazju għall-moviment tar-residenti tagħha għal destinazzjonijiet diversi, filwaqt li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti ambjentali assoċjati ma' l-utilizzazzjoni tal-vetturi. Iżda t-tferrix urban ma jappoġġjax mezzi alternattivi ta' transportazzjoni bħal traġitt tal-massa u rkib tar-roti, u minflok jippromwovi s-serħan fuq mezzi personali ta' transportazzjoni. Ir-riżultat huwa konġestjoni dejjem tikber tat-traffiku u tinġis ta' l-arja, aktar inċidenti stradali, telf ta' produttività tal-ħaddiema u tnaqqis fid-dħul tat-trasport pubbliku. Aktat ma zoni urbani jinfirxu mal-pajsaġġ, aktar tikber il-pressjoni fuq is-settur pubbliku biex jiffinanzja titjib li jiswa ħafna flus tal-kapaċità tat-transportazzjoni.

Tinġis aktar ta' l-arja ħtija tas-sorsi ta' transportazzjoni tipikament isegwi l-iżvilupp ta' komunitajiet periferiċi skond kif tikber il-proporzjon ta' ħaddiema li jridu jivvjaġġaw iżda jkabbar ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkaġunaw l-effett serra li jikkontribwixxu għat-tisħin globali. Il-kostruzzjoni ta' superfiċji impermeabbli bħal toroq, bankini, zoni għall-parkeġġ u bini jnaqqsu l-provvista ġdida ta' ilma fis-saff taħt l-art u jaggravaw ir-rimi ta' ilma tax-xita li jġorr sustanzi li jniġġsu bħal residwi ta' tajers, żejt tal-magni u likwidi oħra ġejjin mill-vetturi, ħmieġ, metalli tqal, eċċ. fi xmajjar u xmajriet.

Zoni tal-kosta tal-Mediterran għaddejjin minn tħassib speċjali. Tul id-disgħinjiet biss, dawn iz-zoni raw żieda ta' 10% fl-istrutturi li minnhom ma jgħaddix ilma **(1)**. It-tensjoni dwar l-ilma f'dan ir-reġjun hija għolja sewwa u tkabbir proġettat fil-popolazzjonijiet urbani jintensifika aktar it-tħassib dwar il-pressjoni fuq il-provvista ta' l-ilma. Il-parti l-kbira ta' l-umanità hija koncentrata f'inqas minn 400 km ta' zoni kostali, u kważi 4 minn kull 5 Ewropej jgħixu f'zoni urbani li fihom 60% jisfruttaw iżżejjed ir-riżorsi ta' ilma aċċessibbli li għandhom.

L-espansjoni urbana tolqot negattivament lill-ħajja selvaġġa. Aktar ma zoni naturali jittieħdu mill-iżvilupp ta' densità għolja, aktar il-ħabitat tal-ħajja selvaġġa jkun frammentat u l-ħajja selvaġġa ssit it-territorju tagħha maqsum minn toroq u awtostradi. Il-mogħdija minn naħa għal oħra ta' dawn l-ostakli jista' jkun fatali għal speċi billi l-konflitti bejn bnedmin u vetturi jħallu l-qerda. It-tnaqqis ta' dawn il-ħabitats u kurituri migratorji jistgħu jħallu effetti li jagħmlu ħafna ħsara lill-ħajja selvaġġa. Filwaqt li l-ħajja selvaġġa taddatta lilha nfisha, is-sistemi naturali jinbidlu b'modi li ma tistennihomx u li potenzjalment iwasslu għal bidliet diżastrużi fl-ekoloġija lokali, flussi ta' enerġija u ċikli nutrittivi **(2)**.

It-tferrix urban għandu wkoll dimensjoni soċjali. Popolazzjonijiet jitqassmu mill-ġdid f'modi mhux proporzjonati. Dawk li jħallu zoni urbani ta' densità qawwija għal zoni ta' densità aktar baxxa u aktar ħadra jtendu li jkunu f'qagħda ekonomika aħjar li jistgħu jaffordjaw li jgħixu f'dawn iz-zoni. Fl-istess ħin, gruppi bi qligħ baxx jikkonverġu lejn iċ-ċentru ta' l-ibliet fejn il-prezzijiet ta' l-akkomodazzjoni huma aktar baxxi. Zoni fil-qalba ta' l-ibliet huma spiss karatterizzati minn faqar, kriminalità, negozji abbandunati u ħmieġ. Zoni bħal dawn jiġbdu lejhom bħal kalamita immigranti li jfittxu x-xogħol u ħajja aħjar. Din il-katina ta' ġrajjiet tista' twassal għal kollass ta' l-integrazzjoni, sigurtà u stabilità tal-komunità, u jkollha effetti ħżiena fuq il-fiduċja fil-gvern. Meta l-Ewropa miexja lejn integrazzjoni akbar ma' l-istati membri ġodda tagħha, l-ibliet tagħha jridu jqisu kif il-politiki u prijoritajiet tagħhom fuq l-użu ta' l-art jistgħu jolqtu l-ekoloġija tar-relazzjonijiet umani u l-ambjent naturali. Dan jippreżenta lill-pjanifikaturi bi problema konsiderevoli – kif isibu bilanċ bejn l-ugwaljanza soċjali u l-iżvilupp urban.

### *1.2.5 Immaniġġjar tat-tkabbir u żvilupp sostenibbli*

Objettivi u politiki konsistenti u koordinati huma meħtieġa f'livell Ewropew u wkoll f'livelli nazzjonali, reġjonali u beltin biex jingħelbu mudelli ta' tferrix urban li fl-imgħoddi reċenti ma kinux immaniġġjati b'mod adegwat. Objettivi ekonomiċi għandhom ikunu bilanċjati b'attenzjoni mal-ħtieġa li jitħares l-ambjent. Programm komprensiv għandu jinkludi objettivi realistiċi, pjan ta' azzjoni miftiehem minn qabel, u *benchmarks* raġonevoli biex jevalwaw il-progress li jkun qed isir. Il-pjan għandu jkun modifikat perjodikament biex iqis kondizzjonijiet li dejjem jinbidlu jew informazzjoni ġdida. Zoni desinjati għal tkabbir fil-ġejjieni għandhom ikunu delineati b'mod ċar, u zoni oħrajn għandhom jitħallew liberi għall-ħarsien ta' riżorsi naturali, ħabitats u agrikultura.

L-għodod ewlenin li l-pjanifikaturi għandhom f'idejhom huma r-regolamentazzjoni tax-xorta u d-densità ta' l-użu ta' l-art, u l-ippjanar u kostruzzjoni ta' titjib fl-infrastruttura. Dawn huma l-istrumenti bażiċi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar ta' tkabbir, iżda jenħtieġ ukoll il-koordinament ma' politiki u programmi oħrajn  Bliet u reġjuni għandhom jippreparaw programmi ta' żvilupp ekonomiku li huma konsistenti ma' programmi ta' żvilupp urban u ta' titjib tat-trasportazzjoni. Bl-istess mod, il-provvista ta' servizzi urbani, bħall-provvista ta' l-ilma, rimi ta' skart, skejjel u zoni rikreattivi, għandha ssir f'zoni ppjanati għall-iżvilupp, u dawn għandhom ikunu mfasslin b'mod li jikkoinċidu fil-ħin ma' dak l-iżvilupp u ma jsirux f'dawk iz-zoni li fihom ma jkunx ippjanat li jsir xi żvilupp.

Ħafna bliet fl-Ewropa diġà bdew jieħdu attivament miżuri biex jikber l-appell urban (urbaniżmu) u jonqsu l-espansjoni u t-tferrix urbani mhux sostenibbli (urbanizzazzjoni). Strateġiji ta' "kontroll kreattiv" saru l-pilastru ewlieni ta' politika għall-kontroll tas-sewwieqa f'zoni ta' tferrix urban. Dawn l-istrateġiji jinkoraġġixxu l-użu sostenibbli ta' zoni madwar bliet u fi bliet biex mhux biss ikunu konservati r-riżorsi imma biex tikber l-attrazzjoni għal għajxien urban. Dan jimplika li tingħata ħajja żagħżugħa ġdida lill-ibliet u l-arrikkiment ta' l-ambjenti urbani **(1)**. Dan l-atteġġjament sab reazzjoni favorevoli f'ħafna pajjiżi, l-aktar fl-Olanda, li għandhom popolazzjonijiet densi għall-aħħar. Dan sar, flimkien ma' innovazzjonijiet fit-trasportazzjoni u strateġiji oħrajn, bl-inkorporazzjoni ta' sistemi beltin u ekoloġiċi fi struttura ħolistika. Ambjenti naturali qed jidhru dejjem aktar mhux bħala mifrudin mill-ambjent naturali iżda bħala bċejjeċ pożittivi u sostenibbli tiegħu.

### *1.2.6 Prinċipji ta' ekoloġija urbana*

Bliet inbnew f'zoni li darba kienu naturali, b'siġar, mogħdijiet ta' ilma u mergħat li sostnew komunitajiet ekoloġiċi diversi. Uħud minn dawn il-karatteristiċi

rnexxielhom jibqgħu b'saħħithom minkejja t-tifrix tal-konkrit. Mogħdijiet ta' l-ilma, bħal xmajriet, artijiet mistagħdra, għadajjar u kanali ma tistax tibni fuqhom (għalkemm xi bliet nixxfu artijiet mistagħdra u għadajjar, u għalqu xmajjar u xmajriet b'kondjuwits tal-konkrit), u għalhekk jibqgħu swar ta' ħdura u trankwillità fejn veġetazzjoni, ħajja selvaġġa u żvilupp uman jistgħu jgħixu flimkien f'armonija. Xi kultant farms attivi tħallew bla mimsusa fil-proċess tat-tkabbir u baqgħu joperaw, imdawrin bi żviluppi ta' djar u zoni kummerċjali. Spazji ħodor oħrajn tħallew ukoll waħedhom apposta biex jipprovdu opportuniatjiet estetiċi, rikreattivi u edukattivi għan-nies u bħala ħabitat għall-ħajja selvaġġa.

Illum, ambjenti urbani saru djar għal pjanti, insetti u ħajja selvaġġa, minbarra għall-bnedmin. Bil-valutazzjoni ta' karatteristiċi distinti ta' l-ambjent urban, naslu biex nifhmu l-ekoloġija urbana. Komunitajiet ekoloġiċi urbani spiss għandhom karatteristiċi li jiddistingwuhom minn dawk rurali. Maż-żmien huma addattaw irwieħhom għall-preżenza ta' attivitajiet u strutturi umani konċentrati u mmodifikaw l-imġiba tagħhom. Ngħidu aħna, xi speċi li tradizzjonalment kienu jikkaċċjaw jew joħorġu jfitxxu l-ikel tul is-sigħat imdawlin tal-ġurnata adottaw drawwiet aktar notturni biex jaqblu ma' l-ambjenti urbani tagħhom u jevitaw kuntatt mal-bnedmin **(3)**.

Iżda mhux il-ħajja selvaġġa kollha tista' taddatta ruħha għall-ħajja urbana bl-istess faċilità. Għasafar żgħar, ngħidu aħna, jistgħu jaddattaw irwieħhom għal ambjenti umani aktar faċilment minn speċi akbar. Dan għandu x'jaqsam ma' l-aċċessibilità għall-ikel. Frammentazzjoni ta' zoni ħodor ħtija ta' urbanizzazzjoni għandha effetti li jvarjaw fuq mammali akbar. Kif ambjenti urbani jinfirxu f'zoni inqas żviluppati, tikber il-possibiltà ta' aktar kuntatt mal-ħajja selvaġġa – u dan iġib miegħu probabilitajiet ogħla ta' konflitti. It-telliefa immedjata f'każijiet bħal dawn hija l-ħajja selvaġġa, u t-telliefa f'termini ta' tul ta' żmien huma komunitajiet neqsin għalkollox minn riżorsi naturali.

Illum ħafna nies waslu biex jirrealizzaw li l-għajxien f'belt m'għandux għaliex jeskludi l-esperjenza tal-pjaċir li tagħti n-natura. F'ħafna pajjiżi, bliet ħadu passi pożittivi biex ireġġgħu lura l-atmosfera ta' sistemi naturali fl-ambitu tal-konfini urbani tagħhom. Huma jagħmlu l-almu tagħhom biex isiru bliet ekoloġiċi li fihom il-popolazzjonijiet umani u naturali tagħhom jgħixu f'bilanċ armonjuż. Wieħed mill-metodi hu dak tal-provvista ta' aktar siġar u spazji ħodor. Siġar u ħdura jipprovdu aktar minn sempliċi appell estetiku u spazju għal rikreazzjoni. Huma jservu wkoll funzjonijiet ekoloġiċi vitali. Is-siġar jipprovdu dell u jkessħu l-arja. Huma jipprovdu ħabitat għal ħafna speċi ta' għasafar, insetti u ħajja selvaġġa oħra. Inaddfu l-arja billi jassorbu fil-pori żgħar ħafna tal-weraq tagħhom sustanzi li jniġġsu u li waqt il-fotosinteżi jkissruhom f'sustanzi li jagħmlu inqas ħsara.

Bl-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju fl-atmosfera, il-ħżin tal-karbonju u t-tfigħ lura ta' l-ossiġenu fl-atmosfera, is-siġar jgħinu biex jimlew l-arja mill-ġdid u jaġixxu kontra t-tfigħ fl-atmosfera ta' gassijiet li jipproduċu l-effett serra li ġew assoċjati mat-tisħin globali. Diossidu tal-karbonju hu t-tip ewlieni ta' gass li jipproduċi l-effett serra li ħafna minnu hu prodott minn industriji, sistemi ta' tisħin u netwerks ta' trasport fi bliet moderni. Meta jakkumulaw fl-atmosfera ta' fuq, dawn u gassijiet oħra li jagħmlu ħsara ma jħallux l-arja sħuna titla' u jħalluha qrib is-superfiċje tad-dinja. Dan iġib miegħu tisħin gradwali tat-temperaturi medji li jista' eventwalment jikkaġuna bidliet drastiċi fil-mudelli klimatiċi globali **(3)**.

Kunċetti ġodda fid-disinn urban qed jinkorporaw elementi naturali u qed jintegraw aħjar il-bnedmin ma' l-ambjenti tagħhom. Il-ħajja selvaġġa u l-ħdura huma ta' siwi bla qies għas-soċjetà. Mhux biss jgħini biex itaffu ħafna mill-

problemi ambjentali assoċjati ma' l-għajxien urban, iżda għandhom ukoll impatt ekonomiku sostanzjali ħafna. Eżempju ta' dan hu "Il-Proġett Soqfa Ħodor", studju ta' attivitajiet fuq soqfa ħodor li sar f'Toronto, il-Kanada, li sab li l-użu ta' soqfa ħodor kellu benefiċċji ambjentali u soċjali pożittivi. Sofqa ħodor, estensjoni tas-saqaf eżistenti biex jitħawlu siġar u sġajjar ħalli jitilgħu f'medju ħafif, kisbu tifħir bħala strateġija effettiva li tindirizza ħafna kondizzjonijiet ambjentali li jiffaċċjaw ċentri urbani, fosthom l-immaniġġjar ta' ilma tax-xita li jibqa' nieżel u t-tnaqqis tat-tinġis. Ix-xita tinħażen f'materjal veġitattiv fis-saqaf, u hekk tnaqqas ħafna l-fluss ta' ilma għal fuq superfiċji impermeabbli li jkun taħt. L-istudju, li sar mill-Università ta' Ryerson, ikkalkola li l-istallazzjoni ta' xi 5,000 ettaru (fuq soqfa akbar minn 350 metru kwadru) setgħet tiffranka lill-belt $39 miljun (Kanadiżi) fil-kontroll ta' sustanzi li jniġġsu u erożjoni, u  $46 miljun (Kanadiżi) oħra minn spejjeż inqas għall-ħżin ta' l-ilma. Filwaqt li l-ispejjeż għall-istallazzjoni ta' sistemi ta' soqfa ħodor jaqbżu dawk ta' metodi u materjali tradizzjonali, il-benefiċċji pożittivi ambjentali, infrastrutturali u soċjali jaqbżu dawk tal-prattiki konvenzjonali **(4)**. Spazji ħodor u kuntatt mal-ħajja selvaġġa huma tajbin ukoll għas-saħħa, għaliex inaqqsu t-tensjoni u jippromwovu l-eżerċizzju. Fl-aħħarnett, il-preżenza ta' parks u pajsaġġi naturali oħrajn tkabbar il-valur tal-propjetà immobbli u wkoll ir-rabtiet tal-ġirien.

### *1.2.7 Referenzi*


1. European Environmental Agency, Urban Sprawl in Europe: the Ignored Challenge, Report No. 10/2006, http://reports.eea.europa.eu
2. Alberti, Booth and Hill, Marzluff, The Impact of Urban Planning on Ecosystem Dynbamics, Urban Research Initiative: NSF Proposal 1999-2002
3. Schaefer, V., Rudd, H. and J. Vala. 2002. Urban Biodiversity: Exploring Natural Habitat and its Value in Cities. Douglas College Centre for Environmental Studies & Urban Ecology, New Westminster, BC www.psat.wa.gov/Publications/03_proceedings/PAPERS/ORAL/2c_schae.pdf
4. Doshi, D. Report on the Environmental Benefits and Costs of Green Roof Technology for the City of Toronto. Report for City of Toronto and Ontario Centres for Excellence, 2005.
5. http://www.toronto.ca/greenroofs /findings.htm

## *AMBJENT 1.3 – IMMANIĠĠJAR SOSTENIBBLI TA' L-ILMA*

### *1.3.1 Introduzzjoni*

L-ilma hu riżorsa vitali għal kwalunkwe komunità, u f'zoni urbani l-provvista ta' ilma frisk, nadif u li jintlaħaq malajr hi essenzjali. Kolonji bikrin ta' nies twaqqfu ħdejn nixxigħat, xmajjar, għadajjar u/jew zoni kostali minħabba l-aċċessibilità għal għejun kbar ta' ilma għall-konsum u għat-tneħħija ta' l-iskart. Iżda aktar ma l-popolazzjonijiet kibru u l-industrija żviluppat, l-ibliet kellhom ifittxu modi aktar avvanzati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom għall-ilma. Illum, l-ilma u s-sanità huma fost l-ewwel sistemi ta' infrastruttura pubblika li jitqiegħdu f'zoni urbani. Madankollu, il-ħtieġa tal-ħarsein adegwat ta' l-ambjent urban titlob strateġiji dejjem aktar innovattivi u għat-tul biex il-konsum ta' l-ilma u t-trattament u r-rimi ta' ilma li jintrema jkunu mmaniġġjati **(1,2)**.

Politika serja ta' mmaniġġjar ta' l-ilma għandha tinvolvi lill-pubbliku. Minħabba l-kumplessità tal-problema, u billi l-ilma hu propjetà komuni, strateġiji proposti biex jimplimentaw l-iffankar ta' l-ilma u t-tnaqqis jew użu mill-ġdid ta' ilma maħmuġ għandhom ikunu mxerrdin u diskussi fil-wisa'. Politiki għandhom ikunu addattati għas-sitwazzjonijiet u t-tħassib ta' dawk kollha involuti fl-ambitu usa' tal-problema ta' sostenibilità. L-integrazzjoni ta' min hu involut u ta' l-interessi tal-komunità hija kruċjali għal progress li jirnexxi u għal strateġiji sostenibbli. Dan iwassal biex ikunu żviluppati attitudnijiet ta' mmaniġġjar ta' ilma fl-ambitu ta' restrizzjonijiet u realtajiet lokali, u hekk jitfasslu apposta biex jissodisfaw il-ħtiġijiet reali tal-popolazzjoni li tistenna li tinqeda.

### *1.3.2 Immaniġġjar tal-provvista ta' l-ilma*

Bidliet fid-densità u d-distribuzzjoni tal-popolazzjonijiet influwenzaw id-domanda għal riżorsi ta' ilma. Illum, kważi 75% tal-popolazzjoni ta' l-Ewropa tgħix f'zoni urbani u suburbani **(3)**. Hawn id-domanda għall-ilma mistennija tikber sostanzjalment u tikkontribwixxi għal konflitti fuq kif ir-riżorsi ta' l-ilma jkunu allokati kemm f'ambjenti urbani u kemm f'dawk rurali. Dawn se jippreżentaw sfida lill-ħila tal-gvernijiet biex jaddattaw il-pjanijiet tagħhom għall-ħtiġijiet għall-ilma tal-popolazjonijiet tagħhom u biex jissodisfawhom, l-aktar fi żminijiet ta' skarsezza ta' ilma **(4)**. Barra minn hekk, l-Ewropa għandha disparità lokattiva bejn id-domanda għall-ilma u l-aċċessibilità għalih. Ħafna ċentri urbani maġġuri qegħdin fil-partijiet aktar nexfin ta' l-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant, fejn l-aċċessibilità għall-ilma hija limitata minħabba li tagħmel inqas xita u hemm rati ta' evaporizzazzjoni ogħla milli hemm fit-Tramuntana u fil-Punent. Pajjiżi bħal Ċipru, l-Italja, Malta u Spanja, fejn ir-rati ta' l-użu jaqbżu b'20% l-provvista ta' ilma, jitqiesu li qegħdin taħt pressjoni għall-ilma **(5)**.

L-immaniġġjar b'mod sostenibbli tar-riżorsi ta' l-ilma ta' l-Ewropa għandu jqis l-impatt ta' l-urbanizzazzjoni fuq il-kwalità, aċċessibilità u użu ta' l-ilma, u jħalli warajh strateġiji tradizzjonali ta' mitigazzjoni u protezzjoni li spiss iqumu ħafna flus u jidħol għal prattiki ta' provvista u fornitura ta' ilma li jagħtu aktar kas ta' l-ambjent. Aċċessibilità adegwata għall-ilma u kwalità ta' ilma aċċettabbli jolqtu taqsimiet enormi tal-popolazzjoni li joqogħdu f'inħawi urbani. Ngħidu aħna, hu stmat li 140 miljun persuna li jgħixu f'zoni urbani fl-ibliet l-aktar kbar Ewropej issa jgħixu f'zoni ta' esplojtazzjoni żejda tas-saff ta' l-ilma taħt l-art jew qribhom **(6)**. Immaniġġjar kif għandu jkun ta' din ir-riżorsa importanti llum jista' jipprevjeni r-riskju ta' diżordni tal-provvista fis-snin li ġejjin **(7)**. Biex iħejju għar-riskji ġejjin mill-urbanizzazzjoni, il-pjanifikaturi jeħtieġ li jinaqqsu d-dipendenza fuq prattiki mhux sostenibbli u jippromwovu l-konservazzjoni ta' l-ilma.

### *1.3.3 Tnaqqis ta' konsum ta' ilma urban*

L-inkoraġġiment lill-konsumaturi biex inaqqsu l-konsum ta' l-ilma li jużaw x'aktarx li hu waħda mill-istrateġiji ta' mmaniġġjar li jagħtu lura l-valur tal-flus minfuqin. Kwantitajiet kbar ta' ilma jistgħu jkunu salvati minn deċiżjonijiet individwali li jittieħdu kuljum. Dawn li ġejjin jirrappreżentaw ftit modi kif ċittadini individwali jistgħu jgħinu l-provvisti fil-komunitajiet tagħhom:

- Stallazzjoni ta' apparati li jiċċarġjaw l-ilma arjaturi fuq vit tnaqqas l-użu ta' l-ilma bla ma tnaqqas il-pressjoni ta' l-ilma. L-użu ta' arjatur jista' jnaqqas il-konsum ta' l-ilma b'50%
- Kun żgur li viti, kanen u tagħmir ieħor li jgħaddi l-ilma minnhom ikunu ssiġillat sewwa u magħluqin meta ma jkunux qed jintużaw, u hekk telimina t-telf ta' ilma li jnixxi minnhom. It-tnixxija ta' l-ilma tista' titla' għal daqs 70-80% aktar f'zoni urbani
- L-użu ta' rjus ta' doċoċ u żennuni ta' pajpijiet b'effiċjenza għolja għandu impatt fuq l-użu ta' l-ilma mal-komunità kollha
- L-użu ta' sistemi jew apparati ta' bexxiexa mgħammra b'apparat li jżomm il-ħin iħaffef l-iskedar ta' attivitajiet tal-bexx u jagħti irrigazzjoni eżatta lill-pjanti
- Stallazzjoni ta' teknoloġija ta' fluss baxx fil-lokijiet tnaqqas l-użu ta' l-ilma u l-ħala **(8)**.

L-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet tkun teħtieġ l-intervent attiv, dedikat u sostnut ta' dawk li jfasslu l-politika. Dawn għandhom janalizzaw l-ispejjeż u l-benefiċċji tat-teknoloġiji u prattiki l-aktar moderni. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' politiki ġodda għandha l-isfida ta' interessi li jikkompetu kontra xulxin - ambjent, negozju, affarijiet soċjali u kulturali – u trid tkun realizzata fil-konfini ta' mandati nazzjonali u internazzjonali. Medda wiesgħa ta' għodod hija aċċessibbli għal dawk li jfasslu l-politika biex jimplementaw programm ta' konservazzjoni ta' l-ilma:

- Tixrid ta' informazzjoni lil residenti, sidien ta' negozji u oħrajn involuti fuq kif issir konservazzjoni ta' ilma u kif jitnaqqas l-iskart ta' l-ima. L-inklużjoni ta' fuljetti fuq prattiki ta' konservazzjoni ta' ilma mal-kontijiet ta' kull xahar jew perjodiċi hu mezz wieħed minn dawn
- Eżekuzzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni pubblika attivi u viżibbli, bi skedi u objettivi ċari
- Kontroll ta' l-użu ta' l-ilma u tixrid tar-riżultati aġġornati perjodikament jagħti kredibilità u dehra ġenerali imparzjali
- Tfassil ta' skemi ta' tariffi bħal inċentivi negattivi jinkoraġġixxi lil individwi u lil kumpaniji biex iwaqqfu prattiki li joħolqu l-ħala
- L-impożizzjoni ta' konsegwenzi stretti għal attivitajiet desinjati bħala sfavorevoli għal sistemi ta' mmaniġġjar ta' ilma jew li jmorru kontra linji gwida fissi tinkoraġġixxi mġiba responsabbli mill-konsumatur
- L-użu ta' kalkolu tad-domanda bil-miter bħala miżura ta' mekkaniżmu ta' pprezzar ta' l-ilma f'perjodi partikolari u, bl-iċċarġjar ogħla għal użu ta' ilma f'perjodi meta d-domanda tkun l-aktar għolja, jgħin ir-regolamentazzjoni tal-flussi tad-distribuzzjoni ta' l-ilma
- L-użu ta' kontrolluri ta' fluss idrawliku jillimita fiżikament l-ammont ta' ilma aċċessibbli għall-konsumaturi
- It-tnaqqis ta' pressjoni fis-sistema ta' l-ilma jfisser li inqas ilma jingħadda lill-utenti f'perjodu speċifikat ta' ħin
- Sistema ta' tisjib u tiswija ta' tnixxija ttejjeb l-effiċjenza u tkabbar l-aċċessibilità għall-ilma
- L-użu ta' skemi ta' benefiċċji bħala inċentivi pożittivi jinkoraġġixxi lill-konsumaturi biex jgħaddu attivament għall-użu ta' teknoloġiji u strateġiji għat-tnaqqis jew użu mill-ġdid ta' riżorsi ta' l-ilma

- L-immodifikar ta' kodiċijiet ta' bini biex jordna l-istallazzjoni ta' tagħmir ta' plaming li jwassal għal konsum baxx ta' ilma jolqot l-iżvilupp kemm kummerċjali u kemm residenzjali
- Il-provvista ta' inċentivi fiskali, bħal rifużjonijiet u għotjiet, fil-każ ta' l-istallazzjoni ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-użu ta' l-ilma tippremja l-isforzi tal-konsumatur biex jikkonserva l-ilma
- L-offerta ta' krediti lil sidien ta' bini għal titjib kapitali fuq il-post li jtaffi l-ħela ta' ilma, u l-iżvilupp ta' skemi ta' kreditu għall-parteċipazzjoni fl-iċċarġjar mill-ġdid tas-saff ta' l-ilma taħt l-art, huma modi kif il-konsumaturi jistgħu jieħdu sehem fil-konservazzjoni tal-provvista ta' l-ilma lokali
- It-tħawwil ta' speċi nativi li jeħtieġu ammont baxx ta' ilma fi spazji pubbliċi jagħti lok biex ilma jintuża għal skopijiet oħrajn

### *1.3.4 Trattament ta' ilma maħmuġ*

Dawn l-aħħar snin raw titjib drammatiku fit-teknoloġiji tat-trattament ta' ilma maħmuġ, għalkemm l-ammont ivarja minn pajjiż għal ieħor. Il-parti l-kbira tal-popolazzjoni fil-pajjiżi tat-Tramuntana hija konnessa ma' impjanti għat-trattament ta' ilma maħmuġ, iżda nofs in-nies biss fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant għandhom dawn il-faċilitajiet ta' trattament. Ġeneralment, programmi għat-titjib tal-kwalità ta' l-ilma kienu implimentati f'pajjiżi tat-Tramuntana **(9)**. Iż-żmien li għadda jagħti l-opportunità biex ma jsirux l-iżbalji li saru qabel. Ngħidu aħna, id-deċiżjoni li ma jintużawx kanen taċ-ċomb fil-konnessjonjiet għal mad-djar fil-pajjiżi Nordiċi kienet ibbażata fuq il-fatt li dan il-materjal sar problema ta' saħħa f'xi partijiet ta' l-Ewropa **(10)**.

It-trattament ta' ilma maħmuġ hu proċess kontinwu u għandu ramifikazzjonijiet sinifikanti għal tħassib ambjentali, sanitarju u soċjali **(11)**. It-trattament ta' ilma maħmuġ jista' jinvolvi sa tliet proċessi separati biex jittrasforma ilma li jidħol f'ilma li joħroġ "li ma jagħmilx ħsara." <u>It-trattament primarju</u> jinvolvi s-separazzjoni mekkanika u t-tneħħija ta' skart solidu mill-ilma maħmuġ (jiġifieri permezz ta'  skrins għal filtrazzjoni, filtri li jneħħu n-naqal u tankijiet għas-sedimentazzjoni) u t-tneħħija ta' sustanzi li ma jinħallux fl-ilma bħal żjut (jiġifieri bit-tneħħija ta' partikli mill-wiċċ jew li jkunu niżlu fil-qiegħ). <u>It-trattament sekondarju</u> jinvolvi kull taħlita ta' trattamenti bijoloġiċi inklużi l-użu ta' drenaġġ attivat f'tankijiet aerati, filtri li jqattru, u laguni, li jintensifikaw il-qgħad fil-qiegħ tas-solidi li jkunu baqgħu fi drenaġġ. <u>It-trattament terzjarju</u>, l-aktar wieħed avvanzat, jutilizza metodi ta' diżinfettanti kimiċi qabel ma l-ilma ttrattat jintefa' lura fl-ambjent (jiġiferi t-tneħħija bi proċessi kimiċi, bijoloġiċi jew oħrajn ta' sustanzi fosforiċi, nitroġenu, u sustanzi oħrajn li jkun hemm). Aktar minn 70% ta' l-ilma maħmuġ fl-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, L-Olanda u l-Iżvezja jgħaddi mit-tliet livelli kollha, filwaqt li 10% biss jirċievi trattament terzjarju fl-Ewropa tan-Nofsinhar. Ilma maħmuġ li ma jkunx ittrattat kif għandu jkun hu problema serja għal persuni domestiċi, billi sustanzi li jikkontaminaw meta joħorġu mit-trattament jheddu s-saħħa tal-bnedmin u jikkostitwixxu riskji serji għall-bijodiversità.

### *1.3.5 Strateġiji għat-tnaqqis ta' ilma maħmuġ*

L-ilma malajr jassorbi t-tinġis u jista' jmexxih distanzi twal mis-sors tiegħu, ħaġa li jkollha riperkussjonijiet ma' l-ekosistema kollha. Il-prattika li jkun evitat ilma maħmuġ u strateġiji għat-tnaqqis fil-bidu tal-proċess tal-produzzjoni ta' skart iħaffef il-piż fuq iċ-ċiklu ta' trattament li jkun imiss. Hemm ħafna għażliet disponibbli, kemm sempliċi u kemm aktar avvanzati teknoloġikament, biex dan il-proċess jitħaffef.

- Xħit ta' karta iġjenika f'reċipjenti fejn ma jkunx hemm trattament adegwat ta' l-iskart – bħal fil-każ ta' ħafna bliet mal-kosta jew fi gżejjer fejn l-infrastruttura addattata għad m'hix stabbilita

- Tnaqqis tal-konsum ta' l-ilma għar-rimi ta' skart (użu żejjed ta' ilma tat-tojlet, eċċ.)
- Rimi ta' kimiċi jew komposti tossiċi postijiet li m'humiex konnseei mais-sistema ta' l-ilma
- Tneħħija u bdil f'kòmpost ta' materjali organiċi
- Stallazzjoni ta' tojlets li jaħdmu bil-vakwu biex jitnaqqas l-ilma maħmuġ
- Ġbir ta' ilma tax-xita permezz ta' sistemi, bħal kontenituri fuq is-soqfa ta' bini li jaqbdu l-ilma qabel ma jasal ma' l-art u jitħallat ma' sustanzi li jniġġsu. Dan l-ilma jista' jintuża għall-bexx ta' spazji pubbliċi, tindif ta' toroq u bankini, u skopijiet oħrajn
- Adozzjoni u infurzar ta' leġiżlazzjoni addattata li tikkontrolla t-tinġis ta' l-ilma jistgħu jirregolaw it-tixrid tat-tinġis qabel joħroġ mis-sors
- Inkorporazzjoni ta' teknoloġija għal soqfa ħodor f'kostruzzjoni ta' bini tipprovdi benefiċċji ta' enerġija u konservazzjoni ta' ilma, iżżomm l-integrità strutturali, toffri vantaġġi estetiċi u tnaqqas it-temperatura urbana

*Miżuri oħrajn mhux strutturali aċċessibbli għal dawk li jfasslu l-politika jinkludu dawn il-ġejjin:*

L-ippjanar għall-inklużjoni ta' superfiċji permeabbli f'zoni urbani jiffaċilita l-infiltrar ta' ilma tax-xita fl-art. Dawn is-superfiċji permeabbli huma l-mod kif in-natura tneħħi sustanzi li jniġġsu u tutilizza nutrienti fl-ilma, u jgħinu biex jinżammu l-livelli tas-saff ta' l-ilma taħt wiċċ l-art. Parkeġġi tal-karozzi u zoni rikreattivi joperaw tajjeb ukoll kemm b'superfiċji permeabbli u kemm b'dawk impermeabbli

Ir-rabta ta' l-immaniġġjar ta' l-ilma ma' l-ortikultura fid-disinn urban u l-iżvilupp tista' tiffaċilita wkoll l-assorbiment ta' l-ilma tax-xita. Ngħidu aħna, it-tfassil tal-pajsaġġ li jqis l-inklinazzjoni ta' l-art u t-tħawwil biex jinħoloq id-dell jistgħu jnaqqsu l-fluss ta' l-ilma li jintrema

Ir-regolamentazzjoni ta' attivitajiet ta' kostruzzjoni, bħall-estrazzjoni ta' minerali, tista' tinfluwenza l-kwalità tas-saff ta' ilma taħt wiċċ l-art

Il-kontroll ta' riċevituri ta' ilma maħmuġ, kemm fil-proċess tat-trattament ta' ilma maħmuġ, kemm f'zoni akwatiċi u kemm f'zoni ta' art madwarhom jipprovdi mezzi għall-kontroll ta' rimi li jikkaġuna tinġis sa minn fejn ikun ħiereġ

L-investiment f'teknoloġiji u metodi ġodda ultimament iservi biex ikabbar is-sostenibilità ta' l-immaniġġjar u l-użu ta' l-ilma

### *1.3.6 L-impatt ta' l-iżvilupp urban*

Ma' l-iżvilupp ta' l-ibliet, karatteristiċi naturali u veġetazzjoni ħadulhom posthom il-kostruzzjoni ta' bini, zoni pavimentati, faċilitajiet ta' trasportazzjoni, industriji, skejjel, eċċ., li rriżultaw f'aktar superfiċji impermeabbli fejn l-ilma ma setax ikun assorbit fl-art. Dan iċaħħad lill-ambjent mill-ħila naturali tiegħu li jassorbi ilma li jiġri, u jżomm l-ilma. Fil-Ġermanja, ngħidu aħna, hu stmat li 52% tal-ħamrija f'zoni mibnijin m'għadhiex kapaċi tassorbi ilma **(12)**. B'mod ġenerali, xi 800,000 ettaru ta' art fl-Ewropa saru urbanizzati bejn is-sena 1990 u s-sena 2000 **(13)**, u t-tnaqqis li rriżulta fl-iċċarġjar mill-ġdid tas-saff ta' l-ilma taħt wiċċ l-art sar problema f'ħafna zoni, bħal fl-Ewropa tan-Nofsinhar fejn id-deżertifikazzjoni taraha u tmissha **(14)**. Hu stmat li 60% tar-riżorsi tas-saff ta' ilma taħt wiċċ l-art f'zoni urbani ġew esplojtjati żżejjed, jiġifieri qed jitneħħa aktar ilma mill-art milli qed jidħol fiha b'mod naturali **(15)**. Dan jista' jwassal għal kavitajiet li fihom l-ilma ma jibqax jidher, ċediment ta' l-art u kwistjonijiet oħra ta' mmaniġġjar strutturali. Saff aktar baxx ta' ilma taħt wiċċ l-art jista' jitlob it-tħaffir ta' bjar biex jitħaffef l-iċċarġjar tagħhom. Iċċarġjar mill-ġdid inqas jikkaġuna wkoll għargħar, dħul ta' naqal fi xmajjar u xmajriet, konċentrazzjoni ta' tossini, ewtrofikazzjoni, u għadd bla qies ta' problemi oħrajn ta' kwalità ta' ilma. L-ilma li jibqa' jiġri wara maltempati spiss jitħallat ma' sustanzi li

jikkontaminaw ġejjin minn karozzi, deterġenti użati fid-djar, u skart perikoluż ieħor, u eventwalment jispiċċa fi xmajjar u xmajriet. L-ilma jista' jsir għajn ta' ilma għal komunitajiet aktar 'l isfel fil-korsa ta' xmara, u tkun jeħtieġ trattament estensiv qabel jintuża.

### *1.3.7 Protezzjoni mill-għargħar*

L-Ewropa kellha l-esperjenza ta' aktar minn 100 okkażjoni ta' għargħar maġġuri bejn is-sena 1998 u s-sena 2004, u l-urbanizzazzjoni, għalkemm m'hix responsabbli waħedha, ikkontribwixxiet b'mod sinifikanti għal dan **(8)**. Żvilupp akbar inaqqas l-aċċessibilità ta' sponoż naturali, bħal artijiet mistagħdra, u jitfa' kwantitajiet kbar ta' ilma fi xmajriet, għadajjar u xmajjar. Ultimament, ekosistemi lokali ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' flussi ta' ilma aktar minn ċertu livell, u hekk jikber ir-riskju ta' l-għargħar. It-tneħħija tal-veġetazzjoni biex takkomoda l-kostruzzjoni tneħħi wkoll barrieri naturali li soltu jżommu l-fluss ta' l-ilma. Għargħar jista' jiġi jqum ħafna għal bliet f'termini ta' ħasra estensiva lil propjetà u mwiet ta' nies, u wkoll f'termini ta' kontaminazzjoni akbar, billi l-ilma jġorr 'l isfel sustanzi li jniġġsu **(9)**. Ċentri urbani investew bil-kbir biex jipproteġu l-assi tagħhom, bħal ċentri kummerċjali u distretti tan-negozju. Iżda l-azzjonijiet tagħhom jistgħu jitfgħu r-riskju ta' l-għargħar lejn zoni oħrajn. Hekk, il-kontroll ta' l-għargħar u l-immaniġġjar ta' l-ilma jridu jkunu ttrattati minn perspettiva reġjonali **(10)**.

Hemm ħafna modi kif jitnaqqas ir-riskju ta' l-għargħar f'zoni urbani u madwarhom. Zoni suxxettibbli għal għargħar ta' spiss jistgħu jkunu żviluppati f'parks rikreattivi, billi dawn jistgħu jifilħu għargħar ta' kultant mingħajr ħsara sinifikanti. Bini u pontijiet jistgħu jitgħollew u jitħarsu b'ħitan għal kontra l-għargħar. Sistemi ta' drenaġġ jistgħu jkunu estiżi biex jassobru aktar dħul ta' ilma minn postijiet fil-għoli. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' l-art li tassorbi l-ilma tista' tittejjeb b'sistemi bħal trinek għall-infiltrazzjoni u bankini permeabbli **(11)** li jista' jkollhom toqob integrati fil-kostruzzjoni tat-triq ħalli jassorbu l-ilma u jnaqqsu l-ilma li jkun għaddej għal ġo xmajjar u għadajjar.

### *1.3.8 Kwistjonijiet fuq il-kwalità ta' l-ilma*

Livelli ogħla ta' nitroġenu u fosfru fi xmajjar u xmajriet li jiġu minn kimiċi maħdumin mill-bniedem u li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni, u materjali tossiċi li jikkontribwixxu għall-avvelenament ta' l-ilma u problemi ta' saħħa, saru kwistjonijiet importanti ta' mmaniġġjar f'ħafna zoni urbani. Fost il-konsegwenzi l-aktar drammatiċi hemm it-telf tal-ħajja akwatika. Kważi 20% ta' l-ispeċi ta' ħut ta' l-ilma ħelu jew huma estinti jew qegħdin fil-periklu li jkunu estinti **(12)**, u ċentri urbani qed jikkontribwixxu għal din il-problema. Kampjuni minn xmajriet u ta' ħut minn zoni urbanizzati fihom aktar pestiċidi u f'konċentrazzjonijiet akbar minn dawk f'zoni agrikoli. Popolazzjonijiet ta' insetti akwatiċi ntlaqtu wkoll minn konċentrazzjoinjiet kimiċi. Prattiki ta' mmaniġġjar ta' l-ilma biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' tajn mogħni bil-fostat u l-istallazzjoni f'impjanti ta' drenaġġ 'il fuq fix-xmajriet ta' tagħmir li jnaqqas il-fosfati **(13,14)**.

L-aċidifikazzjoni ta' ilmijiet tal-wiċċ minn tinġis ta' l-arja hu fenomenu reċenti li għalih ċentri urbani huma kontributur maġġuri. Filwaqt li xita aċiduża tista' ssir fl-interazzjoni ta' ossiġnu fl-arja ma' sorsi sulfuriċi naturali li jitfgħu s-sustanzi tagħhom 'il barra, bħal vulkani, trab misjuq mir-riħ u raxx tal-baħar, f'zoni urbanizzati ossidi tan-nitroġenu minn emissjonijiet tal-karozzi huma s-sors ewlenija. Ix-xita aċiduża tħalli impatt fuq l-ekosistemi akwatiċi, fuq il-ħamrija u fuq it-tkabbir tal-pjanti. Intwera wkoll li għandha effett indirett fuq is-saħħa umana, partikolarment fuq diżordnijiet respiratorji, u tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tlissija ta' tossiċi bħal merkurju li jidħlu fis-sistema ta' l-ilma bħala ilma li jimxi **(16)**.

### *1.3.9 Ir-riċiklaġġ ta' l-ilma*

Ir-riċiklaġġ ippjanat ta' l-ilma hu komplement vijabbli għall-provvisti ta' ilma naturali. Dan mhux biss itaffi l-pressjoni fuq id-domanda għall-provvista ta' ilma tax-xorb, imma jnaqqas ukoll l-ammont ta' ilma maħmuġ li altrimenti jerġa' jidħol fis-sistema tal-provvista ta' ilma. Fl-imgħoddi r-riċiklaġġ ta' l-ilma kien użat l-aktar għal skopijiet agrikoli, iżda d-domanda urbana akbar għal ilma wasslet għall-ħtieġa ta' applikazzjonijiet aktar innovattivi ta' l-użu mill-ġdid ta' l-ilma.

Il-parti l-kbira ta' flussi ta' ilma użat fid-djar hija mniġġsa b'kimiki minn skart relatat mas-sapun. Dan jista' jitqies bħala "*skart ta' ilma domestiku*" li jista' jintuża mill-ġdid b'varjetà ta' modi **(33)**:

- Direzzjoni mill-ġdid ta' ilma wara doċċa u użijiet għall-ħasil biex l-ilma jintuża għall-ifflaxxjar jiffranka l-użu ta' ilma normali. Dan m'hux kunċett ġdid; studju partikolari sab li din is-sistema naqqset l-użu ta' ilma normali bi 23% f'komunità waħda **(34)**
- Skart ta' ilma domestiku jista' jintuża wara li jkun iffiltrat jew mingħajr ma jkun iffiltrat għall-irrigazzjoni ta' pjanti u siġar f'siti residenzjali f'inħawi urbani.
- L-integrazzjoni ta' agrikultura urbana fuq art fi bliet u madwarhom tista' tieħu vantaġġ minn sorsi urbani ta' skart ta' ilma domestiku filwaqt li ssostni l-provvista urbana ta' l-ikel. Farms fl-ibliet diġà huma attivi f'pajjiżi Ewropej bħad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit
- Il-ħolqien ta' farms idroponiċi urbani jista' juża skart ta' ilma domestiku urban li hu aċċessibbli ħafna u li jġib miegħu wkoll il-benefiċċji li jkollok inqas ħtieġa ta' ilma u ħamrija milli jkollok f'farms urbani konvenzjonali **(35)**
- L-użu ta' skart ta' ilma domestiku urban għal sistemi ta' irrigazzjoni ta' zoni agrikoli fil-qrib kull fejn hu possibbli jista' jkun soluzzjoni ekonomikament tajba fejn il-provvista ta' l-ilma m'hijiex kbira, bħal fil-każ tar-reġjuni aktar nexfin tan-Nofsinhar ta' l-Ewropa
- It-tisfija ta' ilma maħmuġ u ilma tax-xorb permezz ta' teknoloġiji solari moderni bħal distillaturi solari li jużaw evaporazzjoni u kondensazzjoni naturali biex isaffu impuritajiet li jkunu fl-ilma. Distillaturi solari jistgħu saħansitra jintużaw biex tagħmel ilma tax-xorb minn ilma baħar, u dan hu utli ħafna f'reġjuni fejn hemm ammonti kbar ta' dawl tax-xemx.

### *1.3.10 Uża mill-ġdid ta' skart li jinġarr mid-drenaġġ*

L-immaniġġjar ta' ammonti kbar ta' materjal li jitħallat mad-drenaġġ prodott f'impjanti għat-trattament ta' ilma maħmuġ sar problema. Aktar ma tkun kbira l-konċentrazzjoni tal-popolazzjoni assoċjata ma' impjanti ta' trattament, aktar ikun prodott dan il-materjal. Dan il-materjal fid-drenaġġ hu mimli sustanzi li jikkontaminaw u li r-rimi tagħhom l-aktar li jsir hu billi jitferrxu fuq il-ħamrija, jkunu depożitati fuq miżbliet, jew jinħarqu f'inċineraturi. Aktar milli jeħles mit-tinġis, dan il-proċess sempliċement jittrasferih band'oħra.

It-tħassib partikolari dwar l-użu mill-ġdid ta' materjal fid-drenaġġ ġej mir-riskji u l-inċertezzi ta' l-interazzjoni bejn sustanzi kimiċi li jkunu fil-materjal ma' dawk li jkunu fl-ambjent naturali. Madankollu, dan il-materjal fih sustanzi siewja bħal fosfru li jista' jintuża mill-ġdid għal skopijiet ta' agrikultura u/jew għal ħtiġijiet ġenerali ta' mmaniġġjar ta' l-art. Fl-Awstrija nstab li jekk it-tneħħija tal-fosfru mill-materjali li jkun hemm mad-drenaġġ tkun mill-inqas 90% effiċjenti, din tista' tagħmel tajjeb għal sa 35% ta' fertilizzanti minerali fil-pajjiż **(36)**. Billi l-fosfru hu element li ftit hawn minnu u hawn domanda kbira għalih, avvanzi fl-

irkupru ta' sustanzi daqstant siewja jkunu ta' benefiċċju għall-industriji li jutilizzaw ir-riżorsi u jġibu magħhom il-benefiċċju miżjud tat-tnaqqis ta' l-impatt li jiddegrada li kien ikollu kieku kellu jintefa' fl-ekosistema ta' madwaru. Iżda materjal li jkun hemm mad-drenaġġ ikun fih materjali mhux mixtieqa bħal metalli tqal u sustanzi oħrajn li jikkostitwixxu theddida diretta lill-bnedmin u lill-ħajja selvaġġa, u l-kontenut attwali ta' dan ir-residwu mitfugħ lura fl-ambjent jiddependi ultimament fuq il-grad ta' avvanz teknoloġiku fil-faċilitajiet tat-trattament .

### *1.3.11 Referenzi*


Biswas, Asit K. "Ancient Urban Water Supply Systems," GeoJournal 1 I. 3/1985; p. 207.

European Commission. Water, Time, and European Cities; History Matters for the Futures, Juuti P. and Katko T. eds., part of WaterTime Project under Fifth Framework Programme, 2005.
http://www.watertime.net/Docs/WP3/WTEC.pdf

European Environment Agency. The European Environment, State and Outlook 2005, Luxembourg, 2005.
http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf

Amarasinghe, U., Mutuwatta, L., and Sakthivadivel, R. Water Scarcity Variations within a Country. International Water Management Institute, 1999.
http://www.iwmi.cgiar.org/pubs/Pub032/RR032.htm

European Environment Agency. The European Environment, State and Outlook 2005, Luxembourg, 2005.
http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf

UNEP and European Environment Agency. Water Stress in Europe-can the challenge be met? 1997.
http://www.unep.ch/roe/publications/assessment/01_eurowater.pdf

Flack E., Weakley W., Hill D. Achieving Urban Water Conservation, a Handbook, Colorado Water Resources Research Institute, Completion Report No. 80, Colorado State University, 1977.
http://cwrri.colostate.edu/pubs/series/completionreport/cr80.pdf

UNEP and European Environment Agency. Water Stress in Europe-can the challenge be met? 1997.
http://www.unep.ch/roe/publications/assessment/01_eurowater.pdf

European Environment Agency. Urban Waste Water Treatment.
http://epaedia.eea.europa.eu/page.php?pid=521#galleryhere

European Commission. Water, Time, and European Cities; History Matters for the Futures, Juuti P. and Katko T. eds., part of WaterTime Project under Fifth Framework Programme, 2005.
http://www.watertime.net/Docs/WP3/WTEC.pdf

Salgot, M., Verges, C., and Angelakis, A.N. "Risk assessment in wastewater recycling and reuse," Water Science and Technology: Water Supply, Vol. 3 No. 4, 2003.

European Environment Agency. Urban Sprawl in Europe, the Ignored Challenge, EEA Report No. 10, 2006
http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2006_10/en/eea_report_10_2006.pdf

European Environment Agency. The European Environment, State and Outlook 2005, Luxembourg, 2005.
http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en/SOER2005_all.pdf

European Environment Agency. Urban Sprawl in Europe, the Ignored Challenge, EEA Report No. 10, 2006. http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2006_10/en/eea_report_10_2006.pdf

European Commission. Water, an Essential Resource, LIFE and the new European water policy, 2002. http://ec.europa.eu/environment /life/result/water_en.pdf
Ecologic, Institute for International and European Environmental Policy. Article review of “Flood risk management in Europe-the development of a common EU policy,” International Journal of River Basin Management Vol.3, No.2, p. 97-103. http://www.ecologic.de/modules.php?name= News&file=article&sid=1881
US Geological Survey. The Effects of Urbanization on Water Quality. http://ga.water.usgs.gov/edu/urbanquality.html
USER-Unit for Social and Environmental Research. The science and practice of flood disaster management in urbanizing monsoon Asia workshop, Thailand, April 2007.
http://www.sea-user.org/download_pubdoc.php?doc=3348
Konrad, C.P. US Geological Survey. Effects of Urban Development on Floods, fact sheet 076-03. http://pubs.usgs.gov/fs/fs07603/
Vlavianos-Arvanitis, A., Environmental Dimensions in Agriculture Forestry and Food Production, Biopolitics International Organization, 2004.
Global Development Research Center. Urban Water Pollution. http://www.gdrc.org/uem/water/watershed/urban-water-pollution.html
Broads Authority. Lowering Nutrient Levels, United Kingdom.
http://www.broads-authority.gov.uk/projects/barton-broad/loweringnutrient-levels.html
Environmental Literacy Council. Acid Rain.
http://www.enviroliteracy.org/article.php/2.html
Flack E., Weakley W., Hill D. Achieving Urban Water Conservation, a Handbook, Colorado Water Resources Research Institute, Completion Report No. 80, Colorado State University, 1977.
http://cwrri.colostate.edu/pubs/series/completionreport/cr80.pdf
Kroiss, Helmut and Zessner, Matthias. “Sustainable Sludge Management,” Wastewater Treatment and WFD Implementation in CEE Danube Countries, 2005.

### *1.4.1 Introduzzjoni*

It-tkabbir ekonomiku tul l-aħħar seklu kien ugwali għaż-żidiet fl-ammont ta' skart solidu li tipproduċi s-soċjetà. Tbassir ekonomiku jindika li l-ġenerazzjonni ta' ċerti tipi ta' skart se tirdoppja sas-sena 2025, filwaqt li skart muniċipali hu mistenni li jiżdied b'25% sas-sena 2020. Iċ-ċifri preċiżi jvarjaw skond il-pajjiż, iżda l-ġenerazzjoni ta' skart muniċipali hi proġettata li tikber b'aktar għaġla fl-istati membri ġodda. Barra minn hekk, hemm korrelazzjoni ċara bejn il-konċentrazzjoni ta' popolazzjonijiet u l-ġenerazzjoni ta' skart muniċipali. Fost l-istati membri ta' l-UE-15, ngħidu aħna, il-ħames pajjiżi l-aktar popolati – il-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza, l-Italja u Spanja – jiġġeneraw 80% ta' l-iskart muniċipali kollu. U l-istess jgħodd għall-10 stati membri ġodda, li fosthom il-Polonja u l-Ungerija jipproduċu xi 65% ta' l-iskart totali **(1)**.

L-objettiv ġenerali ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart solidu urban hu li jinġabar, ikun ittrattat u jintrema skart solidu ġġenerat mill-gruppi tal-popolazzjoni urbana kollha b'manjiera ambjentalment u soċjalment sodisfaċenti bl-użu tal-mezzi l-aktar ekonomiċi disponibbli. L-impatti ambjentali u soċjo-ekonomiċi ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart jistgħu jkunu sinifikanti u mifruxin ħafna; hekk, l-immaniġġjar kif għandu jkun ta' l-iskart hu ċentrali għal żvilupp sostenibbli **(2)**. Ix-xogħol tal-provvista ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' skart solidu ġeneralment jaqa' fuq awtoritajiet lokali, u l-parti l-kbira tal-liġijiet tal-gvernijiet lokali jagħtuhom propjetà esklussiva, u għalhekk responsabbiltà, ta' l-iskart darba dan ikun tqiegħed barra dar jew stabbiliment biex jinġabar. L-għażla predominanti hi li l-iskart muniċipali jintrema f'miżbla kontrollata. Għażla oħra hija l-inċinerazzjoni, għalkemm hu dan l-aħħar biss li kien hemm żieda fl-inċinerazzjoni ta' skart muniċipali **(1)**. Mudelli kurrenti ta' konsum, flimkien ma' attivitajiet ta' negozju u kummerċjali, ikattru l-ħin kollu l-ammont ta' skart solidu prodott mill-ibliet, u għaldaqstant l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-immaniġġjar sostenibbli ta' skart urban hija vitali għal ambjent urban san **(3)**.

### *1.4.2 Prevenzjoni u tnaqqis ta' skart*

Il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-iskart – ġeneralment imsejjħin "waste minimisation" fir-Renju Unit - kienu kunċetti importanti fis-settur kummerċjali u industrijali sa mis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor. Fil-kuntest ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart urban, dan jista' jkun definit bħala: approċċ sistematiku għat-tnaqqis ta' l-iskart fejn ikun prodott, permezz ta' ottimizzazzjoni ta' proċessi u proċeduri, iżda bl-esklużjoni ta' l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ lilhinn mis-sit. Bħala tali, din hija soluzzjoni ideali għall-immaniġġjar ta' l-iskart billi skart li ma jkunx prodott fis-sors ma jkollux għaliex jintrema. Dan isostni żvilupp sostenibbli billi jrawwem bidliet vantaġġjużi għall-ambjent fil-mudelli tal-produzzjoni u l-konsum. Eżempji ta' prevenzjoni ta' skart li jista' jnaqqas it-tinġis fil-miżbliet kontrollati u fl-ambjent jinkludu d-donazzjoni ta' telefons ċellulari qodma u kompjuters qodma, fotokopjar fuq iż-żewġ naħat ta' karta, u l-użu ta' inqas materjali perikolużi fil-proċess tal-manifattura. B'mod partikolari, il-prevenzjoni tal-produzzjoni ta' l-iskart tista' tgħin biex jonqsu **(4)**:

- id-domandi għal riżorsi naturali li jispiċċaw u l-impatti ambjentali ta' estrazzjoni u ħsad ta' riżorsi
- l-impatti tat-trasport li spiss huma daqstant sinifikanti fil-valutazzjonijiet ġenerali tas-saħħa u l-ambjent
- il-ħtieġa għal faċilitajiet għal skart bħal miżbliet kontrollati u inċineraturi
- l-ispiża ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart, u hekk jinħelsu aktar riżorsi meħtieġa għal investimenti prijoritarji oħrajn, bħal teknoloġija aktar nadifa, edukazzjoni pubblika u kura tas-saħħa

L-użu tat-terminu *waste minimisation* f'relazzjoni ma' l-iskart muniċipali jista' jqarraq. Skond l-OECD, ħafna mid-dinja żviluppata industrijalment tuża dan it-terminu biex tiddeskrivi diversiv mir-rimi li jkopri l-evitar, it-tnaqqis fis-sors, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. F'xi każijiet, l-irkupru ta' enerġija bis-saħħa ta' l-inċinerazzjoni hu wkoll meqjus bħala *waste minimisation*. Iżda t-terminu *waste prevention* jintuża biss għall-ewwel tlieta minn dawn u jeskludi r-riċiklaġġ u l-irkupru ta' enerġija permezz ta' inċinerazzjoni.

Attitudnijiet pożittivi lejn il-*waste minimisation* fin-negozji jista' jgħin biex jissaħħu attitudnijiet pożittivi fid-djar, u viċeversa. Essenzjalment, il-prevenzjoni ta' l-iskart (WP) fil-kuntest domestiku għandha tmur lilhinn mir-riċiklaġġ u tfittex li tibdel l-imġiba tal-membru tal-familja jew tal-konsumatur biex ikollu l-attitudni aktar imdawla li tinsab f'xi pajjiżi Ewropej bħall-Iżvezja, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Olanda **(4,5)**. Wieħed jista' jaraha bħala mera ta' l-attitudni li ħadet l-industrija biex ittejjeb l-"effiċjenza fl-użu tar-riżorsi" li biha inċentivi bħat-tnaqqis ta' spejjeż jistgħu jfasslu l-imġiba tal-konsumatur fir-rigward ta' prattiki addattati ta' *waste minimisation*. Filwaqt li r-riċiklaġġ ta' l-iskart jista' jżid l-ispejjeż (meta spejjeż għall-ġbir u ssortjar, ngħidu aħna ta' fliexken tal-plastik imħalltin, jaqbżu l-ispejjeż evitati ta' miżbliet kontrollati u dħul minn materjali meħudin flimkien), it-tnaqqis ta' l-iskart kważi dejjem inaqqas l-ispejjeż. Inqas ma jkun l-ammont totali, inqas ikun il-kont ta' l-iskart u jkun hemm aktar li jista' jintefaq għall-edukazzjoni, kura tas-saħħa u nefqiet oħra fis-settur pubbliku **(6)**.

### *1.4.3 Riċiklaġġ*

Ir-riċiklaġġ ta' l-iskart intwera li għandu vantaġġi sinifikanti. Dan inaqqas l-impatti ambjentali li jirriżultaw mit-trattament u r-rimi ta' l-iskart; jista' jwassal għal iffrankar sinifikanti ta' enerġija filwaqt li fl-istess ħin itawwal il-ħajja ta' materjali grezzi u jkattar kemm jista' jkun il-valur estratt tagħhom. Fl-aħħarnett, billi jinvolvi direttament lill-pubbliku, iwassal għal aktar għarfien ta' l-iskart bħala problema. Madankollu, ir-riċiklaġġ ukoll jippreżenta problemi u żvantaġġi li jridu jkunu mmaniġġjati. Dawn jinkludu l-ispejjeż u l-impatti ambjentali tal-ġbir, trasport u pproċessar; in-nuqqas ta' stabbilità fis-suq ta' materjali riċiklati; u d-dehra ta' banek u ċentri tar-riċiklaġġ **(7,2)**.

Fis-snin reċenti ttieħdu għadd ta' miżuri għall-promozzjoni tar-riċiklaġġ, fosthom: it-tqegħid tar-responsabbiltà legali fuq l-awtoritajiet lokali biex jiddeterminaw x'arranġamenti jistgħu raġonevolment isiru għar-riċiklaġġ ta' l-iskart u l-provvista ta' faċilitajiet; l-introduzzjoni ta' sistema ta' kreditu lil awtoritajiet lokali fil-każ ta' skart imneħħi miċ-ċiklu ta' l-iskart biex dan ikun riċiklat; u t-tqegħid ta' responsabbiltà fuq produtturi biex jirriċiklaw materjal ta' ppakkjar. Għalkemm it-teknoloġija żviluppat b'mod sinifikanti fl-aħħar ftit snin, għadu impossibbli li kollox ikun riċiklat **(4)**. Il-kostitwenti riċiklabbli "indaf" kollha jammontaw għal xi 40% taċ-ċiklu ta' skart miġbur mid-djar.

### 1.4.4 X'jinfluwenza l-imġiba fil-każ tar-riċiklaġġ?

Għalkemm ir-riċerka wriet li ħafna nies għandhom attitudnijiet ambjentali pożittivi, dawn m'hux neċessarjament iwasslu għal imġiba favur l-ambjent. Hemm għadd ta' fatturi li jistgħu jaffettwaw l-imġiba tan-nies u jgħollu r-rati tar-riċiklaġġ. Hawn taħt hawn miżuri li jistgħu jkunu adottati faċilment minn awtoritajiet lokali **(8)**.

- *Tkabbir tal-konvenjenza:* Meta r-riċiklaġġ isir aktar konvenjenti, dan ġeneralment ikabbar il-parteċipazzjoni u jiġġenera sens ta' responsabbiltà. Waħda mill-influwenzi importanti fuq ir-riċiklaġġ hija s-sistema pprovduta mill-awtoritajiet lokali. Serħan fuq membri tal-familji biex jieħdu l-fliexken, gazzetta eċċ. tagħhom f'banek ta' riċiklaġġ jirriżulta

f'livelli aktar baxxi ta' materjali riċiklati billi mhux kulħadd għandu aċċess għal siti ta' trasport jew ġbir qrib daru. Madankollu, arranġamenti konvenjenti jistgħu jqiegħdu l-pedamenti u ma jitqisux bħala interventi apposta.

- *Premjijiet*: Premjijiet jistgħu jkollhom rwol utli bħal strateġiji 'foot-in-the-door', iżda m'humiex se jibdlu n-nies f'riċiklaturi konvinti. Il-benefiċċji ġeneralment huma limitati għal sakemm idum l-intervent tal-premju mistenni. **(2)**.
- *Suġġerimenti u tfakkir:* Meta residenti jitolbu "'aktar informazzjoni" spiss iridu jgħidu li jridu xi ħaġa li tfakkarhom b'mod ċar u konċiż x'għandhom jirriċiklaw, kif u meta. Dan it-tfakkir jgħin biex tikber il-parteċipazzjoni, iżda għandu jingħad b'mod meqjus, newtrali u b'referenza għall-ġid tal-komunità.
- *L-impenn tar-residenti:* L-att sempliċi li wieħed jistaqsi lil residenti biex jiffirmaw l-impenn tagħhom favur ir-riċiklaġġ instab li jkabbar il-parteċipazzjoni. Din hija strateġija inizjali tajba fil-każ ta' zoni li għandhom rata baxxa ta' parteċipazzjoni. Xi forma ta' monitoraġġ għandha tiżgura li l-impenn jinżamm.
- *Iffissar ta' miri:* Jekk jistgħu jkunu identifikati miri li jagħmlu sens, dawn joħolqu norma pubblika għar-riċiklaġġ. *Street leaders* jistgħu jintużaw biex jgħaqqdu din l-influwenza soċjali ma' tfakkiriet li jservu ta' strument favur ir-riċiklaġġ. F'dan il-każ, residenti kommessi jistgħu jaqblu li jimmotivaw lill-ġirien u jfakkruhom biex jirriċiklaw.
- *Għoti ta' reazzjoni meta jkun hemm parteċipazzjoni:* Ir-reazzjoni dejjem instab li kabbret il-parteċipazzjoni. Hemm ukoll evidenza li interventi reattivi jistgħu jkunu effettivi għat-tul. Reazzjoni komparattiva tista' tkun partikolarment ta' ġid.

Riċerka psikoloġika li saret fl-imgħoddi tissuġġerixxi li l-għoti ta' servizzi bħal ġbir regolari konvenjenti minn fuq il-bankini m'hux neċessarjament ikun effettiv fit-tul. Anzi, huma strateġiji *foot-in-the-door* tajbin biex jagħtu bidu għal imġiba ta' din ix-xorta. Għall-kuntrarju, l-impenn favur ir-riċiklaġġ hu inkoraġġut b'mod aħjar minn influwenza esterni li jiġġeneraw sens ta' motivazzjoni personali fl-individwi. Bl-istess mod, imġiba li tiffavorixxi r-riċiklaġġ tista' tkun motivata minn influwenzi esterni bħall-interventi msemmija hawn fuq. Il-kwistjoni kruċjali hi li l-għoti ta' suġġerimenti, l-offerta ta' premjijiet u l-iffissar ta' miri kollha huma interventi esterni li jservu biex jinkoraġġixxu lil individwi jikkontrollaw huma stess l-imġiba tagħhom infushom Essenzjalment, influwenzi esterni jimmotivaw individwi biex jagħmlu bidliet fl-imġiba fil-qasam tar-riċiklaġġ tul perjodi ta' żmien **(9)**.

### *1.4.5 Ippjanar urban strateġiku*

Qafas ta' politika komprensiv jibda f'livell nazzjonali biex jorbot politiki strumentali għas-saħħa pubblika, l-ambjent, id-deċentralizzazzjoni u l-ekonomija mal-ħtiġijiet tas-settur ta' l-iskart solidu biex ikunu ta' appoġġ reċiproku. Dan il-qafas għandu jinkludi inċentivi lil awtoritajiet muniċipali biex jagħtu servizzi aħjar, jirkupraw aktar spejjeż mill-utenti, u jikkooperaw ma' muniċipji ġirien tagħhom. Fil-każ ta' muniċipji iżgħar jew aktar dgħajfa, hu kritiku li wieħed jiffoka fuq għajnuna teknika u finanzjarja.

L-ippjanar strateġiku jinkludi objettivi għat-tul ibbażati fuq il-ħtiġijiet urbani lokali, segwiti minn pjan ta' azzjoni għal termini medji u qosra biex jilħaqhom. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għandhom jidentifikaw sett ċar ta' azzjonijiet integrati, partijiet responsabbli u riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji meħtieġa. Opportunitajiet u kunċetti għall-involviment tas-settur privat normalment huma inklużi fost l-għażliet eżaminati, billi l-ispejjeż u l-ammont ta' produttività tas-settur privat jeħtieġu konsiderazzjoni speċjali. Il-pjan strateġiku mifrux għall-

belt kollha għandu jkun f'livell li jagħti servizz biex jaqdi d-domanda ta' l-utent u li jkun jintlaħaq mill-but min-nies, l-aktar mill-foqra urbani **(7,3)**.

Pjanijiet ta' azzjoni lokali u nazzjonali għandhom jiffissaw miri ta' mmaniġġjar ta' skart reġjonali għar-riċiklaaġġ u rkupru ta' skart, *waste minimisation*, u alternattivi għal miżbliet kontrollati. Il-miri għandhom ikunu konsistenti ma' l-ilħuq min-naħa ta' l-awtoritajiet lokali ta' standards ta' operat statutorji fil-każ tar-riċiklaġġ ta' l-iskart u l-bdil tiegħu f'kòmpost. B'mod ġenerali, hu mistenni li ppjanar strateġiku għandu:

- Jippromwovi li l-metodi ta' trattament ta' l-iskart jitgħollew 'il fuq fl-importanza (tnaqqis, użu mill-ġdid, riċiklaġġ u bdil f'kòmpost ta' materjal, irkupru ta' enerġija u, fl-aħħarnett, rimi mingħajr irkupru ta' enerġija)
- Indikaturi fissi, li jistgħu jkunu kontrollati regolarment, għall-kejl tal-progress biex jitqabblu mal-miri
- Speċifikar tan-numru u l-kapaċità ta' tipi differenti ta' faċilitajiet ta' mmaniġġjar ta' skart meħtieġa, identifikazzjoni b'mod ġenerali u fuq skala nazzjonali tal-lokazzjonijiet tagħhom, appoġġjata, meta hemm bżonn, minn attitudni bbażata fuq kriterji għall-identifikazzjoni tas-siti
- Kalkolu tal-ħtieġa ta' faċilitajiet biex jittrattaw skart speċjali jew perikoluż **(5,10)**

Il-konklużjonijiet ta' pjani ta' azzjoni lokali fuq l-immaniġġjar ta' l-iskart għandhom ikunu riflessi fil-preparazzjoni tagħhom u f'reviżjonijiet sussegwenti tagħhom. Darba Pjan ta' Azzjoni jkun ġie kkonfermat, wara eżami pubbliku, il-politika tiegħu fuq l-immaniġġjar ta' l-iskart għandha titqies fil-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' struttura, pjanijiet għal skart lokali, u pjanijiet ta' żvilupp unitarji fil-lokalità. L-istrateġiji lokali u nazzjonali u sejbiet tekniċi għandhom ikollhom sehem materjali fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għal ippjanar ta' faċilitajiet ġodda **(11)**.

### *1.4.6 Prinċipji għat-teħid ta' deċiżjonijiet*

Teħid ta' deċiżjonijiet dwar skart għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

- Individwi, komunitajiet u organizzazzjonijiet għandhom jassumu responsabbiltà ta' l-iskart tagħhom
- Meta jittieħdu deċiżjonijiet għandhom jitqiesu, b'mod sistematiku, għażliet alternattivi
- L-involviment tal-komunità lokali u persuni u entitajiet ewlenin involuti għandhom jikkostitwixxu parti importanti u integrali mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet
- L-impatti ambjentali ta' għażliet possibbli għandhom jitkejlu b'ħarsa lejn żmien qrib u fit-tul
- Deċiżjonijiet għandhom ifittxu li jagħtu riżultati ambjentali li jagħmlu mill-aħjar biex jilħqu l-objettivi waqt li jqisu dak li hu possibbli li jsir u liema nefqa għandha titqies aċċettabbli **(3)**.

L-awtoritajiet għandhom japplikaw dawn il-prinċipji tul l-iżvilupp ta' l-istrateġiji tagħhom. Mill-inqas, l-Istrateġija għandha tgħaddi minn Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (Strategic Environmental Assessment - SEA). L-awtoritajiet għandhom ukoll jagħmlu evalwazzjoni fil-fond ta' fatturi soċjali u ekonomiċi. L-awtoritajiet jistgħu jkunu jixtiequ jqisu Stima ta' Sostenibilità (Sustainability Appraisal - SA) li tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-SEA. Fl-iżvilupp ta' l-istrateġiji tagħhom, l-awtoritajiet għandhom iqisu wkoll kull tbassir u parir tal-gvern fuq aspettattivi realistiċi fir-rigward tal-proporzjoni ta' skart muniċipali li jista' jkun riċilkat **(9).**

### *1.4.7 Referenzi*


2. Skovgaard, M.,Villanueva, A., Anderson, F.M., Larsen, H., Environmental outlooks: municipal waste. European Topic Centre on Resource and Waste Management, Risoe National Laboratory, Denmark 2007 www.risoe.dk
3. Lewis, C. - Solid Waste Management – Selected Topics - 2002
4. Downing, S and McKenzie, S. - Municipal Strategic Environmental Policies - Waste and Environment Today - 2003
5. Barton J. – Waste Policy and Evaluation – University of Leeds -2002
6. Barton J. - Waste Minimisation University of Leeds -2003
7. Strategic Planning for Sostenibbli Waste Management: Guidance on Option Development and Appraisal -2003
8. Roberts N.J - Targeted Research Action on Waste Minimisation and Recycling Proceedings of 2002
9. Barr S. - Household Waste in Social Perspective: Values, Attitudes, Situation and Behaviour -2003
10. Tucker P. Understanding Recycling Behaviour: A Technical Monograph -2001
11. Jones, R. – Planning, Pollution and Waste Management - 2004
12. UK Department of the Environment, Transport and the Regions - Our Towns and Cities: the future – Delivering an urban renaissance 2003

## *AMBJENT 1.5 – ENERĠIJA ALTERNATTIVA*

### *1.5.1 Sorsi Alternattivi ta' Enerġija*

L-enerġija tmexxi l-magna ta' l-urbanizzazzjoni. Iżda sorsi tradizzjonali ta' enerġija – żejt, faħam u gass naturali - huma ostakolati minn kwistjonijiet politiċi, ambjentali u ekonomiċi. L-iżvilupp ta' enerġija effiċjenti u sostenibbli hu ċ-ċavetta għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli. L-immaniġġjar kuxjenzjuż ta' l-enerġija għandu jiffoka fuq tliet strateġiji:
1) it-tnaqqis ta' konsum ta' enerġija mhux rinnovabbli, 2) iż-żieda tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, u 3) iż-żieda ta' effiċjenza fl-enerġija. Bħalissa, il-perċentwali ta' enerġija ġejja minn sorsi rinnovabbli hija baxxa ħafna fir-relazzjoni mad-domanda. L-Istati Uniti hija l-akbar konsumatur ta' enerġija fid-dinja, u warajha jiġu l-pajjiżi industrijalizzati l-oħra. Aktar ma d-dinja tkompli turbanizza ruħha, aktar tikber id-domanda għall-enerġija minn pajjiżi emerġenti. Aktar ma popolazzjonijiet jikkonverġu fuq ambjenti beltin, aktar huma essenzjali prattiki ta' enerġiji sostenibbli biex ma ssirx aktar degradazzjoni ambjentali u biex ma jkomplix jikber it-tisħin globali.

#### *1.5.1.1 Ġeotermali*

Enerġija ġeotermali tiġi mis-sħana interna tad-dinja. Fwar minn fwawar taħt l-art jintuża biex jagħti l-enerġija lil turbini li jfornu enerġija elettrika lil konsumaturi. Ilma żejjed, li ma nħariġx bħala fwar, hu injettat lura fl-art. Faċilitajiet ta' enerġija ġeotermali huma l-aktar addattati għal zoni li fihom l-attività termali hija l-eqreb lejn is-superfiċje, u għalhekk tgħaddi tul linja ta' ksur f'wiċċ l-art jew zoni ta' attività ġeotermali aktar qawwija. Bħalissa, l-Iżvezja qiegħda fl-ewwel post fil-qasam tal-produzzjoni ta' enerġija ġeotermali; 0.25% tal-ħtiġijiet ta' enerġija ta' l-Ewropa jinqdew b'din l-istrateġija **(1)**.

#### *1.5.1.2 Idroenerġija*

L-użu ta' ilma nieżel biex imexxi turbini u jiġġenera enerġija hu l-akbar riżorsa ta' enerġija rinnovabbli fl-UE; fis-sena 2001, aktar minn 12% ta' l-elettriku ġew minn rriżorsi idroelettriċi **(1)**. L-aktar metodu komuni hu l-kostruzzjoni ta' lqugħ idroelettriċi li jaħżnu ilma tax-xmajjar biex jipproduċu elettriku għal konsumaturi. Barra minn hekk, xmajjar jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' enerġija minn stallazzjonijiet żgħar ta' idroenerġija li jutilizzaw ilma nieżel biex jiġġeneraw. L-akbar numru ta' dawn l-istallazzjonijiet qiegħed l-Italja, Franza u Spanja, filwaqt li l-Awstrija u l-Greċja qed juru wkoll kapaċità li qed tiżdied.

#### *1.5.1.3 Enerġija mill-mewġ*

Forma waħda ta' ġenerazzjoni ta' enerġija mill-baħar hija l-ġenerazzjoni ta' mewġ. Dan il-metodu jqiegħed bagi jew lilhinn mill-kosta jew fuq il-kosta li jiġġeneraw enerġija minn eneġrija tal-marea li tista' tkun integrata fi grilji elettriċi. Enerġija mill-mewġ tintuża biex tagħmel pressjoni fuq l-ilma biex jgħaddi minn turbina, u hekk joħloq enerġija għal użu kummerċjali. It-teknoloġija mxiet ħafna mad-dinja kollha f'dawn l-aħħar ftit snin **(2)**. Teknoloġiji ta' enerġija mill-mewġ jinkludu żewġ xorta, lilhinn mill-kosta u fuq il-kosta. Metodi lilhinn mill-kosta joperaw f'ambjenti ta' baħar fond u jużaw it-tlugħ u nżul ta' wiċċ il-baħar biex jiġġeneraw l-elettriku, filwaqt li metodi fuq il-kosta jinbnew tul il-linji tal-kosta u jieħdu l-enerġija tagħhom minn mewġ jinkiser max-xatt. B'mod ġenerali, l-ispejjeż ta' manutenzjoni u operat huma baxxi ħafna fil-każ tat-teknoloġija li tuża l-mewġ billi r-riżorsa meħtieġa, l-ilma baħar, m'għandhiex limiti u s-sistema tista' tgħid li ssostni lilha nfisha. Madankollu, hemm konsiderazzjonijiet ambjentali x'wieħed iqis. It-tqegħid ta' "farms ta' mwieġ" għandu jkun sensittiv għat-tħassib ekoloġiku lokali bħall-impatt fuq migrazzjoni sedimentarja u fuq speċi akwatiċi.

*1.5.1.4 Enerġija mill-marea*

Enerġija mill-marea għadha fil-fażijiet ta' żvilupp tagħha. Enerġija mill-marea tuża t-timwiġ li jista' jitbassar tal-marea biex jagħti enerġija lil turbini għall-produzzjoni ta' l-enerġija. Hemm diversi strateġiji u disinji biex wieħed jutilizza l-forza tal-baħar, fosthom stallazzjonijiet ta' turbini tradizzjonali li jaħdmu bi lqugħ, strutturi ta' turbini *stand alone*, ġeneraturi fi stil ta' bagi, u mtieħen tar-riħ b'assi vertikali. Hu stmat li ġeneraturi li joperaw bil-marea jistgħu jipproduċu mill-inqas 10 gigawotts ta' enerġija fir-Renju Unit **(3,4)**.

*1.5.1.5 Konverżjoni ta' Enerġija Termali mill-Oċean*

Din it-teknoloġija tistrieħ fuq l-użu ta' differenzi fit-temperatura inerenti fl-oċean biex jiġġeneraw l-enerġija. Din tuża s-sħana maħżuna fl-oċeani tad-dinja u t-temperaturi aktar baxxi ta' ilmijiet aktar fondi biex tipproduċċi l-enerġija. Dan jiġri meta ilma baħar sħun jitqiegħed f'kontenituri ta' pressjoni baxxa u jittella' sal-punt meta jibda jagħli biex jipproduċi l-fwar, li mbagħad jintuża biex iħaddem ġeneratur. Imbagħad jintuża ilma baħar kiesaħ biex jikkondensa l-fwar li wara l-proċess jitħalla bħala ilma frisk kważi pur. Dan hu eżempju ta' sistema ta' ċiklu miftuħ **(5)**. B'kuntrast ma' dan, sistemi b'ċiklu magħluq jużaw ilma baħar sħun biex joħloq fwar minn likwidi li jagħlu meta jilħqu temperatura baxxa u li jagħtu enerġija lill-ġeneraturi. Il-fwar li joħroq imbagħad ikun riċiklat lura fis-sistema.

*1.5.1.6 Enerġija mir-riħ*

Enerġija mir-riħ hija metodu pubbliċizzat ħafna u antiċipat ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli. Din it-teknoloġija ilha użata sekli kbar u kisbet attenzjoni akbar f'dawn l-aħħar ftit għexieren ta' snin. Bħalissa, stati membri Ewropej jiddominaw is-suq b'74% tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija mir-riħ dinjija u b'90% tas-suq għal tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' enerġija **(1)**. Il-kapaċità ta' enerġija mir-riħ diġà qabżet il-livelli mfasslin għas-sena 2010 mill-UE. Il-Ġermanja, Spanja u d-Danimarka qegħdin fuq quddiem fit-tellieqa għall-enerġija mir-riħ b'kapaċitajiet ta' 41%, 23% u 6% rispettivament minn total ta' kapaċità ta' 48,027MW fl-UE-25. Flimkien ma' avvanzi fir-Riċerka u l-Iżvilupp u t-tkabbir industrijali u t-tkabbir ta' 23% fis-suq tat-turbini fis-sena 2006, dawk li huma fuq quddiem qegħdin f'pożizzjoni li japprofittaw mill-implimentazzjoni bikrija u estensiva tat-teknoloġiji ta' l-enerġija mir-riħ. Farms lilhinn mill-kosta li jaħdmu bir-riħ saru attraenti dejjem aktar billi jwiegħdu qligħ akbar fuq l-investiment u m'għandhomx dak it-tħassib kollu assoċjat ma' farms ibbażati fl-art.

*1.5.1.7 Enerġija mix-xemx*

Sistemi ta' tisħin li jieħdu enerġija mix-xemx huma strateġiji utli biex titnaqqas id-domanda għal sorsi ta' enerġija tradizzjonali. L-użu ta' sistemi ta' tisħin attivi u passivi huma t-tnejn strateġiji vijabbli għat-tnaqqis ta' spejjeż personali u ambjentali. Sistemi passivi jużaw l-enerġija mix-xemx mingħajr ebda proċessi mekkaniċi jew ta' xi xorta oħra, filwaqt li sistemi attivi jeħtieġu l-intervent ta' proċessi mekkaniċi jew elettriċi biex jiffunzjonaw fl-ogħla livell. Sistemi passivi ġeneralment jidhru aktar desiderabbli minħabba l-ispejjeż baxxi ħafna biex joperaw u l-impatt minimu ambjentali tagħhom. Panewijiet fotovoltajiċi stazzjonarji fuq saqaf residenzjali, jew arkitettura mfassla apposta biex tagħmel l-ogħla użu mis-sħana, huma eżempji ta' użijiet ta' enerġija mix-xemx. Sistemi attivi jinkludu sistemi ta' tisħin ta' ilma li jeħtieġu l-użu ta' pompi jew proċessi oħrajn biex jiddistribwixxu l-enerġija mix-xemx.

*1.5.1.8 Bijomassa*

Enerġija tal-bijomassa tiġi mill-inċinerazzjoni jew diġestjoni ta' materjal ta' pjanti u/jew annimali għall-produzzjoni ta' elettriku jew sħana. Materjali tal-bijomassa ewlenin użati għall-produzzjoni ta' enerġija fl-Ewropa jinkludu injam, tiben, ħmieġ ta' l-għasafar u pjanti li jikbru fi żmien qasir. L-injam hu

mfittex b'mod eċċezzjonali biex jintuża bħala provvista billi hu aċċessibbli minn postijiet fejn jisserraw l-injam u minn industriji oħrajn li jiġġeneraw ammonti kbar ta' skart ta' injam. Il-bijomassa tista' tinħaraq għal skopijiet ġenerali ta' tisħin, jew tista' tintuża għall-produzzjoni ta' l-elettriku fuq skala kbira. Billi l-inċinerazzjoni ta' materjali bijoloġiċi titfa' s-$CO_2$ fl-atmosfera u tikkontribwixxi għat-tisħin globali, għandhom ikunu implimentati strateġiji biex jittieħdu iżjed inizjattivi li jkattru z-zoni ta' foresti kbar li jassorbu ammonti kbar ta' diossidu tal-karbonju mill-atmosfera tad-dinja, bħal tħawwil ta' siġar u pjanti oħrajn ħalli jassorbu s-$CO_2$ li jinħareġ.

### *1.5.2 Alternativi ta' politika*

Dawn li ġejjin huma xi strateġiji li dawk li jfasslu l-politika jistgħu jużaw biex inaqqsu l-konsum ta' l-enerġija u jkattru kemm jista' jkun il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli. Strateġiji jistgħu jkunu applikati kemm lin-naħa tal-provvista ta' enerġija (produzzjoni) u kemm lin-naħa tad-domanda (konsum). Strateġija magħrufa biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli tissejjaħ *Tradable Green Certificates*. TGCs jintużaw ma' regolamenti li jeżiġu li ċerta proporzjon ta' enerġija użata toriġina minn enerġija ħadra. Meta unità ta' enerġija ħadra tkun prodotta, ikun allokat TGC korrispondenti. Billi konsumaturi, kumpaniji ta' oġġetti utli u/jew industriji oħrajn huma obbligati li jużaw kwantità preskrita ta' enerġija ħadra, huma jistgħu jixtru TGCs biex jagħmlu tajjeb għad-differenza. Hekk, l-enerġija ħadra żżomm il-vijabilità fis-suq u l-aċċess għalih **(1)**.

Strateġiji ta' tnaqqis ta' enerġija li japplikaw għall-konsumatur jinkludu dawn li ġejjin: inċentivi fiskali, u rifużjonijiet u għotjiet lill-konsumaturi. Inċentivi fiskali jitqiesu bħala mod konvenzjonali kif wieħed jinkoraġġixxi produtturi ta' l-enerġija biex jaqilbu għal provvista ta' enerġija aktar nadifa u aktar sostenibbli, jew biex jiżviluppawha. Tariffi skond l-użu jipprovdu inċentivi lil fornituri biex jirrevedu l-mod kif jaħdem in-negozju tagħhom u jsegwu strateġiji li jħallulhom aktar qligħ u huma attraenti ambjentalment. Għotjiet jistgħu jkunu meħtieġa wkoll biex jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji ħalli produtturi jinvestu f'teknoloġiji aktar ħodor. Strateġiji għat-tkabbir tas-sehem ta' l-enerġija ħadra mis-suq ta' l-enerġija jkunu effettivi biss jekk it-teknoloġija teżisti biex tissupplixxi lis-suq.

Dawk li jfasslu l-politika jistgħu jagħżlu li jżidu t-taxxi fuq fjuwils mhux rinnovabbli biex jagħmlu tajjeb għal spejjeż ambjentali. Alternattivament, billi l-ispejjeż assoċjati ma' l-iżvilupp u l-fornitura ta' fjuwils alternattivi huma ogħla minn dawk ta' fjuwils konvenzjonali stabbiliti, huma jistgħu jnaqqsu t-taxxi fuq bijofjuwils biex jissussidjaw il-prezz tal-produzzjoni u jagħmlu fjuwils rinnovabbli aktar attraenti għall-konsumaturi.

Il-konsumaturi jistgħu jingħataw premjijiet f'forma ta' rifużjonijiet meta l-użu li huma jagħmlu minn riżorsi mhux rinnovabbli ma jaqbiżx il-livell preskritt. Ċertament, l-inizjattiva tista' tħajjar lix-xewqa personali li wieħed jirrestrinġi prattiki mhux sostenibbli. Barra minn dan, għotijiet u self b'interess baxx lil propjetarji ta' djar u lil oħrajn biex jixtru prodotti (jiġifieri panewijiet voltajiċi solari jew teknoloġiji oħrajn) għandhom ikunu studjati wkoll bħala strateġiji li jkabbru d-domanda.

### *1.5.3 Referenzi*


1. European Commission, Directorate General for Energy and Transport, Electricity from Renewable Sources: Encouraging Green Electricity in Europe, http//ec.europa.eu/energy/res/publictions, doc/2004.
2. United States Department of Enerġija, Companies Pursuing Ocean Power along Northern U.S. Shores, http://www.eere.energy.gov/news/news_detail.cfm/news_id=10748

3. BBC News, Tidal Enerġija Turbine Launches, http://news.bbc.co.uk/2/hi/uk_news/England/devon/2992996.stm
4. Peswiki.com,TidalEnerġija,http://peswiki.com/index.php/Directory:Tidal_Power
5. United States Department of Energy, Ocean Thermal Energy Conversion,http://www.eere.energy.gov/consumer/renewable_energy/ocean/index.cfm

### 1.6.1 Introduzzjoni

It-trasport, kemm jekk bl-art kemm jekk bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar jew permezz ta' mogħdijiet ta' l-ilma interni, hu komponent indispensabbli tas-soċjetà moderna li jipprovdi ċ-ċaqliq mgħaġġel u faċli ta' nies u oġġetti fuq distanzi qosra u twal. Dan jagħti libertà u indipendenza lil individwi biex jivvjaġġaw, u jħaffef in-negozju b'mod li jħalli benefiċċji enormi lill-ekonomiiji **(1)**. Iżda l-faċilitajiet tat- trasportazzjoni jinvolvu spejjeż magguri diretti u indiretti lis-soċjetà f'termini ta' konsum ta' enerġija, tinġis ta' l-arja, ħsejjes, qerda ta' zoni u ħabitats naturali, u tisħin globali. Uħud minn dawn l-ispejjeż jinġarru minn individwi, iżda ħafna minnhom jaqgħu fuq is-soċjetà kollha kemm hi. Hu imperattiv li sistemi ta' trasport urbani jsiru aktar sostenibbli u inqas distruttivi. Maniġers urbani għandhom ikunu fuq quddiemnett biex iġibu din il-bidla.

### 1.6.2 Xejriet fit-trasport urban

Prosperità akbar wasslet għal numru akbar ta' propjetarji ta' karozzi, u l-ivvjaġġar bil-karozza kiber b'rata enormi fi kważi l-pajjiżi kollha. Dan jidher aktar f'ambjenti urbani fejn it-tul tal-vjaġġi bil-karozza u bit-trasport pubbliku ilu jiżdied aktar ma' l-attivitajiet saru aktar imferrxin mal-belt. Vjaġġi minn subborg għal subborg kellhom l-akbar żidiet. Fl-istess ħin kien hemm xejra mill-mixi u r-rkib tar-roti għal modi mekkanizzati ta' ċikliżmu. Il-propjetà akbar ta' karozzi kabbret il-ħila tal-pubbliku li jivvjaġġa lejn kull fejn irid kull xħin irid, u tat l-okkażjoni lil impjiegi, ħwienet u servizzi biex jiċċaqilqu għal zoni periferiċi. Tat ukoll ċans lil aktar nies li jgawdu l-għajxien f'inħawi spazjużi.
Tul il-parti l-kbira tas-seklu li għadda, kien assunt li strutturi ta' trasportazzjoni adegwati kellhom jinbnew billi dawn jipprovdu qafas essenzjali għal tkabbir u saħħa ekonomika. Għalhekk, it-tħassib ewlieni tal-pjanifikaturi tat-trasport u ta' dawk li jfasslu l-politika kien "il-provvista" ta' trasportazzjoni biex jiżguraw li l-infrastrutturi bażiċi jkunu biżżejjed biex jirfdu r-rekwiżiti proġettati kollha. B'riżultat ta' dan, ħafna analisti jemmnu li ħafna postijiet bnew wisq infrastrutturi fiżiċi għat-trasportazzjoni tagħhom u hekk ikkontribwixxew għal livelli mhux sostenibbli ta' traffiku u użu ta' riżorsi **(2,3)**.

Il-kummerċ u l-industrija ħadu vantaġġ mil-libertà offruta mill-moviment stradali. Il-faċilità li biha oġġetti jistgħu jinġarru ġabet magħha innovazzjonjiet bħal produzzjoni "*just-in-time*" u tnaqqis ta' faċilitajiet ta' mħażen. Ditti ta' kull xorta ċċaqilqu għal siti fi truf l-ibliet biex ikunu jistgħu jisfruttaw il-mobilità akbar ta' konsumaturi u impjegati propjetarji ta' karozzi **(2)**. Iżda dawn il-bidliet kollha li kienu assoċjati ma' tkabbir ekonomiku ġabu wkoll magħhom effetti xejn mixtieqa jew ħwejjeġ bla bżonn. Dawn l-effetti jibdew minn konġestjoni u aċċidenti tat-traffiku sa tinġis ta' l-arja u ħsejjes aktar, u saħansitra għal effetti soċjali, bħall-iżolament ta' nies li m'għandhomx aċċess għal karozza. Emissjonijiet mit-trasport huma wkoll assoċjati mat-tisħin globali.

### 1.6.3 Impatti tat-trasport urban

Tinġis ta' l-arja relatat mat-traffiku hu waħda mill-problemi l-aktar urġenti f'zoni urbani. Fil-maġġoranza ta' l-ibliet mad-dinja kollha, it-traffiku fit-toroq hu s-sors predominanti ta' emissjonijiet atmosferiċi. Ħafna studji fuq it-tinġis ta' l-arja indirizzaw il-problema f'livell globali, l-aktar f'relazzjoni mal-bidla fil-klima, u f'livell reġjonali b'rigward partikolari għal trażmissjoni ta' xita aċiduża li minn zoni industrijali taqsam il-fruntieri. Iżda qed jingħaraf aktar li l-espożizzjoni tal-popolazzjoni għal sustanzi li jniġġsu li qegħdin fl-arja ġejja l-aktar minn tinġis ta' l-arja ġġenerat fl-ibliet. Espożizzjoni umana f'zoni urbani li għandhom densità qawwija ta' popolazzjoni għal konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu li qegħdin fl-arja hija għolja **(4)**. L-impatt fuq is-saħħa ta' tinġis ta' l-arja relatat mat-trasport hu fost il-fenomeni li jqanqlu ħafna tħassib. Riċerka fl-għexieren

ta' snin reċenti indikat b'mod konsistenti l-effetti ħżiena ta' tinġis ta' l-arja filberaħ fuq is-saħħa umana, u l-evidenza tissuġġerixxi li t-tinġis ta' l-arja mittrasport hu fattur sinifikanti **(5)**.

It-trasport hu utent maġġuri ta' enerġija, u t-trasport jaħraq il-parti l-kbira tażżejt fid-dinja. Dan jikkontribwixxi għal firxa ta' sustanzi gassużi li jniġġsu l-arja u għal materja partikolata (PM) sospiża ta' daqsijiet u kompożizzjonijiet differenti. Fjuwils idrokarboniċi jipproduċu diossidu tal-karbonju, gass li joħloq l-effett serra li ħafna jaħsbu li hu l-kawża ewlenija tal-bidla fil-klima globali, u magni li joperaw biż-żejt, l-aktar dawk ineffiċjenti, kollha joħolqu t-tinġis ta' l-arja. It-terminu materja partikolata jiddeskrivi taħlita diversa ħafna ta' sustanzi li jniġġsu li tikkonsisti f'partikoli sospiżi fl-atmosfera. Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' daqsijiet u karatteristiċi kimiċi. Il-parti l-kbira tal-vetturi jitfgħu partikoli ta' karbonju rqaq ħafna (minn magna diżil), kòmposti ta' ċomb inorganiku (minn magni li jaħdmu bil-petrol li jużaw petrol biċ-ċomb) u metalli oħrajn użati fi żjut biex ikattru l-operat ta' magni li jaħdmu bil-petrol. Dawn il-partikoli joħolqu wkoll trab, iħammġu l-bini u jagħmlu ħsara lis-saħħa **(2)**. Emissjonijiet mit-tubu ta' l-egżost ta' partikoli primarji mit-trasport fit-triq jiġġeneraw sa 30% tal-PM rqaq ħafna f'zoni urbani **(5)**. Emissjonijiet oħrajn minn vetturi u li jqanqlu tħassib jinkludu: monossidu tal-karbonju (CO), ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), diossidu tal-kubrit ($SO_2$), ċomb (Pb), il-komposti organiċi volatili (VOC's – l-aktar l-idrokarbonji HC's), u duħħan. Is-CO jirriżulta minn kombustjoni inkompleta ta' fjuwil u jista' jkollu effetti ħżiena fuq is-saħħa, l-aktar fi spazji magħluqin u f'zoni urbani. $NO_x$ jirriżultaw minn temperatura għolja f'magna tal-karozzi u jikkontribwixxu għal tinġis ta' l-arja fotokimiku u għal xita aċiduża. Idrokarbonji HC's jidħlu fl-atmosfera bħala fjuwil mhux maħruq u bħala evaporazzjoni minn vetturi u tankijiet tal-ħżin. Dawn għandhom funzjoni importanti fil-formazzjoni ta' ossidanti fotokimiċi, bħall-ozonu, li jirritaw l-għajnejn fis-smogg, jagħmlu ħsara lill-pjanti u jikkontribwixxu għall-aċidifikazzjoni u għat-tisħin globali. It-trasport fit-toroq hu l-kontributur ewlieni għall-emissjonijiet ta' diossidu tan-nitroġenu u għall-benzin (HC) fl-ibliet, u hu r-raġuni maġġuri għan-nuqqas ta' konformità mal-valuri limiti preskritti bħalissa mill-Unjoni Ewropea għal dawn is-sustanzi li jniġġsu (UE) **(5,6)**.

### *1.6.4 Impatti soċjali*

It-toroq dejjem kienu postijiet fejn in-nies tiltaqa'; fil-fatt, id-demokrazija twieldet fl-Agora, is-suq ta' Ateni. It-triq urbana dejjem kienet post fejn jinġabru n-nies, post tal-komunità, post għal-logħob tat-tfal u l-isport, fejn in-nies tixtri u tbigħ, fejn isiru ċelebrazzjonijiet u purċissjonijiet, mużika u parati, u fejn jinħassu l-ħbiberija u l-ispirtu komunitarju. Triq li minnha ftit jgħaddi traffiku u fejn jgħixu ħafna familji tippromwovi klima soċjali għanja u sens qawwi ta' komunità. Residenti fi triq li minnha ftit jgħaddi traffiku juru għarfien u kura fl-apprezzament ta' l-ambjent fiżiku tagħhom. Iżda traffiku qawwi jwassal lin-nies biex jitilqu mill-ambjent fiżiku li jdawwarhom. Studju li sar l-Istati Uniti wera li aktar ma kiber il-volum tat-traffiku aktar naqsu l-kuntatti soċjali. Kien hemm ukoll differenzi fl-imġiba. Fejn it-traffiku kien aktar qawwi, in-nies ma baqgħetx titlajja fuq il-bankini, ma baqgħetx tuża l-ġonna quddiem id-djar, u dawk li kienu jgħixu ħdejn l-aktar toroq traffikużi fi bliet urbani kienu jgħaddu inqas ħin fil-kmamar ta' barra ta' djarhom **(6)**. Fi kliem ieħor, biex jipproteġu lilhom infushom, in-nies ma baqgħetx tuża t-triq bħal fl-imgħoddi, u, ħlief fejn il-karozzi ma tħallewx jgħaddu jew kienu kontrollati, in-nies bdiet tiltaqa' ġewwa jew ma baqgħet tiltaqa' xejn **(7,8)**.

L-ostaklu l-aktar ovvju għal kuntatti soċjali hija triq li minnha jgħaddu l-vetturi, triq magħluq b'ħajt, jew linja tal-ferrovija li ma tistax taqsamha bil-mixi. Triq li n-nies tista' taqsamha bil-mixi wkoll tista' tkun ostaklu formidabbli, l-aktar għal anzjani, tfal żgħar u ommijiethom. Dawn il-gruppi x'aktarx li m'għandhomx aċċess għal karozza, u għalhekk jiddependu aktar fuq kuntatti f'distanzi li

timxihom. Anke jekk ikun hemm zebra jew passaġġ taħt l-art, id-dawra li tkun trid tagħmel taf tiskoraġġixxi gruppi ta' nies li huma inqas mobbli **(6,9)**. L-effett kumulattiv tat-trasport fit-toroq u l-inħawi tal-madwar għamilhom post xejn pjaċevoli biex tgħaddi l-ħin fih. Spazju li darba kien jappartieni bħala ħaġa importanti lin-nies lokali tteħdilhom mal-medda tas-snin u sar iz-zona privata tan-nies fil-karozzi li jkunu għaddejjin minnha. It-tfal m'għadhomx jilagħbu fuq il-bankina u ma jimxux waħedhom fit-triq biex imorru l-iskola. It-tnaqqis fin-numru ta' nies li jimxu fit-toroq joħloq kondizzjonijiet favorevoli għal rati dejjem jikbru ta' delitti, u jista' jiżviluppa ċiklu vizzjuż li jkompli jnaqqas l-għadd ta' vjaġġi li jsiru bil-mixi **(6,9)**.

### *1.6.5 Definizzjoni ta' trasport urban sostenibbli*

Il-kunċett ta' trasportazzjoni sostenibbli hu reazzjoni għall-impatti xejn mixtieqa tat-trasport urban. Waħda mill-ewwel organizzazzjonijiet internazzjonali li ħarset mill-qrib lejn il-kunċett ta' trasport sostenibbli kienet l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, l-OECD. Fl-1996 l-OECD organizzat l-International Conference towards Sustainable Transportation li tulha l-gvern Kanadiż ta d-definizzjoni preliminari li ġejja ta' trasport ambjentalment sostenibbli (EST): "Trasportazzjoni li ma tqigħedx fil-periklu s-saħħa pubblika jew l-ekosistemi u tissodisfa ħtiġijiet ta' mobilità konsisteni ma' (a) l-użu ta' riżorsi rinnovabbli fl-istess livell tar-rati ta' riġenerazzjoni tagħhom jew fl-livell inqas, u (b) l-użu ta' riżorsi mhux rinnovabbli fl-istess livell tar-rati ta' żvilupp ta' sostituti rinnovabbli jew f'livell inqas." L-OECD iffissat 6 kriterji biex l-EST jintlaħaq sas-sena speċifika 2030:

1. Emissjonijiet relatati mat-trasport li jiġu minn ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) għandhom jitnaqqsu tant li jintlaħqu l-objettivi għal diossidu tan-nitroġenu fl-ambjent u għal livelli ta' ozonu u wkoll għal depożiti ta' nitroġenu.
2. Emissonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOCs) għandhom jitnaqqsu tant li jkunu evitati livelli ta' ozonu eċċessivi, u emissjonijiet ta' VOCs karċinoġeniċi mill-moviment tal-vetturi kollha jkunu tnaqqsu għal livelli ta' riskju aċċettabbli.
3. Bidla fil-klima ma titħalliex issir billi jintlaħaq il-livell ta' emissjonijiet ras għal ras ta' diossidu tal-karbonju mill-użu ta' fjuwil fossili għat-trasportazzjoni konsistenti ma' l-objettivi tal-ħarsien globali għall-atmosfera.
4. Emissjonijiet ta' partikolati jkunu tnaqqsu tant li jkunu evitati livelli ta' arja perikolużi għall-ambjent.
5. Is-superfiċje ta' l-art f'zoni urbani tintuża għall-moviment, manutenzjoni u ħżin ta' vetturi motorizzati, fosthom vetturi tat-trasport pubbliku, b'mod li l-objettivi għall-ħarsien ta' l-ekosistema jintlaħqu.
6. Ħsejjes ikkaġunati mit-trasportazzjoni m'għandhomx iwasslu għal livelli ta' ħsejjes fuq barra li jippreżentaw tħassib għas-saħħa jew inkonvenjent serju **(10)**.

Skond il-Bank Dinji, trasport sostenibbli għandu tliet komponenti: sostenibilità ekonomika, li tinvolvi l-ħolqien ta' inċentivi biex tingħata tweġiba effiċjenti għall-ħtiġijiet; sostenibilità ambjentali, li tinvolvi l-promozzjoni ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħix aħjar u t-tnaqqis ta' l-effetti esterni ħżiena tat-trasport; u sostenibilità soċjali, li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-faqar. Din id-definizzjoni tapplika għall-kwistjonijiet kollha rilevanti għas-sostenibilità u tindirizza l-kwistjoni ta' "jekk l-impatti ambjentali għat-tul tat-trasporazzjoni jirriżultawx li l-ġenerazzjonijiet futuri jirtu inqas riżorsi sinifikattivament minn dawk aċċessibbli lill-predeċessuri tagħhom." **(10)**

Fis-sena 2002 il-gvern Kanadiż, flimkien mal-Canadian Centre for Sustainable Development, ġew b'definizzjoni oħra li x'aktar hija l-aktar waħda użata u kompleta, u li tiddeskrivi l-prinċipji bażiċi ta' sistema ta' trasportazzjoni

sostenibbli. Din tiddefinixxi s-sistema ta' trasportazzjoni sostenibbli bħala waħda li:

- tippermetti li l-ħtiġijiet għal aċċess bażiku ta' individwi u soċjetajiet jintlaħaq b'mod sigur u b'manjiera konsistenti mas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ekosistema, u b'ġustizzja fil-ġenerazzjonijiet u bejniethom
- tista' tlaħħaq magħha, topera b'mod effiċjenti, toffri għażla ta' modi tat-trasport u tappoġġja ekonomija b'saħħitha
- tillimita emissjonijiet u skart fil-limiti tal-ħila tal-pjaneta li tassorbihom, tnaqqas kemm jista' jkun il-konsum ta' riżorsi mhux rinnovabbli, tillimita l-konsum ta' riżorsi rinnovabbli għal livell tal-produzzjoni sostenibbli, tuża mill-ġdid u tirriċikla l-komponenti tagħha, u tnaqqas kemm jista' jkun l-użu ta' l-art u l-produzzjoni tal-ħsejjes

Dawn id-definizzjonijiet kollha ta' definizzjoni sostenibbli jindirizzaw l-effetti tat-trasport fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent, u l-ħtieġa tat-tnaqqis sostanzjali ta' dawn l-impatti. L-iffokar huwa fuq l-iżgurar li l-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni jkollhom aċċess għall-istess livell ta' riżorsi u kwalità ambjentali daqs il-ġenerazzjoni ta' llum.

### *1.6.6 Ilħuq ta' trasport urban sostenibbli*

Il-kwistjoni tat-trasport urban għandha tkun indirizzata b'mod komprensiv li jqis impatti fiżiċi, ekonomiċi u soċjali u jfassal strateġiji ġodda għal komunitajiet urbani sostenibbli. Awtoritajiet lokali u gvernijiet ilhom jippruvaw ireġġgħu lura x-xejriet kurrenti. Huma qed japplikaw miżuri li jikkalmaw it-traffiku bl-iskop li jnaqqsu l-veloċitajiet u jiskoraġġixxu t-traffiku milli juża toroq residenzjali meta hemm rotot oħrajn aċċessibbli. Dan spiss huwa element essenzjali biex jagħti ħajja ġdida lil ċentri urbani u zoni interni ta' bliet. Approċċ ieħor għat-tnaqqis ta' l-effetti tat-traffiku fit-toroq hu l-bini ta' toroq li jgħaddu mill-periferiji ta' bliet żgħar (*bypasses*). Madankollu, xi evidenza tissuġġerixxi li l-problemi jistgħu jfeġġu x'imkien ieħor (fil-fatt jispustaw ruħhom f'toroq oħrajn) u ċ-ċentru evitat jispiċċa biex imut għax jitlef il-kummerċ **(6)**. Modi ta' traġitt li jesgħu ħafna nies u li jikkunsmaw enerġija baxxa jeħtieġ li jiddaħħlu f'ċentri urbani u zoni b'densità għolja, filwaqt li l-użu ta' karozzi privati għandu jitnaqqas jew b'regolamenti jew b'politika ta' ħjasijiet. L-industrija tal-vetturi għandha tkompli ttejjeb l-operat tal-magni filwaqt li tiżviluppa sistemi ta' propulsjoni alternattivi li ma jistrieħux fuq l-idrokarbonji. Għandhom jitfasslu komunitajiet li jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħtieġa ta' l-ivvjaġġar. Hu biss billi nimxu f'din id-direzzjoni li nistgħu nittamaw li niksbu ġejjieni li fih ikollna trasport urban sostenibbli.

### *6.6.7 Referenzi*


1. Haq, G – Towards Sustainable Transport Planning, A Comparison between Britain and the Netherlands – Avebury, 1997
2. Organisation fore Economic Co-operation and Development - Urban Travel and Sustainable Development – OECD, 1999
3. Wilkipedia Website – Sustainable Transportation - http://en.wikipedia.org European Environment Agency –Assessment and Management of Urban Air Quality in Europe – EEA
4. World Health Organisation – Health Effects of Transport – Related Air Pollution edited by Krizanowski M, Kuna-Dibbert B and Schneider J. 2005
5. The Royal Commission on Environmental Pollution's 18th Report – Transport and the Environment – Oxford Press – 2001
6. Tolley, R and Turton, B – Transport Systems Policy and Planning – A geographical Approach –Longman 1998

**7.** European Environmental Agency - Traffic noise: exposure and annoyance - 2001 www.drnoise.com/PDF_files/Traffic%20Noise%20primer.pdf

**8.** OECD Proceedings, The Vancouver Conference – Towards Sustainable Transportation – 1996

## 2. EKONOMIJA

### *2.1 – BINI TA' KAPAĊITAJIET GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI*

### *2.1.1 Introduzzjoni*

Fil-bażi ta' l-elementi kollha ta' l-iżvilupp urban sostenibbli hemm il-ħtieġa ta' istituzzjonijiet u nies kompetenti biex jesegwixxu l-politika. Għan fundamentali tal-bini ta' kapaċitajiet hu t-titjib li pajjiż jagħmel biex jistma u jindirizza l-kwistjonijiet kruċjali li għandhom x'jaqsmu ma' għażliet ta' politika minn fost għażliet ta' żvilupp, ibbażati fuq fehim ta' ħtiġijiet u wkoll fuq potenzjali u limiti ambjentali. Għadd kbir wisq ta' proġetti suġġeriti bl-isbaħ intenzjonijiet biex itejbu l-ħajja umana jew l-ambjent ta' belt, reġjun jew pajjiż marru żmerċ ħtija ta' inkompetenza jew korruzzjoni. Kienu allokati u ntefqu l-flus, imma r-riżultati ma ntlaħqux. Il-bini tal-kapaċità jitlob il-mobilizzazzjoni u l-orjentament tar-riżorsi applikabbli kollha ta' pajjiż, inklużi dawk umani, xjentifiċi, teknoloġiċi, organizzattivi u istituzzjonali. Il-bini ta' kapaċità jista' jsir fuq ħafna livelli: individwali, organizzattivi, komunitarji, sistematiċi. Fl-Unjoni Ewropea l-bini ta' kapażità japplika l-aktar għall-istati membri ġodda u jirreferi għat-twaqqif, jew titjib, tal-ħila ta' istituzzjonijiet li jimplimentaw politiki u programmi ta' l-UE.

Il-kunċett tal-bini ta' kapaċitajiet ngħata prominenza internazzjonali b'riżultat ta' l-Earth Summit tan-Nazzjonijiet Uniti f'Rio de Janeiro fis-sena 1992. Fil-preżenza ta' aktar minn 100 kap ta' stat, dawk li ħadu sehem għarfu l-bini ta' kapaċitajiet bħala mezz għall-implimentazzjoni ta' Agenda 21, pjan ta' 300 paġna biex jintlaħaq żvilupp sostenibbli fis-seklu 21. Kapitlu 37 ta' Agenda 21 xeħet attenzjoni partikolari fuq mekkaniżmi nazzionali u kooperazzjoni internazzjonali għall-bini ta' kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Tqies importanti li jkunu definiti l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' pajjiż fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli bis-saħħa ta' proċess parteċipattiv għaddej il-ħin kollu, u bit-tisħiħ tar-riżorsi umani u ħiliet istituzzjonali. Hekk, l-ispettru ta' bini ta' kapaċitajiet jestendi mill-individwu għall-komunità, għall-istituzzjonijiet li jimplimentawh u, fl-aħħarnett, għan-nazzjon innifisha **(1)**.

### *2.1.2 Eżempji ta' bini ta' kapaċità*

Bini ta' kapaċitajiet jista' jsir f'kull livell ta' gvern jew soċjetà. Biex il-kunċett jinftiehem aħjar jista' jkun utli li jissemmew ftit eżempji ta' bini ta' kapaċitajiet f'diversi livelli. Fil-livell lokali komunità tista' tgħin programm ta' djar li ma jaħdimx għall-qligħ biex jistabbilixxi xibka ta' voluntiera u joħloq programm ta' għassa komunitarja biex ma jsirux u jitnaqqsu delitti. Eżempju ieħor jista' jkun il-provvediment ta' għajnuna edukattiva u appoġġ organizzativ għall-promozzjoni tal-ħila ta' organizzazzjonijiet għall-iżvilupp ta' akkomodazzjoni komunitarja u organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-qligħ biex iżommu fi stat tajjeb, jirriabilitaw u jibnui djar għal persuni u familji bi qligħ baxx.

Fil-livell nazzjonali, il-US Department of Transportation (DOT) waqqaf Transportation Planning Capacity Building Programme (TPCB). DOT jipprovdi għajnuna finanzjarja lil stati biex jibnu infrastruttura ta' trasportazzjoni, inklużi kemm faċilitajiet għall-traġitt tal-massa u kemm awtostradi. Proġetti ta' din ix-xorta jafu jħarbtu komunitajiet u jibdlu l-karattru u l-funzjonalità ta' zona. Titjib fit-trasportazzjoni dejjem jikkaġuna impatti ambjentali sinifikanti bħat-tħarbit ta' zoni naturali, tinġis ta' l-ilma u qerda ta' ħabitats. Proġetti lesti jafu jikkaġunaw degradazzjoni ta' l-ambjenti ta' arja u tal-ħsejjes. It-TPCB hu maħsub biex jgħin li dawk li jieħdu deċiżjonijiet, uffiċjali tat-trasportazzjoni, u impegati biex isolvu dawn il-kwistjonijiet li jsiru dejjem aktar kumplessi meta jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' trasportazzjoni fil-komunitajiet tagħhom. Dan il-programm komprensiv jipprovdi taħriġ, għajnuna teknika, u appoġġ lil gvernijiet statali, lokali, reġjonali u tribali, lil operaturi ta' traġitt, u lil mexxejja tal-komunità.

F'livell prattiku, il-Programm TPCB jagħti informazzjoni, taħriġ u għajnuna teknika biex jgħin nies professjonali fit-trasportazzjoni biex joħolqu pjanijiet u programmi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-ħafna utenti tas-sistemi ta' trasportazzjoni tagħhom **(2)**.

L-Unjoni Ewropea tmexxi programmi ta' bini ta' kapaċitajiet f'pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati bħall-Kroazja, it-Turkija, l-Albanija, il-Bożniia u Ħerzegovina, is-Serbja, fost pajjiżi oħra. It-tħejjija għal sħubija fl-UE teħtieġ bidliet radikali f'medda wiesgħa ta' setturi f'ħafna istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet imdaħħlin fil-proċess leġiżlattiv u ta' infurzar. Rekwiżit importanti għat-tkabbir ta' l-UE hu r-rinfurzar tal-ħiliet istituzzjonali u amministrattivi tal-pajjiżi benefiċjarji biex ikunu f'qagħda li jadottaw, jimplimentaw u jikkonformaw b'mod sħiħ mal-politiki tal-Komunità. Dan jitlob modernizzazzjoni ta' l-amministrazzjonijiet u sistemi ġudizzarji tagħhom, waqt li jitqiesu l-prinċipji tal-professjonaliżmu u n-newtralità **(3)**.

F'livell internazzjonali, aġenziji bħall-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazjonali, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agrikultura jagħtu għajnuna għall-bini ta' kapaċitajiet lil nazzjonjiet sottożviluppati. Dawn il-programmi huma maħsubin biex jgħinu popli indiġeni jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex ikampaw fid-dinja moderna. Miri ta' għajnuna jistgħu jkunu bdiewa żgħar, irġiel u nisa fin-negozju, impjegati tekniċi jew nisa li tradizzjonalment kienu mċaħħdin minn edukazzjoni u taħriġ.

### *2.1.3 Taħriġ ta' individwi*

L-objettiv fundamentali tal-bini ta' kapaċitajiet f'livell individwali hu li jgħin nies jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jibdlu għall-aħjar il-ġejjieni tagħhom. Fl-usa' interpretazzjoni tiegħu, il-bini ta' kapaċitajiet jiġbor fih l-iżvilupp ta' riżorsi umani bħala parti essenzjali tal-proċess ta' żvilupp. Dan hu bbażat fuq il-kunċett li l-edukazzjoni u t-taħriġ qegħdin fil-qalba ta' l-isforzi għall-iżvilupp, u li mingħajr l-iżvilupp tar-riżorsi umani l-parti l-kbira ta' l-interventi ma jkunux effettivi. Il-bini tal-kapaċitajiet jiffoka fuq sensiela ta' azzjonijiet diretti biex jgħinu lill-parteċipanti fil-proċess ta' żvilupp biex ikabbar l-għerf, ħiliet u għarfien tagħhom u jiżviluppa l-attitudnijiet meħtieġa biex issir il-bidla meħtieġa fl-iżvilupp **(4)**.

Fl-organizzazzjonijiet, it-tagħlim individwali u l-bini ta' kapaċitajiet hu maħsub biex jagħti lill-impjegati aċċess għal għodod tekniċi, lezzjonijiet ta' esperjenza, u riċerka rigoruża u opportunitajiet ta' tagħlim biex ikunu kapaċi jaħdmu b'mod adegwat ħalli l-organizzazzjoni tagħhom issir magna għal tkabbir sostenibbli, tisbiħ ambjentali u/jew tnaqqis tal-faqar. In-natura tal-ħiliet u għerf li jridu jingħaddu lil oħrajn tvarja ħafna skond is-suġġett ta' proġett partikolari. Hekk ukoll ivarja t-tul tal-programm u l-livell mitlub minn qabel ta' edukazzjoni ta' dawk li jkunu se jitħarrġu. Jista' ma jkunx possibbli li wieħed ifassal programmi ta' taħriġ komprensivi li jkopru l-aspetti kollha ta' qasam ta' kwistjoni partikolari. Bħala parti mit-taħriġ tagħhom, l-individwi għandhom ikunu mgħallma kif jiksbu għarfien u ħiliet addizzjonali meta jkunu fuq ix-xogħol. Li tkun taf meta u kif tikseb informazzjoni addizzjonali u ġdida hu importanti daqs il-programm tal-bidu tat-taħriġ innifsu.

### *2.1.4 Bini ta' kapaċità istituzzjonali*

Fil-livell istituzzjonali, il-bini ta' kapaċitajiet jinvolvi żvilupp organizzattiv u taħriġ ta' impjegati. Strutturi maniġerjali għandhom ikunu evalwati, u proċessi u proċeduri jeħtieġ li jkunu riveduti, mhux biss fl-organizzazzjonijiet iżda wkoll fir-relazzjonijiet ta' organizazzjoni ma' organizzazzjonijiet u setturi oħrajn tal-komunità. L-oqfsa legali u regolatorji ta' istituzzjonijiet u aġenziji f'kull livell

għandhom ikunu evalwati u modifikati, jekk meħtieġ, biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom. Dan jista' jsir internament jew jista' jitlob azzjoni leġiżlattiva.

Fl-ambtu ta' organizzazzjoni hu essenzjali li l-maniġers kollha jkollhom it-taħriġ u l-ħiliet meħtieġa biex jimplimentaw il-missjoni ta' l-organizzazzjoni. Taħriġ għandu jingħata wkoll lill-impjegati li se jkunu mdaħħlin fl-implimentazzjoni tal-programm. Fil-proċess tat-taħriġ ta' individwi fil-bini ta' kapaċitajiet, l-organizzazzjonijiet infushom jiksbu wkoll kompetenza. Programmi ta' taħriġ jistgħu jkunu żviluppati minn organizzazzjoni governattiva jew privata nnifisha, minn aġenzija jew grupp relatati li jispeċjalizzaw fit-taħriġ, jew minn konsulent barrani. Qabel ma jibda t-taħriġ, dawk li jħarrġu lill-oħrajn għandhom jiksbu huma stess l-għerf meħtieġ li jkunu se jgħaddu lill-oħrajn.

### *2.1.5 Il-funzjoni tal-komunità*

Bini ta' kapaċitajiet f'livell ta' komunità jitlob ħidma ma' organizzazzjonijiet lokali biex is-setturi kollha tal-popolazzjoni jkunu involuti, biex ikunu definiti prijoritajiet lokali, u biex tkun żgurata l-konsistenza ta' proġett ma' ħtiġijiet u objettivi lokali. Il-passi meħtieġa biex il-komunità tkun involuta b'suċċess fil-bini ta' kapaċitajiet huma kif ġej:

- Żvilupp ta' strateġija ġenerali komunitarja ta' bini ta' kapaċitajiet
- Assikurazzjoni li l-gvern li jkun qed jisponsorja jappoġġja l-proċess parteċipattiv
- Bidu tal-proċess parteċipattiv kemm jista' jkun kmieni
- Identifikazzjoni u involviment ta' dawk kollha involuti
- Identifikazzjoni u involviment ta' l-individwi responsabbli kollha u ta' aġenziji fil-gvern
- Bini ta' kapaċitajiet biex il-komunità tasal biex tieħu deċiżjonijiet infurmati
- Assikurazzjoni li jitwaqqaf fluss reċiproku ta' informazzjoni

Tul dan il-proċess hu essenzjali li tkun stabbilita fiduċja bejn il-komunità jew komunitajiet u dawk li jkunu qed jipproponu l-proġett. Nuqqas ta' fiduċja hu ingredjent ċert biex proġett ifalli. Xi komunitajiet jistgħu jkunu aktar passivi rigward ċerti kwistjonijiet, u jkun jeħtieġ li jiġu involuti permezz ta' programm ta' informazzjoni pubblika u parteċipazzjoni preparat tajjeb. Organizzazzjonijiet ambjentali huma prominenti f'xi zoni, u għandhom ikunu konsultati. Il-komunità kummerċjali hi settur ieħor li għandu jkun involut fil-proċess tal-bini ta' kapaċitajiet. Fl-aħħarnett, gruppi privati jistgħu jeħtieġu li jiddaħħlu biex jikkompletaw proġett fil-fażi ta' kostruzzjoni jew implimentazzjoni, u għandhom jifhmu l-kuntest tal-proġett. L-involviment tan-nisa jew ta' organizzazzjonijiet femminili fl-iżvilupp ta' proġetti ta' żvilupp sostenibbli għandu wkoll jingħata prijorità.

### *2.1.6 Bini ta' kapaċità f'livell nazzjonali*

L-elementi kollha tal-bini ta' kapaċitajiet diskussi hawn fuq fir-rigward ta' taħriġ ta' individwi, bini ta' kapaċitajiet organizzattivi jew istituzzjonali, u parteċipazzjoni tal-komunità japplikaw ukoll f'livell nazzjonali. B'mod partikolari, istituzzjonijiet għandhom ikunu analizzati u addattati għall-ħtiġijiet tal-proġett. Uffiċċji ġodda jistgħu jinfetħu u aktar impjegati jiddaħħlu biex jimmaniġġjaw il-programm. Programmi ta' taħriġ għandhom jitlestew, u r-relazzjoni tal-komunità ma' elementi barra minnha għandha tkun ippjanata u implimentata tajjeb. L-objettiv aħħari, iżda, hu l-istess: biex in-nies tingħata l-ħila tikseb il-ħiliet meħtieġa biex tibdel il-ġejjieni tagħha għall-aħjar.

### *2.1.7 Referenzi*


1. UN Department of Economic and Social Affairs – Division for Sustainable Development. Capacity Building www.un.org/esa/sustdev/sdissues/capacity_ building/capacity.htm
2. US Department of Transportation – The Transportation Planning Capacity Building Program www.planning.dot.gov/default.asp
3. European Commission, Enlargement, Financial assistance, Institution building ec.europa.eu/enlargement/financial_assistance/institution_building/index_en.htm
4. The Global Development Research Center. Urban Capacity Building, http://www.gdrc.org/uem/capacity.html

## 2.2 EKONOMIJA U FINANZI

### 2.2.1 Introduzzjoni

Żvilupp sostenibbli jitlob mhux biss ippjanar estensiv ta' proġett iżda wkoll finanzjament biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-politika. Mingħajr ippjanar finanzjarju realistiku l-parti l-kbira tal-proġetti jitħallew mingħajr flus biżżejjed jew saħanistra mingħajr flus u jkunu destinati għall-falliment. Fil-kors ta' l-aħħar għexieren ta' snin l-Unjoni Ewropea saret innovatur ewlieni kif tiżgura li l-proġetti tagħha jkunu attwalizzati u avvanzati. Dan ġara l-aktar minħabba l-għarfien internazzjonali u nazzjonali li dawk li jfasslu l-politika, l-intrapriża privata, u l-pubbliku ġenerali għandhom jaħdmu id f'id biex iġibu bidla reali u sostenibbli għall-ġid ta' kulħadd. Għal dan l-iskop, sponsorjar pubbliku u privat ta' proġetti sostenibbli sar wieħed mill-pilastri ta' l-isforzi biex l-ibliet ta' l-Ewropa jimxu lejn pajsaġġ tassew sostenibbli ta' għajxien urban u innovazzjoni.

### 2.2.2 Finanzjament ambjentali mill-UE

Il-mekkaniżmu ta' finanzjament ta' l-UE għal proġetti ta' ħarsien ta' l-ambjent u konservazzjoni tan-natura, LIFE+, li beda jopera fl-1992, jiffoka fuq tliet zoni ewlenin ta' finanzjar: **(1)**

- **Natura** – iħaddan kwistjonijiet ta' ħarsien ta' ħabitat u konservazzjoni ta' bijodiversità taħt id-Direttiva HABITAT u Natura 2000;
- **Ambjent** – jinkludi l-oqsma ta' mmaniġġjar ta' art, ilma u skart, integrazzjoni ta' politika ta' prodott fir-rigward ta' l-ambjent u t-tnaqqis ta' impatti negattivi fuq l-ambjent;
- **Pajjiżi Terzi** – indirizzar tal-ħtiġijiet ta' stati mal-fruntiera tal-Mediterran u l-Baħar Baltiku fil-qasam tal-bini ta' kapaċitajiet u għajnuna teknika

LIFE+ hu maħsub bħala strateġija ta' ko-finanzjament b'iffinanzjar addizzjonali ta' proġetti minn sorsi oħrajn bħal dawk nazzjonali, fondi pubbliċi u investimenti privati. LIFE Environment għandu kwalifika oħra li talloka fondi biss għal proġetti pijunieri dimostrattivi u mhux lil tekonoloġiji u tekniki eżistenti, u hekk jimbotta partikolarment il-progress fir-riċerka u l-iżvilupp biex jiżgura progressjoni vitali f'attivitajiet u teknoloġija sostenibbli Sforzi Ewropej biex ikunu indirizzati l-kwistjonijiet reġjonali akbar li jolqtu lill-ambjent u lill-bidla fil-klima jidhru wkoll biż-żieda fis-sena 1997 tax-Short and Medium-term Priority Environmental Action Programme (SMAP) **(1)**. SMAP hu l-programm qafas ta' azzjoni għall-ħarsien ta' l-ambjent Mediterranju fil-kuntest tas-Sħubija Ewro-Mediterranja. Dan kien adottat f'Ħelsinki mill-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja fuq l-Ambjent.

### 2.2.3 Il-Bank Ewropew għall-Investimenti

L-għan tal-Bank għall-Investimenti Ewropew (EIB) hu li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni, żvilupp bilanċjat u koeżjoni ekonomika u soċjali tal-pajjiżi membri. L- EIB hu l-għodda ċentrali ta' l-Ewropa għall-finanzjament ta' proġetti għal żvilupp sostenibbli u ħarsien ambjentali, partikolarment fil-qasam ta' l-iżvilupp urban. L-EIB, li hu finanzjarjament independenti, inħoloq fl-1958 wara t-Trattat ta' Ruma u twaqqaf bħala istituzzjoni "immexxija minn politika" u li ma taħdimx għal qligħ u orjentata ċentralment fuq għanijiet u objettivi ta' l-UE. L-EIB jipprovdi riżorsi supplementari lil bliet biex jiffinanzjaw il-proġetti tagħhom billi jagħmel self għal investimenti u operazzjonijiet kapitali li jistgħu ma jkunux finanzjati għalkollox minn għotjiet mill-Kummissjoni Ewropea jew sorsi oħrajn. Il-Bank jiffoka primarjament fuq l-Unjoni Ewropea, tant li kważi 90% ta' l-attivitajiet kollha jsiru fl-ambitu tal-fruntieri ta' l-istati membri. L-oqsma primarji ta' l-attività tal-Bank huma **(2)**:

- Koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE mkabbra
- Implimentazzjoni ta' l-Innovation 2010 Initiative (i2i)
- Żvilupp tat-Trans-European and Access Networks
- Appoġġ għal intrapriżi żgħar u medji, u wkoll għal kumpaniji ta' daqs intermedju li għad għandhom fejn jiżviluppaw
- Ħarsien u titjib ambjentali, inklużi l-bidla tal-klima u l-enerġija rinnovabbli
- Appoġġ għall-politika ta' żvilupp u kooperazzjoni ta' l-UE f'pajjiżi sħab

Il-Bank jiffoka speċifikament fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-finanzjament ta' żvilupp urban u jippromwovi attivitajiet li jnaqqsu l-użu ta' riżorsi mhux rinnovabbli, jinkoraġġixxi stili ta' ħajja sostenibbli u jibni ħabitats urbani vijabbli. Fis-sena 2005 tfassal il-Joint European Support for Sustainable Investment in City Areas (JESSICA) u kien finalizzat fis-sena 2006. JESSICA, sforz konġunt bejn diversi istituzzjonijiet finanzjarji, jagħti lok lil awtoritajiet maniġerjali biex jużaw uħud mill-fondi strutturali tagħhom għal proġetti ta' tiġdid u żvilupp urban. Il-forza li tmexxi 'l quddiem lil JESSICA hija l-użu ta' "mekkaniżmi riċiklabbli" għall-finanzjament biex tkun żgurata provvista ta' riżorsi finanzjarji għal fondi urbani. Il-programm jistrieħ ħafna fuq appoġġ u kapaċità istituzzjonali u l-parteċipazzjoni ta' sħubijiet privati u pubbliċi **(3)**.

### *2.2.4 Is-settur privat: Eco-Management and Audit Scheme (EMAS)*

EMAS hija inizjattiva volontajra mibdija f'nofs is-snin disgħin bħala għodda għal kumpaniji u industriji biex jimmaniġġjaw l-impatt ambjentali tagħhom waqt li jibqgħu kompetittivi. EMAS twaqqfet bir-Regolament tal-Kunsill Numru 1836/1993, u fil-bidu kienet miftuħa biss għal dawk imdaħħlin fis-settur industrijali, iżda wara s-sena 2001 l-iskema nfteħet għas-setturi pubbliċi u privati kollha. EMAS tixbah lill-inizjattiva Energy Star fl-Istati Uniti li takkredita simbolu biex jindika l-konformità ta' prodotti u servizzi ma' prinċipji ambjentali. Organizzazzjonijiet u kumpanija reġistrati ma' l-EMAS għandhom:

- jivvalutaw il-mekkaniżmi, prodotti u attivitajiet kurrenti tagħhom kollha li jolqtu lill-ambjent;
- jistabbilixxu Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali (EMS) b'għanijiet u objettivi ċari mfassla mill-maniġment ta' fuqnett;
- jidħlu għal verifika ambjentali li tqabbel dak li għamlet l-organizzazzjoni ma' għanijiet imniżżlin fl-EMS;
- jippublikaw ir-riżultati tal-verifika u jippreparaw valutazzjonijiet ta' x'irnexxa u x'ma rnexxiex u strateġiji biex jissewwew in-nuqqasijiet **(4)**.

Kumpaniji li jieħdu sehem għandhom juru li jifhmu sewwa kif il-leġiżlazzjoni kurrenti dwar l-ambjent tolqot l-organizzazzjoni tagħhom u juru l-ħila li jibqgħu kontinwament jaqdu l-obbligi tagħhom fil-ġejjieni. Ir-rapporti kollha ta' organizzazzjoni għandhom ikunu verifikati minn uffiċjal ċertifikat ta' l-EMAS qabel ma l-logo ta' l-EMAS jitħalla jintuża mill-organizzazzjoni. Bħall-programm Energy Star fl-Istati Uniti, EMAS tipprovdi lill-konsumaturi simbolu dejjem aċċessibbli biex jidentifika prodotti u jappoġġja l-produtturi, u jagħti okkażjoni lil industriji u organizzazzjonijiet interessati biex jikkontribwixxu għal prattiki sostenibbli permezz ta' għajnuna koordinata teknika u konsultattiva minn sorsi kompetenti **(4)**.

L-inklużjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet privati hi mill-aktar importanti għall-iżvilupp sostenibbli ta' zoni urbani, l-aktar f'termini ta' spazji fil-beraħ u

servizzi ambjentali serji bħat-tnaqqis u l-kontroll tat-tinġis, u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Fis-snin reċenti aktar membri tas-settur privat kienu involuti fil-promozzjoni ta' prattiki ambjentali sostenibbli aktar ma jikber fl-importanza l-għarfien ta' l-impatt ta' attivitajiet umani fuq l-ambjent. L-importanza ta' dan għal zoni urbani hi sinifikanti, billi l-finanzjament pubbliku ta' proġetti li jkattru l-effiċjenza u jnaqqsu l-impatt uman fuq l-ambjent diġà wasal qrib il-limiti tiegħu. Involviment akbar ta' individwi privati u kumpaniji fi żvilupp sostenibbli jispira wkoll innovazzjoni akbar kemm fid-disinn u kemm fil-provvista ta' servizzi u faċilitajiet pubbliċi.

### *2.2.5 Valur ta' titjib ambjentali*

L-investiment f'zoni ħodor u f'ambjent aktar nadif ikattar il-valur għat-tul ta' zoni urbani b'riżultati pożittivi kemm għall-finanzi privati u kemm għall-erarju pubbliku. Dan hu evidenti mad-dinja kollha **(5)**. Barra minn hekk, ambjenti urbani aktar sani jwasslu għal popolazzjonijiet urbani aktar sani. L-allokazzjoni ta' riżorsi għall-benessri akbar tal-pubbliku, metodi ta' produzzjoni aktar nodfa, u kontrolli tat-tinġis ikabbru l-benessri kemm mentali u kemm fiżiku ta' zoni urbani u jippromwovi forza tax-xogħol aktar sana u ferrieħa li tħalli riżultati pożittivi fuq il-produttività Għaldaqstant, l-investiment f'zoni urbani sostenibbli hu bla dubju l-aħjar deċiżjoni għal kulħadd fis-setturi pubbliċi u privati. Allura l-kwistjoni kollha tinġabar fuq kif wieħed jasal biex jinkisbu kondizzjonijiet ta' għajxien aħjar.

Ħafna mill-finanzjament inizjali għal proġetti ta' xogħlijiet pubbliċi jrid jiġi minn fondi pubbliċi. Għalhekk hu importanti li l-pubbliku jieħu lura l-valur ta' flusu f'termini kemm ta' żmien twil u kemm ta' żmien qasir. Barra minn hekk, investimenti f'ambjenti sostenibbli huma investimenti f'investimenti privati fil-ġejjieni. Zoni li għandhom parks u spazji fil-beraħ miżmumin tajjeb, ngħidu aħna, itendu li jkollhom valuri ta' propjetà ogħla fis-suq **(6)**. Studju ta' l-ibliet ta' Emmen, Appledoorn u Leiden fl-Olanda wera li ġnien li jmiss ma' post bl-ilma jista' jgħolli l-prezz ta' dar bi 11 fil-mija. Veduta ta' ilma jew ta' għadira fil-qrib tista' tella' l-prezz b'10 fil-mija u 7 fil-mija rispettivament, u veduta ta' park intwera li għolliet il-prezzijiet bi 8 fil-mija. Li jkollok park ħdejk tella' l-prezz b'6 fil-mija. Dan għandu jitqabbel ma' veduta ta' blokk ta' appartamenti, li tista' tnaqqas il-prezz b'7 fil-mija **(5)**.

L-ibliet għandhom varjetà ta' għażliet biex jappoġġjaw l-iffinanzjar ta' proġetti ta' żvilupp sostenibbli. Zoni urbani jistgħu jieħdu vantaġġ minn għażliet ibbażati fuq taxxi u finanzjati privatament, bħal taxxi fuq il-propjetà, ħlasijiet għal użu, u tassazzjoni assenjata minn qabel (jiġifieri l-użu ta' dħul minn lotteriji nazzjonali li jsiru apposta għal attivitajiet responsabbli ambjentalment). Iżda l-amministrazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u servizzi hija wkoll importanti ħafna għas-sostenibilità. Ngħidu aħna, hu magħruf li zoni fil-beraħ jew spazji ħodor jinfluwenzaw ħafna l-valur tal-propjetà fiz-zoni ta' madwarhom, u għalhekk lill-investimenti u d-dħul ta' flus, iżda l-pjanifikaturi għandu jkollhom il-ħila li jagħtu kont għall-valur ta' dawn l-ispazji jekk iridu jżommuhom fi stat tajjeb u jtejbuhom. Għalhekk, il-pjanifikaturi għandhom jieħdu miżuri biex jistallaw prattiki komprensivi ta' verifika kemm ta' kapital fiżiku u kemm ta' dak naturali.

L-istima tal-valur ta' spazji pubbliċi tinvolvi kontabilità innovattiva u komprensiva ta' l-assi kollha li jikkontribwixxu għall-valur ta' zona. Biex jagħmlu dan, maniġers għandhom jagħmlu verifiki fil-bidu u perjodikament ta' materjali u stokks naturali, u tal-valur kapitali ġenerali ta' spazji fil-beraħ. Dawn jistgħu jinkludu:

- **Verifika tal-pajsaġġ** – l-attrazzjoni viżwali li park jew spazju aħdar għandu għaċ-ċittadini, inkluża d-dehra li tirriżulta mill-manutenzjoni u disinn ta' spazji fil-beraħ jew min-nuqqas tagħhom.
- **Verifika ambjentali** – l-istima tal-valur ta' spazju pubbliku minn ġewwa u minn barra. F'termini ta' valur inerenti fi spazju pubbliku, dan ifisser determinazzjoni ta' speċi ta' pjanti u ħajja selvaġġa diġà eżistenti fiz-zona jew li jistgħu ikunu sostnuti minnha. Il-valur estern jirreferi għal liema benefiċċji l-ispazju joffri lill-ambjenti ta' madwaru, bħal tnaqqis ta' tinġis mill-ħsejjes li jiġi minn barrieri naturali, iffrankar fuq sistemi ta' mmaniġġjar ta' ilma urban permezz ta' l-intervent ta' sistemi naturali (jiġifieri superfiċji permeabbli, ħaxix), eċċ.
- **Verifika tal-faċilità** – l-istima tal-valur, soċjali u ekonomiku, ta' żidiet li jsiru lil park jew spazju aħdar f'zona speċifika. Dawn iż-żidiet jistgħu jinkludu, imma mhux biss, faċilitajiet rikreattivi, zoni fejn wieħed joqgħod bilqiegħda, funtani, zoni għall-għawm, spazji għall-isports, u postijiet għall-mużika.

Naturalment, zoni pubbliċi jġibu magħhom rata korrispondenti ta' deterjorament fil-kapital tagħhom. Funtani jkun jeħtieġ li jinbidlui, bankijiet ikunu jeħtieġu tiswija, u l-art trid tinżamm fi stat tajjeb. Hawn l-iskop tal-verifika jsir referenza prattika għaż-żamma sostenibbli ta' faċilitajiet pubbliċi. Bir-realizzazzjoni ta' l-ispejjeż u valuri attwali ta' l-assi ta' spazji fil-beraħ, il-gvernijiet jistgħu jipproġettaw b'mod eżatt in-nefqa tagħhom fil-ġejjieni u jikkalkulaw kemm jista' jkun tajjeb il-flus meħtieġa għall-manutenzjoni. Barra mill-użu ta' finanzjament mill-UE, nazzjonali u mill-belt, maniġers jistgħu jutilizzaw għażliet bħal avvenimenti pubbliċi (jiġifieri, festivals ta' mużika, eċċ.) u miżuri oħrajn biex jiġġeneraw dħul ta' flus. Barra minn dan, il-promozzjoni responsabbli u kreattiva ta' spazji fil-beraħ u prattiki ambjentalment sodi tiġġenera dħul sinifikanti għal negozju u imprendituri privati li jgawdu meta jidhru bħala influwenzi pożittivi fuq l-ambjent urban. Korporazzjonijiet kbar qed jinvolvu ruħhom attivament fil-promozzjoni ta' teknoloġiji aktar ħodor u prattiki li jagħtuhom immaġni pubblika pożittiva u jkabbrulhom is-sehem tagħhom fis-suq. Il-Bank of America, ngħidu aħna, wiegħed 10 biljun dollaru Amerikan biex jippromwovi attivitajiet u proġetti ambjentalment dħulin. Din ix-xejra qed tikber aktar ma r-regolamenti u l-opinjoni pubblika qed jiffavorixxu aktar il-ħarsien ambjentali **(7)**. Pjanifikaturi u dawk li jfasslu l-politika jistgħu jkomplu jżidu l-inċentivi għal investiment u parteċipazzjoni privati billi joffru inċentivi jew krediti fiskali lil sħab privati li jinvestu jew jippromwovu attivament prattiki sostenibbli (jiġifieri, tnaqqis fit-taxxi għal sponsorjar ta' proġetti għal titjib ambjentali, eċċ.).

Strateġiji għat-tul fil-każ ta' responsabbiltajiet finanzjarji għandhom jinkludu wkoll l-investiment, minn istituzzjonijiet pubbliċi u ditti privati, f'dawk l-industriji li jikkonformaw ma' l-ogħla standards u prattiki ambjentali. L-investiment ta' sigurtà soċjali u fondi ta' pensjonijiet f'negozji ħodor huwa waħda mill-istrateġiji li kemm jinkoraġġixxu prattiki sostenibbli fis-settur privat u kemm ikabbru fondi pubbliċi għal impenji fil-ġejjieni. Il-finanzjament ta' żvilupp urban sostenibbli jitlob, primarjament, xift ta' prijoritajiet ta' politika minn qligħ finanzjarju f'terminu ta' żmien qasir sa investiment għat-tul fil-benessri tal-komunità.

### *2.2.6 Referenzi*


1. LIFE+ Program, European Commission - Environment http://ec.europa.eu/environment/life/home.htm
2. European Investment Bank http://www.eib.org/cms/htm/en/eib.org/attachments/general/bei_info/bei_info124_en.pdf

3. EMAS Website, European Commission - Environment http://ec.europa.eu/ environment/emas/index_en.htm
4. Urban Parks: Do You Know What You're Getting for Your Money?, CABE Space, Commission for Architecture and the Built Environment (2006) www.cabe.org.uk
5. Does Money Grow On Trees? CABE Space, Commission for Architecture and the Built Environment (2005) www.cabe.org.uk
6. The Value of Public Spaces: How High Quality Parks and Public Spaces Create Economic, Social and Environmental Value, CABE Space, 2004 www.cabe.org.uk

## 2.3 ĦOLQIEN U MANUTENZJONI TA' IMPJIEGI

### 2.3.1 Introduzzjoni

L-ibliet huma zoni ta' tkabbir u opportunitajiet ekonomiċi mtejba. Zoni urbani dejjem ħolqu l-impjiegi u ġibdu lejhom u ħarrġu individwi enerġetiċi u mogħnija b'talenti. Sa mill-oriġni tagħhom bħala faċilitajiet għan-negozju sa meta żviluppaw f'ċentri ta' żvilupp u manifattura ta' riżorsi, l-ibliet huma l-postijiet fejn issir l-attività ekonomika tal-maġġoranza tal-popolazzjoni tad-dinja. Ħafna nies jemigraw f'zoni urbani biex ifittxu x-xogħol u ħajja aħjar; uħud jirnexxilhom, oħrajn le. Uħud iġibu magħhom xi ħiliet, ħafna oħrajn xejn. Ħtija ta' dan l-ibliet dejjem batew biex ibbilanċjaw il-ħtiġijiet tar-residenti mal-ħtiġijiet ta' l-ekonomija, l-aktar fi żmien perjodi ta' nuqqas ta' attività ekonomika.

### 2.3.2 Kwistonijiet

Ix-xogħol hu wieħed mill-fatturi stabilizzanti l-aktar importanti għall-iżvilupp soċjali u għas-sostenibilità ambjentali. Jiġġenera d-dħul tal-flus li jista' jkun applikat għall-iżvilupp u implimentazzjoni ta' proġetti sostenibbli. Kwistjonijiet ta' ħaddiema u, b'implikazzjoni, kwistjonijiet għal maniġers ta' l-ekonomija, ivarjaw skond l-età. Ħaddiema ta' età akbar, li jkollhom esperjenza siewja tal-ħajja, jistgħu ma jkunux familjari ma' teknoloġiji innovattivi. Ħaddiema ta' età iżgħar, għall-kuntrarju, ftit ikollhom esperjenza tal-ħajja u jistgħu jsibuha tqila li jidħlu fil-forza tax-xogħol jew jaqbdu linja ta' xogħol u jibqgħu fiha. Jistgħu wkoll jitqiesu bħala xi ħaġa li tinqeda biha għal ftit aktar milli fil-każ ta' ħaddiem ta' età akbar li għandu familja xi jmantni. Iżda ħaddiema żgħażagħ itendu wkoll biex ikunu innovattivi u jieħdu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda jew jiżviluppaw modi ġodda kif jittrattaw problemi qodma. Il-qgħad hu problema devastanti kemm għal individwi u kemm għal familji, u x'aktarx li aktar issibu fost iż-żgħażagħ milli fost dawn ta' mezza età u persuna akbar, u ssibu wkoll aktar fost in-nisa milli fost l-irġiel. Il-qgħad u x-xogħol f'linji taħt il-ħila ta' dak li jkun jirrappreżentaw problemi dinamiċi għal maniġers fl-ibliet, l-aktar minħabba l-kumplessità tal-mekkaniżmi tas-suq u l-pressjoni fuq is-sistemi ta' ħarsien soċjali **(1,2)**.

L-Unjoni Ewropea ffissat l-objettiv li toħloq 20 miljun impjieg ġdid sas-sena 2010 biex treġġa' lura lill-UE għal livell sħiħ ta' impjiegi. Il-miri uffiċjali għas-sena 2010 jinkludu ż-żieda tar-rata ġenerali ta' impjieg għal 70%, it-tlugħ ta' l-impjiegi tan-nisa sa 60%, u t-tlugħ tar-rata ta' impjiegi tal-grupp ta' dawk li għandhom 'il fuq minn 55 age għal 50%. L-istatistiċi korrespondenti għas-sena 2004 kienu 63%, 55% u 40% rispettivament. Biex jaslu għal dawn l-għanijiet ambizzjużi, l-istati membri qablu li jtejbu l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni ta' polikiti ta' impjieg, jirriformaw is-sistemi ta' ħarsien soċjali, ikabbru l-aċċess ta' ħaddiema barranin għas-suq tax-xogħol, u jinvestu fi programmi ta' taħriġ għax-xogħol **(3)**.

### 2.3.3 Soluzzjonijiet potenzjali

Id-dħul u d-dħul mill-ġdid fil-forza tax-xogħol m'humiex propożizzjonijiet ħfief. Problemi personal jistgħu jġiegħlu individwi jitilqu l-impjieg jew joħolqu ċirkustanzi li minħabba fihom il-produttività tonqos. Biex dawn il-problemi jkunu indirizzati, inħarġu ħafna politiki biex jgħinu persuni jsibu impjieg u jżommuh. Meħudin flimkien, dawn il-politiki jikkostitwixxu parti importanti mis-sistema ta' benessri moderna ma' l-Ewropa kollha.

#### 2.3.3.1 Għajnuna b'żieda mal-paga

Għajnuna b'żieda mal-paga ta' dak li jkun tgħin lin-nies jevitaw il-faqar u l-problemi assoċjati miegħu billi tissupplementa l-paga ta' individwu jew familja b'fondi pubbliċi. Dawn jistgħu jiġu minn xi forma ta' ħlasijiet diretti bħal benefiċċji f'każ ta' qgħad biex jitħaffu t-tfittxija u l-parteċipazzjoni fix-xogħol, jew metodi aktar indiretti bħal *allowances* għall-kura mal-ġurnata jew krediti

għal trasportazzjoni li jistgħu jnaqqsu l-piż minn fuq ħaddiema biex isibu u jżommu x-xogħol. Forom oħrajn ta' għajnuna mal-paga jinkludu inizjattivi bħall-programm Food Stamp fl-Istati Uniti li jiddistribwixxi kupuni lil familji bi dħul baxx biex iħaffilhom il-piż tax-xiri ta' oġġetti bżonjużi. Is-sistema ta' kreditu tat-taxxa fuq il-dħul maqlugħ fl-Istati Uniti għal familji bit-tfal hi eżempju ieħor ta' l-użu ta' politika fiskali biex in-nies joħorġu mill-qgħad u mid-dipendenza fuq il-finanzi pubbliċi.

*2.3.3.2 Benefiiċċji f'forma ta' oġġetti*

Dawk li jfasslu l-politika għandhom jiżviluppaw programmi prattiċi u effettivi biex jgħinu familji jieħdu ħsieb tagħhom infushom filwaqt li jkattru kemm jista' jkun l-impjiegi. Il-benefiċċji f'forma ta' oġġetti huma servizzi u oġġetti mogħtija lil individwi u familji li ma jħallsu xejn għalihom. Dawn jistgħu jinkludu servizzi bħal kura tul il-ġurnata sponsorjata mill-gvern, kura ta' tfal żgħar wara l-iskola, jew kliniċi mediċi b'xejn li huma aċċessibbli għal kulħadd jew għal persuni li għandhom dħul inqas minn ċertu livell. Bħal fil-każ ta' benefiċċji diretti fi flus kontanti, benefiċċju f'forma ta' oġġetti jħaffu l-piż minn fuq individwi biex isibu u jżommu x-xogħol. Il-kura tul il-ġurnata hija mill-aktar importanti, ngħidu aħna, fil-każ ta' ġenituri li jaħdmu u li m'għandhomx aċċess għal kura tul il-ġurnata bi ħlas għax ma jlaħħqux għall-ispiża tagħha. Ommijiet tipikament joħorġu mill-forza tax-xogħol wara t-twelid ta' tarbija u jafu ma jerġgħux jidħlu qabel ċertu żmien, jew jitilqu mis-suq tax-xogħol kompletament. Meta mara ma terġax lura fis-suq tax-xogħol tista' tiltaqa' ma' diffikultajiet minħabba nuqqas ta' għarfien ta' teknoloġiji ġodda, diskriminazzjoni minħabba l-età, jew minħabba nuqqas ta' esperjenza **(3)**.

*2.3.3.3 Politiki attivi oħrajn fis-suq tax-xogħol*

Politiki attivi fis-suq tax-xogħol jinkludu benefiċċji u trasferimenti lil individwi u familji u wkoll passi "attivi" biex nies jingħataw impjieg. L-aktar forom popolari ta' dawn il-politiki jinkludu:

- Servizzi li jsibu impjieg għan-nies
- Taħriġ għal xogħol
- Pariri fuq karrieri
- Fieri u avvenimenti fuq impjiegi
- 

Programmi ta' din ix-xorta huma maħsubin biex jinkoraġġixxu lill-ħaddiema jfittxu impieg li jaqbel ma' l-interessi speċifiċi u l-ġabra ta' ħiliet tagħhom. Fil-każ li ma jkunx hemm ħiliet iżda jkun hemm ix-xewqa li wieħed isegwi linja speċifika ta' xogħol, taħriġ għax-xogħol u pariri jagħtu lil impjegati prospettivi gwida professjonali li altrimenti ma tkunx aċċessibbli jew identifikabbli għal individwi. Dawn l-attivitajiet hu l-aktar siewja f'zoni urbani billi dawn ikunu qrib impjegaturi u impjegati potenzjali, u wkoll qrib organizzazzjonijiet edukattivi u komunitarji. L-investiment fil-kapital uman hu essenzjali għal tkabbir ekonomiku u soċjali. Minħabba bidliet demokratiċi fost il-ħaddiema, u l-ħtieġa li jikber in-numru ta' dawk fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ ta' l-adulti u t-titjib tal-ħiliet huma kawża primarja ta' tħassib għal bliet ma' l-Ewropa kollha.

Fl-Istati Uniti programmi *workfare*, li jitolbu li dawk li jirċievu għajnuna soċjali jaħdmu fi programmi edukattivi jew ta' taħriġ għax-xogħol, jew jirreġistraw għalihom, irnexxielhom inaqqsu n-numru ta' nisa u familji bi qligħ baxx li jirċievu benefiċċji pubbliċi tul dawn l-aħħar 10 snin. Jekk il-ħaddiema jirrifjutaw li jaħdmu jew jitħarrġu għax-xogħol, id-dritt tagħhom għal għajnuna finanzjarja u benefiċċji relatati jista' jitnaqqas jew jitteħdilhom għalkollox **(4)**.

***2.3.4 Studju ta' każ: United Kingdom New Deal Programme***

Il-programm New Deal fir-Renju Unit hu programm *workfare* maħsub biex jgħin persuni qiegħda jerġgħu jidħlu għax-xogħol billi jipprovdi appoġġ u gwida

li dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol. Dawk li jieħdu sehem fil-programm New Deal jistgħu jingħataw taħriġ u saħansitra xogħol sussidjat li jgħinhom imorru lura għax-xogħol. Barra milli jagħti servizzi u benefiċċji lil dawk li jfittxu x-xogħol, New Deal jinkorpora wkoll programm ta' żvilupp ambjentali li jintroduċi lill-parteċipanti fid-dinja ta' l-iżvilupp sostenibbli u ħarsien ambjentali.

It-tabella t'hawn taħt tiġbor fil-qosor l-elementi tal-programm applikabbli għal kategoriji demografiċi diversi:

| **Programm** | **Dettalji** |
|---|---|
| New Deal għal Żgħażagħ | Klejm kontinwa għal *allowance* għal dawk li jkunu ilhom ifittxu x-xogħol għal aktar minn 6 xhur; 18 – 24 sena |
| New Deal għal min hu fuq il-25 | Klejm kontinwa għal *allowance* għal dawk li jkunu ilhom ifittxu x-xogħol għal aktar minn 18-il xahar; 25 sena u fuqhom |
| New Deal għal min hu fuq il-50 | Klejm għal Għajnuna b'żieda mal-Paga, *Allowance* għal dawk li jkunu jfittxu x-xogħol, Benefiċċju għal Inkapaċità, *Allowance* għal Diżabilità Severa, Kreditu tal-Pensjoni għal 6 xhur; 'il fuq minn 50 sena |
| New Deal għal Ġenituri Singoli | Ġenituri Singolu; Volontarja |
| New Deal għal Persuni bi bżonnijiet speċjali | Volontarja; Klejm għal Benefiċċji għal Diżabilità |
| New Deal għal Mużiċisti | Parti minn New Deal għal Żgħażagħ u New Deal 25; Appoġġ Informattiv għal Xogħol għal Mużiċisti |
| New Deal għal Sħab | Volontarja; Sħab ta' persuni li jirċievu Għajnuna b'żieda mal-Paga, *Allowance* għal dawk li jkunu jfittxu x-xogħol, Benefiċċju għal Inkapaċità, *Allowance* għal Diżabilità Severa, Kreditu tal-Pensjoni |

L-Environmental Task Force hija waħda minn erba' għażliet aċċessibbli għal dawk li jieħdu sehem fi New Deal, u li għandhom minn 18 sa 24 sena, biex jaħdmu fis-settur ambjentali u jkabbru l-opportunità biex isibu x-xogħol. Dan hu programm sussidjat, fis-sena li l-parteċipanti jingħataw, għal 6 xhur, paga fil-ġimgħa minbarra l-benefiċċji li jirċievu **(5)**.

### *2.3.5 Studju ta' Każ: Green Salary Project*

Il-Biopolitics International Organisation bniet fuq il-momentum tar-riforma fl-iżvilupp sostenibbli u tal-*welfare state* u bdiet tippromwovi sinerġija ta' *workfare* u żvilupp sostenibbli biex tintuża f'zoni urbani, imsejħa Green Salary. Green Salary Projects (GSP) huma maħsubin biex jagħtu impjieg liż-żgħażagħ fil-qasam tal-ħarsien jew restawr ambjentali.

Bit-taħriġ jew taħriġ mill-ġdid ta' persuni qiegħda, komunitajiet jistgħu jtejbu l-kapital uman li jkollhom u jippromwovu titjib ekonomiku pożittiv fiz-zoni tagħhom. Esperjenza prattika fil-post, filwaqt li tagħmel differenza diretta lill-komunità li taqdi, tiġi bħala benefiċċju addizzjonali lill-individwu aktar ma s-settur privat qed jagħraf dejjem aktar il-ħtieġa ta' impjegati li għandhom esperjenza fi prattiki ta' żvilupp sostenibbli.

Fil-każ ta' żgħażagħ minn 18 sa 25 sena, GSPs jipprovdu linja produttiva biex jissaħħu l-karrieri u l-attitudnijiet dwar l-ambjent. Bħala l-aktar settur fiżikament attiv u ta' ħila fost il-popolazzjoni, iż-żgħażagħ jagħtu lill-komunitajiet l-aktar rekwiżit sinifikanti għall-ħarsien ta' l-ambjent - —il-forza tax-xogħol. Barra minn hekk, billi komunitajiet ifqar spiss ibatu b'mod sproporzjonat minn degradazzjoni ambjentali, GSPs joffru mod lil dawn is-setturi tas-soċjetà biex ikollhom aċċess għal għarfien u ħiliet tas-setturi akkademiċi u b'interess speċjali biex itejbu l-kondizzjonijiet taz-zoni tagħhom stess u hekk joħolqu esternalità pożittiva għall-komunitajiet ta' madwarhom ukoll.

### *2.3.6 Referenzi*


1. Living conditions in Europe: 2002 – 2005, Population and Social Conditions (Eurostat, Pocketbook) (2007) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-76-06-390/EN/KS-76-06-390-EN.PDF
2. European Commission. Europe's cities on front line of jobs and growth drive, Hübner tells ministers in Leipzig. Press Release, May 24, 2007 http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/07/705&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en
3. European Commission. Growth and Jobs. Press Release, June 4, 2007 http://ec.europa.eu/growthandjobs/areas/fiche08_en.htm
4. Jobs and Income; The Restated OECD Jobs Strategy, (Directorate for Employment, Labour and Social Affairs) (DELSA Newsletter Issue 3, 2006) http://www.oecd.org/dataoecd/4/39/37355461.pdf
5. UK Department of Work and Pensions www.jobcentreplus.gov.uk/JCP/Customers/New_Deal/

## 2.4 EDUKAZZJONI

### 2.4.1 Introduzzjoni

L-edukazzjoni hija dritt universali li n-nazzjonijiet kollha fid-dinja jridu jaħdmu biex jiżguraw u jippromwovu. Dan id-dmir jaqa' sewwa fuq l-ibliet billi r-riżultati ta' l-edukazzjoni huma vitali għas-sopravvivenza ta' zoni urbani. Il-kisba ta' edukazzjoni ogħla għandha x'taqsam ma' aktar produttività u innovazzjoni, u twassal għal ħila akbar ta' komunitajiet biex isostnu lilhom infushom. Għall-kuntrarju, in-nuqqas ta' edukazzjoni jkabbar l-inċidenza tal-faqar u jżomm lura attivitajiet soċjali u ekonomiċi pożittivi.

Edukazzjoni tajba tkabbar il-valur ta' l-individwi u, meta aggregata, il-valur tal-komunitajiet tagħhom, mhux biss għalihom imma wkoll għal dawk madwarhom. Edukazzjoni aħjar tkabbar l-ammont ta' għażliet aċċessibbli u ttendi biex tkabbar l-armonija fil-komunità, tant li turi ruħha f'inqas qgħad, inqas rati ta' delitti u inqas faqar. Il-barrieri għall-edukazzjoni huma ħafna, uħud fid-dieher u oħrajn li juru ruħhom fis-sistema ta' regoli u drawwiet formali u informali ta' soċjetà. Dawn il-barrieri mhux biss jimplikaw ċaħda ta' modi tradizzjonali ta' edukazzjoni, jiġifieri aċċess għal parteċipazzjoni fi klassi ta' l-iskola jew reġistrazzjoni fi skola, imma twessgħu biex jinkludu ċ-ċaħda ta' forom moderni ta' għodod ta' tagħlim ukoll, bħall-internet u t-teknoloġija ta' l-informazzjoni. L-ibliet, bħala l-magni ekonomiċi ta' l-Ewropa u ta' postijiet oħrajn, għandhom l-akbar sfida biex jipprovdu dan is-servizz.
Biex jiżguraw li l-gruppi kollha jkollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni, maniġers ta' bliet għandhom jimmonitorjaw, jevalwaw u jirrivalutaw prattiki u jsibu modi innovattivi kif jinkorporaw dimensjonijiet ġodda f'politiki edukattivi. Fatti demografiċi li jinbidlu mad-dinja kollha u l-qawmien ta' l-era ta' l-informazzjoni joħolqu tensjonijiet fiskali u etiċi enormi fuq l-amministrazzjonijiet; madankollu dawn it-tensjonijiet għandhom jitqiesu bħala opportunitajiet biex jitfasslu attitudnijiet u strateġiji ġodda.

L-edukazzjoni pubblika hija l-aktar aspett importanti ta' strateġija proattiva ta' mmaniġġjar ta' l-ambjent. Mingħajrha, ebda progress ieħor ma jista' jinkiseb b'mod sostenibbli u ebda moviment ma' jista' jkun attivat b'mod effettiv, xejn m'hu aktar veru milli fl-isfera ta' mmaniġġjar urban sostenibbli. Fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-komunità biex ikun hemm aċċess għall-opportunitajiet edukattivi, iridu jkunu indirizzati żewġ kwistjonijiet 1) liema gruppi jbatu tipikament minn nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, u 2) liema xorta ta' edukazzjoni tikkontribwixxi biex ikun hemm komunitajiet sostenibbli.

### 2.4.2 Esklużjoni minn opportunitajiet edukattivi

Barrieri għall-edukazzjoni m'humiex dejjem fid-dieher, u xi drabi jistgħu jkunu injorati kemm mill-ufficjali pubbliċi u kemm mill-pubbliku, inkluż il-pubbliku milqut innifsu. Maż-żmien, ir-rati ta' parteċipazzjoni ta' diversi gruppi nbidlu. Ngħidu aħna, illum, ma' l-Ewropa kollha, aktar tfajliet milli ġuvintur jibqgħu sejrin bl-edukazzjoni sekondarja **(1,2)**. Min-naħa l-oħra, aktar studenti rġiel itendu li jitilqu l-edukazzjoni kmieni biex jidħlu fil-forza tax-xogħol; f'dal-każ, l-ogħla perċentwali ta' dawk li joħorġu mill-iskola kmieni qiegħda fit-Turkija u l-inqas fil-Polonja. Hekk, illum in-nisa jikkostitwixxu l-maġġoranza ta' studenti universitarji fl-Ewropa kollha. Barra minn hekk, l-effetti tal-politiki tul medda ta' seklu fl-Ewropa, bl-enfasi fuq l-ekwità u l-aċċess għal kulħadd, bidlet drammatikament il-fatti demoġrafiċi ta' l-edukazzjoni fi żmien ġenerazzjoni waħda. Fil-Belġju, ngħidu aħna, il-perċentwali ta' rġiel u nisa minn 55 sa 64 sena li għandhom almenu edukazzjoni sekondarja superjuri, fis-sena 2005 kienet 52% u 43% rispettivament; b'kuntrast ma' dan, iċ-ċifri fil-każ ta' dawk minn 25 sa 34 sena kienu 78% u 82%. Fi żmien ġenerazzjoni waħda, il-qawwa negozjatorja relattiva tan-nisa mill-aspett edukattiv inbidlet drammatikament, u l-akbar kisbiet saru fl-istati tan-Nofsinhar ta' l-Ewropa.

Minkejja dan, għad baqa' ħafna xi jsir biex tintlaħaq parteċipazzjoni sħiħa fl-edukazzjoni matul il-kontinent kollu u fl-ibliet kollha ta' l-Ewropa. It-tkabbir kemm jista' jkun tal-kapaċità tal-komunitajiet urbani ta' llum hu kruċjali biex tinżamm l-istabilità tal-komunitajiet ta' għada. Il-ħaddiema żgħażagħ ta' llum jeħtieġ li jkunu aktar produttivi mill-ġenerazzjoni tal-ġenituri tagħhom biex ikomplu jiffinanzjaw benefiċċji soċjali partikolari (jiġifieri pensjonijet, eċċ.) filwaqt li jiżguraw li wegħdiet ambjentali jinżammu. Fil-qofol ta' kollox, iż-żgħażagħ ta' llum għandhom jilqgħu l-isfida monumentali li jsostnu l-ġenerazzjoni tal-ġenituri tagħhom filwaqt li jiffaċċjaw il-problema ta' sekli ta' degradazzjoni u qirda ambjentali. Iċ-ċavetta biex dan jinkiseb hija l-edukazzjoni **(3,4)**.

*2.4.2.1 Il-foqra*

Hu tipiku li l-foqra jbatu l-aktar min-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni. Dan jista' jkun li ġej minn għażliet tal-ħajja, jew minn diskriminazzjoni u barrieri strutturali jew kulturali. L-għażliet tal-ħajja jinkludu l-ħruġ kmieni mill-iskola jew it-tnaqqis tat-tul ta' l-edukazzjoni (jiġifieri l-għażla ta' taħriġ tekniku jew okkupazzjonali) biex jidħlu fil-forza tax-xogħol. L-għażliet jistgħu jkunu volontarji jew minħabba neċessità – jiġifieri tluq mill-iskola biex wieħed jaqla' xi ħaġa aktar għall-ħtiġijiet tal-familja, tqala fost tfajliet ta' età żgħira, nuqqas ta' ottimiżmu dwar opportunitajiet fil-ġejjieni, eċċ. Barra minn hekk, tfal u adulti li jgħixu fil-faqar tipikament ma jistax ikollhom aċċess għall-faċilitajiet u riżorsi li dawk ta' mparhom sinjuri aktar minnhom jista' jkollhom kemm bħala aċċess u kemm bħala inkoraġġiment akbar biex jibqgħu jmorru l-iskola.

Dawk li jfasslu l-politika urbana għandhom jifformulaw strateġiji ċari u effettivi biex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali tal-klassijiet baxxi, u dawn jistgħu jinkludu aktar milli sempliċement jonfqu aktar fuq kotba ta' l-iskola. Investiment fi proġetti għat-taħriġ ta' l-għalliema biex jittrattaw speċifikament ma' gruppi vulnerabbli, promozzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' ġenituri u għalliema biex irawmu rabtiet aktar mill-qrib għal strateġiji koerenti, sussidji u appoġġ finanzjarju ieħor minn istituzzjonijiet akkademiċi privati lil studenti bi qligħ baxx, u involviment usa' ta' organizzazzjonijiet u korporazzjonijiet privati fl-edukazzjoni pubblika huma kollha modi kif dawk li jfasslu l-politika u dawk li jipprattikawha jistgħu jagħmlu differenzi żgħar li joħolqu bidliet kbar.

*2.4.2.2 Persuni bi bżonnijiet speċjali*

Persuni bi bżonnijiet speċjali spiss huma, donnu bħal ħaġa ċirkostanzjali, l-aktar membri żvantaġġjati tas-soċjetà. Jekk dan ma jitteħidx ħsiebu, jista' jwassal għal barrieri severi għal edukazzjoni u opportunitajiet ugwali. Nuqqas ċar ta' ħila jtendi biex jaljenahom minn opportunitajiet soċjali u ekonomiċi li jistgħu jwasslu għal effett li jikber kulma jmur ta' nuqqas ta' stima personali fihom infushom u għal patronaġġ instituzzjonalizzat. Ħtiġijiet speċjali ta' din ix-xorta jistgħu jieħdu ħafna forom li jinkludu:

- Sfidi fiżiċi – jiġifieri indeboliment tas-sensi, telf ta' ħila li wieħed jiċċaqlaq jew ta' funzjonijiet tal-mixi, eċċ.
- Sfidi mentali – jiġifieri diżabilità biex wieħed jitgħallem bħal diżleksja, diżordni li ġġib nuqqas ta' attenzjoni, awtiżmu, eċċ.

Bżonnijiet speċjali jistgħu jwasslu għal aċċess inqas sħiħ għall-edukazzjoni, billi jista' jkun li jistgħu ma jingħatawx edukazzjoni speċjalizzata mfassla apposta għall-ħtiġijiet tagħhom. Jew nies bi bżonnijiet speċjali jistgħu jħossuhom bla aptit li jegħlbu barrieri soċjali reali u perċepiti għall-edukazzjoni u jistgħu jaqtgħu lilhom infushom mis-sistema.

*2.4.2.3 Minoranzi etniċi u razzjali*

Biż-żieda fl-immigrazzjoni ma' l-Ewropa kollha, u l-aktar f'zoni urbani, istituzzjonijiet akkademiċi qed isibu li jeħtieġ li jaġġustaw il-prattiki tat-tagħlim

tagħhom biex jaddattawhom għall-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet dejjem jinbidlu tagħhom.
Proġett immexxi minn Aarde-Werk (Earth Work) fl-Olanda tat-Tramuntana juri l-qawwa ta' l-azzjoni komunitarja f'termini kemm ta' inklużjoni u kemm ta' żvilupp sostenibbli. L-għan kien li jagħtu edukazzjoni ambjentali lil minoranzi etniċi u jintroduċu prattiki sostenibbli. Minħabba n-numru kbir ta' nies fiz-zona li l-ilsien nattiv tagħhom ma kienx l-Olandiż, intużaw ritratti u għajnuniet viżwali biex jagħtu għarfien aktar faċli ta' kunċetti bħal:

- tkabbir ta' mġiba kuxjenzjuża lejn l-enerġija, l-ilma, il-klima fuq ġewwa u l-iskart;
- intensifikazzjoni ta' l-involviment ta' residenti fl-ambjent ta' akkomodazzjoni u residenzjali tagħhom;
- passi lejn l-emanċipazzjoni ta' ċittadini Olandiżi li ġejjin minn barra l-pajjiż;
- twaqqif ta' kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet edukattivi favur in-natura u l-ambjent u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw minoranzi etniċi.

Voluntiera tħarrġu biex ikunu kowċis u mbagħad tferrxu fost il-komunitajiet tagħhom bl-iskop li jgħaddu edukazzjoni sostenibbli lill-istudenti rispettivi tagħhom f'ċentri komunitarji, klassijiet tal-lingwa u f'postijiet oħrajn **(5)**.

*2.4.2.4 Adulti u anzjani*
Il-popolazzjoni dejjem tikber ta' anzjani għandha wkoll l-implikazzjonijiet tagħha fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Edukazzjoni kontinwata fis-snin tal-ħajja adulta saret dejjem aktar importanti aktar ma r-reġjuni qed ikunu assorbiti fl-era ta' l-informazzjoni. Hu għalhekk importanti li saħanistra dawk li telqu l-ħajja akkademika jżommu aċċess għat-taħriġ u għall-edukazzjoni li żżomm zoni urbani kompetittivi u konxji mill-aħħar żviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija **(1)**. Illum, u aktar u aktar fil-ġejjieni, popolazzjonjiet ta' anzjani jeħtieġu attenzjoni biex ikunu edukati mill-ġdid u jingħataw ħiliet li jagħtuhom okkażjoni ġdida ħalli jlaħħqu ma' dak li ġġib magħha ħajja mimlia esperjenzi. Fil-fatt, it-taħlita ta' esperjenza minn ħaddiema ta' età kbira u ta' innovazzjoni minn ħaddiema iżgħar u neqsin mill-esperjenza, tipprovdi lill-komunitajiet opportunità waħdanija. In vista tax-xejriet demografiċi u l-piż li ġenerazzjonijiet anzjani jitfgħu fuq il-popolazzjoni li taħdem (jiġifieri benefiċċji għall-irtirar, kura tas-saħħa, eċċ.), ikun meħtieġ li jinħolqu opportunitajiet għal ħaddiema ta' età akbar li jibqgħu aktar fil-forza tax-xogħol u jkabbru l-produttività tagħhom.

***2.4.3 L-ekonomija ta' l-informazzjoni u l-edukazzjoni***
Tul l-aħħar 50 sena t-teknoloġija ta' l-informazzjoni bidlet bil-kbir il-mod kif bliet jagħmlu n-negozju, u se tibqa' tagħmel dan. Biex ilaħħqu mal-pass mgħaġġel ta' l-innovazzjoni u l-komunikazzjoni, ħafna maniġers fil-belt u uffiċjali muniċipali ħadu miżuri biex jinvestu f'komunitajiet li jġibu flimkien gruppi soċjali u ekonomiċi differenti u jipprovdu edukazzjoni u appoġġ għall-akkwist ta' ħiliet l-aktar moderni. Din is-soċjetà bbażata fuq l-għerf tistrieħ ultimament fuq l-iżvilupp tal-kapital uman li min-naħa tiegħu jiddependi fuq dawk li jistabbilixxu l-istandards li l-komunitajiet jitgħallmu.

Il-Greek School Network hu proġett finanzjat mill-UE li jġib flimkien l-aktar prodotti u ħiliet teknoloġiċi avvanzati ta' informazzjoni u komunikazzjoni biex jiżviluppa netwerk innovattiva ta' edukazzjoni fl-Greċja. L-iskejjel li jieħdu sehem fil-proġett jingħataw kompjuters u ħardwer għan-netwerk lokali, imfasslin apposta għall-ħtiġijiet edukattivi speċifiċi tagħhom. Il-programm jipprovdi konnessjoni bin-netwerk ma' dawn il-laboratorji permezz ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni kumplessa li tinkludi netwerk li tirfidha, netwerk distributtiva deċentralizzata li tgħaqqad flimkien punti ta' preżenza

man-netwerk li tirfed l-infrastruttura, u netwerk għal aċċess li jgħaqqad flimkien utenti ma' l-eqreb punt ta' preżenza.

Il-proġett jipprovdi wkoll servizzi telemetriċi għall-edukazzjoni, kollaborazzjoni u komunikazzjoni lil dawk li jużawh. Fl-aħħarnett, utenti tal-GSN igawdu wkoll minn kontenut edukattiv li jaslilhom bis-saħħa ta' portâl imfassal apposta għall-ħtiġijiet tal-proġett. Dan jinkludi artikli u informazzjoni, materjal ta' tagħlim, għodod ta' softwer għall-preparazzjoni tal-klassijiet u l-monitoraġġ ta' l-istudenti, links utli, aħbarijiet, eċċ. F'livell aktar avvanzat il-proġett se jiffaċilita wkoll tagħlim asinkroniku fuq distanza wiesgħa, telekonferenzi, u aċċess għal min jitlob li jara vidjow (VoD). Il-proġett jimmarka strateġija importanti biex ikun hemm konnessjoni bejn skejjel primarji u sekondarji ma' setturi amministrattivi u ministerjali, u hekk ikabbar il-familjarità ma' l-aktar teknoloġiji moderni u jiffaċilita wkoll interazzjoni akbar fost l-istrati soċjali u ekonomiċi **(5)**.

Eżempju ieħor hu l-organizzazzjoni Olandiża Bewonerscollectief Prins Hendrikstraat en Omgeving li tat kompjuters b'xejn lil familji ta' minoranzi etniċi fid-distrett ta' Zeehelden fl-Aja biex tindirizza l-kwistjoni ta' defiċjenzi edukattivi f'dawn il-gruppi. Primarjament il-proġett hi indirizzat għal ommijiet singoli li jafu ftit jew xejn Olandiż u li t-tfal tagħhom isibuha diffiċli jidħlu fl-istituzzjonijiet akkademiċi. Għalliema lokali jidentifikaw familji li jissodisfaw dawn il-kriterji. Il-kompjuters, imbagħad, jitqabbdu ma' l-internet u ma' programmi ta' edukazzjoni lingwistika. Bħalissa qed jintuża total ta' 275 kompjuter minn xi 1,300 persuna fiz-zona tal-proġett, nefqa totali ta' xi 2,000 ewro għall-gvern **(5)**.

### *2.4.4 Il-konsolidament ta' l-edukazzjoni – il-ħtieġa ta' motivazzjoni ċentrali fl-edukazzjoni*

L-edukazzjoni moderna ilha u għadha tindirizza kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli; madankollu għad hemm vojt fir-rigward tal-ħtieġa li l-ħajja (*bios*) titqiegħed fil-qalba ta' l-edukazzjoni li hija l-element katalistiku għal bidla kulturali u soċjali. Billi l-edukazzjoni hija ċ-ċentru ta' l-iżvilupp tal-komunità, hi tirrappreżenta l-akbar impenn urġenti u li jaħdem fit-tul għal kull progress lejn ir-restawr ta' l-ordni naturali billi trawwem il-ħila ta' komunità li ssostni l-ħajja mingħajr ma tqiegħda fil-periklu – ekwazzjoni bilanċjata. Dan nistgħu narawh isir fl-integrazzjoni ta' aktar strateġiji ta' mmaniġġjar tar-riskji, dixxiplini ambjentalment sensittivi, u politiki integrati mad-dinja kollha u l-aktar fl-Ewropa. Dan għandu jitħaffef u jinbidel effettivament f'politika bħala skop koerenti u identifikabbli li m'hux sempliċement riżultat b'kumbinazzjoni ta' ħidma umana iżda metodu ta' maniġment li jsostni l-ħajja billi jiffoka l-kurrikulu fuq iċ-ċentru bijoċentriku ta' l-attivitajiet tal-bniedem.

L-edukazzjoni hi aktar minn mezz biex tinbena komunità ta' ħila; hi sservi wkoll bħala mezz biex jinkorpora n-nies f'identità magħżula. L-edukazzjoni ċivika hija eżempju ewlieni ta' din l-istrateġija li permezz tagħha l-identità nazzjonali tissaħħaħ fl-istadji bikrija ta' l-iżvilupp u tibqa' għaddejja tul is-snin ta' wara bis-saħħa ta' l-edukazzjoni obbligatorja. Dan "l-ipprogrammar" hu ta' siwi kbir ħafna għaliex isostni s-solidarjetà fil-komunitajiet u jdaħħal sens ta' kburija u identità li jiffurmaw il-bażi ta' soċjetajiet b'saħħithom.

L-etika antropoċentrika hija mezz inaċċettabbli kif wieħed jegħleb il-kriżi ambjentali kurrenti. Valuri bijoċentriċi eżistew f'kull epoka ta' l-istorja, jew f'livell ta' kuxjenza individwali jew fil-ħolqien ta' l-arti, u kien hemm tentattivi ddisprati li ma rnexxewx biex valuri bijoċentriċi jiddaħħlu fl-attività soċjali. Il-kwistjoni tippreżenta ruħha fuq kif l-etika bijoċentrika tista' tkun bażi naturali għall-kuxjenza u mġiba umana. L-etika bijoċentrika qed tissawwar fl-epoka moderna bħala sistema ta' prinċipji li tirrifletti l-eżistenza umana approvata ambjentalment fl-ambitu tas-sistemi tal-pjaneta. Il-formolazzjoni tal-prinċipji ta'

l-etika bijoċentrika u l-interpretazzjoni kulturali tagħhom għandha tieħu ħafna żmien. Il-bijoedukazzjoni jeħtieġ li tħaffef dan il-proċess; l-għan ġenerali tagħha jikkonsisti fl-introduzzjoni tal-kunċetti ta' kondizzjonijiet ambjentali bħala fatturi interni tal-progress soċjali għall-persuni umani u l-istrutturi soċjali ta' l-attivitajiet tagħhom **(6)**.

L-edukazzjoni għandha tiżvilupp perspettiva ħolistika li tinkorpora etika ambjentali, tenfasizza l-awto-sostenibilità, u tintegra d-differenza kulturali. B'dan il-mod l-umanità tista' tkun parti min-natura u mhux mifruda minnha. Min-naħa l-oħra, li ma tibdilx ifisser li taggrava l-kriżi preżenti **(7)**.

### *2.4.5 Referenzi*


1. International Labour Organization - Training and Vocational Guidance http://www.ilo.org/global/Themes/Skills__Knowledge_and_Employability/Training/lang--en/index.htm
2. Living Conditions in Europe: 2002-2005, (Eurostat) (2006) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-76-06-390/EN/KS-76-06-390-EN.PDF
3. Cichon, M., Scholz, W., van de Meerendonk, A.. Hagemejer, K., Bertranou, F., and Plamondon, P., Financing Social Protection: Quantitative Methods in Social Protection Series, (International Labour Organization) (2004)
4. Lall, M. and Gillborn, D., Raising Educational Achievement in Areas of Multiple Disadvantage: Lessons from Lewisham & Rochdale, (Neighborhood Renewal Unit/ Office of the Deputy Prime Minister) (2005) http://www.eukn.org/binaries/greatbritain/bulk/research/2006/12/raising-educational-achievement-in-areas-of-multiple-disadvantege.pdf
5. European Urban Knowledge Network http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Education/index.html
6. Schulenina, N., Bio-Education: The Realization of Biocentric Values, (Sixth B.I.O. International Conference International Sakharov Festival Athens, July 1994) (Biopolitics International Organization) (1996)
7. Moura, P., Shaping the Future Education for a Global Responsibility, (Sixth B.I.O. International Conference International Sakharov Festival Athens, July 1994) (Biopolitics International Organization) (1996)

## 3. SOĊJETÀ

### *3.1 – FATTURI DEMOGRAFIĊI*

#### *3.1.1 Introduzzjoni*

Fehim fil-fond tal-fatturi demografiċi ta' soċjetà hu essenzjali għall-iżvilupp ta' politika urbana tajba. Il-karatteristiċi ta' popolazzjoni l-ħin kollu jinbidlu bi tweġiba għall-forzi soċjali, politiċi u ekonomiċi li dejjem jevolvu. Illum, fl-Ewropa, popolazzjonijiet qed jixjieħu, b'implikazzjonijiet għall-provvista ta' servizzi għall-kura tas-saħħa u għall-benessri soċjali. Influss qawwi ta' immigranti qed jibdel il-profil ta' l-ibliet u jdaħħal kwistjonijiet ta' diversità kulturali u soċjali. It-trattament mhux ugwali ta' nisa fil-forza tax-xogħol hu kwistjoni oħra li qed iħabbtu wiċċhom magħha dawk li jfasslu l-politika. Kull wieħed minn dawn il-fatturi hu eżaminat hawn taħt.

#### *3.1.2 Ewropa li qed tixjieħ*

Waħda mill-kwistjonijiet pre-eminenti li qed tiffaċċja l-Ewropa llum hija l-wiċċ jinbidel il-ħin kollu tal-popolazzjoni, minn mimlija żgħożija u b'saħħitha għal waħda anzjana u vulnerabbli. Il-ġenerazzjoni hekk imsejħa tal-"baby-boom" tal-ħamsinijiet tas-seklu li għadda dalwaqt tgħaddi mill-fażi ta' l-età tax-xogħol u tidħol f'dik ta' l-irtirar, u f'dan il-proċess tħalli s-sistemi ta' protezzjoni soċjali (pensjonijiet, għajnuna soċjali, assigurazzjoni tas-saħħa, eċċ.) jitħabtu biex jakkomodaw liċ-ċittadini li se jkunu lesti biex jikklejmjaw il-pensjonijiet tagħhom **(1)**. Dan il-fenomenu ta' "Ewropa li qed tixjieħ" għandu ramifikazzjoniijiet f'ħafna problemi li jinfirxu mas-soċjetà kollha, bħall-industriji ewlenin, qgħad, proġetti ta' xogħlijiet pubbliċi, turiżmu, swieq tad-djar, u speċjalment il-politika pubblika. In-netwerk tal-popolazzjoni ta' ambjenti urbani hija kumplessa għall-aħħar, u kull bidla f'settur tikkaġuna effetti korrispondenti f'setturi oħrajn.

Bit-titjib fix-xjenza moderna u t-teknoloġija medika, l-Ewropej illum qed jgħixu aktar minn qatt qabel. Figura 1 turi l-perċentwali tal-popolazzjoni li għandha fuq it-80 sena fil-pajjiżi Ewropej fis-snin 2005 u 2050 (stima). Ħajjiet itwal qed jagħtu okkażjoni lil ħafna Ewropej biex jibqgħu jaħdmu aktar u jgawdu aktar attivitajiet ta' serħan; madankollu dan jimplika wkoll l-influss ta' ħafna problemi mediċi tul is-snin aħħarin tal-ħajja li l-komunitajiet jistgħu ma jkunux f'qagħda li jlaħħqu magħhom. Billi l-anzjani spiss ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u l-familji huma iżgħar u aktar frammentati milli fl-imgħoddi, servizzi eżistenti u ġodda jridu jkunu żviluppati biex il-ilaħħqu mal-ħtiġijiet ta' l-anzjani. Dawn is-servizzi x'aktarx jinkludu faċilitajiet mediċi speċjalizzati u ġenerali, kura tas-saħħa personalizzata (jiġifieri infermiera privati, terapisti fiżiċi, eċċ.), servizzi ta' assigurazzjoni, u oħrajn. X'aktarx li l-problema waħdanija l-aktar urġenti tal-kriżi tax-xjuħija hi kif, u fil-fatt jekk, is-sistemi tal-pensjoni jistgħux jaddattaw ruħhom għal din id-domanda ogħla għall-benefiċċji **(2)**.

Id-domanda u l-amministrazzjoni tal-pensjonijiet, meqjusin ġeneralment bħala għajn ta' tħassib għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u għall-maniġers tal-kontijiet tal-gvern, jolqtu direttament liz-zoni urbani sewwasew minħabba l-kobor numeriku tal-konċentrazzjoni tal-popolazzjoni f'dawn iz-zoni. Barra minn hekk, aktar ambjenti dħulin għal ħtiġijiet speċjali jeħtieġ jinbnew, ikunu kodifikati u miżmuma tajjeb, ħwejjeġ li jkunu jitolbu ħin u ħaddiema sinifikanti biex isiru f'dawk l-ibliet li għad ma daħlux biex jimplimentaw dawn il-miżuri **(2)**.




Figura 1

### *3.1.3 Inqas żgħażagħ*

Il-kwistjonijiet assoċjati mal-"kriżi ta' l-anzjanità" jsiru aktar komplikati minħabba l-fatt li l-Ewropej qed iwelldu inqas u qed idumu aktar biex ikollhom tfal. Dan ġej primarjament minħabba żidiet fl-għoli tal-ħajja, snin itwal fl-edukazzjoni, u pressjonijiet soċjali fir-rigward tal-kura tat-tfal. Ir-rata ta' rimpjazzament fl-istati Ewropej hi madwar 1.4, 'l isfel sewwa mill-medja ġenerali ta' 2.1 u aktar baxxa mil-livell meħtieġ biex isostni l-popolazzjonijiet. Popolazzjoni qed tixjieħ jista' jkollha impatt fuq ħafna oqsma tal-ħajja pubblika. Ngħidu aħna, il-provvista ta' xi servizzi urbani tista' tkun kompromessa billi inqas żgaħżagħ huma disponibbli għal impjiegi li jirrikjedu xogħol fiżiku u manutenzjoni. Figura 2 turi r-rati kurrenti u proġettati ta' twelid u mwiet fl-Ewropa mis-sena 1995 sas-sena 2050.

Billi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali huma bbażati fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet ta' ħaddiema impjegati, hu vitali li maniġers urbani jżommu dan f'moħħhom meta jifformulaw politiki pubbliċi li jinfluwenzaw l-ekonomija tal-belt. Barra minn dan, aktar ma ħaddiema ta' età ogħla jibqgħu fil-forza tax-xogħol aktar ikun jeħtieġ li jitqiesu l-impatti fuq l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u biex jitfasslu strateġiji li jwaqqgħu l-barrieri għad-dħul f'dan is-suq.

Ultimament, skemi usa' u aktar attivi għat-taħriġ għax-xogħol u għal parteċipazzjoni ċivika għandhom jgħinu lil bliet jinkorporaw popolazzjoni żagħżugħa b'aktar kontribuzzjonijiet għan-nefqa soċjali għall-ġenerazzjonijiet ta' età ogħla, kisbiet edukattivi ogħla, u għarfien akbar ta' teknoloġiji ta' informazzjoni mill-aktar moderni.




Figura 2

### *3.1.4 Immigrazzjoni*

Tensjonijiet emerġenti u persistenti fuq livelli ta' immigrazzjoni fl-UE qed joħolqu tħassib reali lil uffiċjali pubbliċi. Strajkijiet fuq drittijiet tal-minoranzi spiss jistgħu jagħlqu sezzjonijiet kbar ta' belt u jistgħu jsiru riskji serju ta' sigurtà jekk ma jittaffewx b'mod responsabbli. Filwaqt li xi wħud jistgħu jħossu li r-relazzjoni ma' ħaddiema barranin tiġbed wisq lejn naħa waħda, u li ħaddiema barranin igawdu minn aċċess għas-suq tax-xogħol, wieħed għandu jiftakar li influssi ta' familji u ħaddiema jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija u għat-tassazzjoni tal-gvern. Dawn il-ħlasijiet li jidħlu fis-sistema permezz ta' skemi diversi ta' tassazzjoni jagħtu okkażjoni lill-pjanifikaturi urbani biex jiffinanzjaw ħtiġijiet muniċipali bħal servizzi ta' emerġenza u infrastruttura li zoni urbani jeħtieġu biex jibqgħu effiċjenti.

Il-vojt li ħallew ir-rati ta' twelid dejjem neżlin fl-Ewropa irid jimtela, u dawk li jimlew il-postijiet vakanti x'aktarx li se jkunu immigranti mweldin f'pajjiżi oħrajn li jiġu jgħixu f'zoni urbani jfittxu x-xogħol u opportunitajiet. Hekk, bliet ma' l-Ewropa kollha qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni dejjem tikber biex jimlew pożizzjonijiet vakanti u jilagħbu bil-konflitti potenzjali ta' interazzjoni kulturali **(3)**. L-Ewropej, kif innutat fi stħarriġiet reċenti ta' l-opinjoni pubblika, qed isiru inqas tolleranti ta' l-immigrazzjoni fl-UE li qed tespandi. Fil-fatt, it-trattament ta' din il-problema hu ta' tħassib maġġuri għall-UE kollha, u l-aktar għal bliet li jimpjegaw dawn il-ħaddiema **(4)**. Meta ħaddiema barranin jiġu fi bliet ta' l-UE u ma jsibux xogħol, jistgħu jibdew jinbtu problemi maġġuri f'termini ta' rati telgħin ta' delitti, tqanqil soċjali, u xbieki ta' sigurtà soċjali dejjem aktar suġġetti għal tensjoni (jiġifieri qgħad u ħlasijiet ta' għajnuna soċjali). Figura 3 tqabbel ir-rati ta' qgħad ta' persuni mweldin fl-istati membri ta' l-OECD ma' ta' ħaddiema mweldin barra.




Figura 3

L-impatt ta' riformi f'livell ta' UE u nazzjonali se jinħass qawwi ħafna f'zoni urbani li jimpjegaw ħaddiema barranin tas-sengħa. Fil-fatt, politiki proposti mill-UE għandhom l-għan li joħolqu sistema ta' immigrazzjoni li tista' ġġib ħaddiema kemm b'sengħa għolja u kemm b'sengħa baxxa filwaqt li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi fuq bliet u servizzi fl-UE, ibbażati fuq lezzjonijiet meħudin minn programmi '*guest worker*' fl-imgħoddi bħal dawk li saru fl-Olanda u fil-Ġermanja. L-immaniġġjar ta' popolazzjonijiet ta' immigranti jitlob attitudni ħolistika, bl-organizzazzjoni ta' attivitajiet u politiki li jnaqqsu kemm jista' jkun il-qgħad u jkabbru kemm jista' jkun l-integrazzjoni filwaqt li jirrispettaw il-preferenzi kemm ta' residenti mweldin fil-post u kemm ta' barranin **(2)**.

### *3.1.5 Il-vojt bejn is-sessi*

Għalkemm l-Ewropa b'mod ġenerali sejra relattivament tajjeb f'termini ta' l-inklużjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol, l-istati individwali fl-UE juru livelli li jvarjaw ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'rati ogħla fl-istati membri fit-Tramuntana milli fl-istati tan-Nofsinhar u tal-Lvant **(5)**. Figuri 4 u 5 juru t-tkabbir fir-rati ta' impjiegi ta' l-irġiel u tan-nisa bejn is-sena 1992 u s-sena 2005 f'għadd ta' stati magħżula.

Għalkemm ix-xejriet ma' l-Ewropa kollha jtendu lejn ugwaljanza bejn is-sessi fil-forza tax-xogħol, għad baqa' lok għal titjib ma' l-UE kolha. Iżda wieħed għandu jinnota li nisa urbani x'aktarx li jkunu impjegati aktar minn dawk f'zoni rurali fejn strutturi familjari u prattiki kulturali tradizzjonali għadhom b'saħħithom. Madankollu, żieda fl-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol kollu tkun ta' ġid għal dawk kollha involuti, sakemm dawk li jfasslu l-politika jindirizzaw l-implikazzjonijiet tar-rati ta' parteċipazzjoni dejjem tikber fil-każ tan-nisa b'modi responsabbli u sostenibbli. Dan jitlob li jsiru provvedimenti adegwati għal ħtiġijiet li jvarjaw ta' familji b'żewġ ġenituri jaħdmu (jiġifieri faċilitajiet għal kura tul il-ġurnata, servizzi għal wara l-iskola, żieda fit-trasportazzjoni pubblika, ċentri għal każijiet ta' vjolenza domestika, politiki ta' frank f'każ ta' maternità u paternità, eċċ.). Aċċess għal servizzi ta' din ix-xorta hu essenzjali għal dawn il-familji **(1)**.




Average annual growth in percentage, 1992-2005 or latest available year - Men
Source: OECD




Average annual growth in percentage, 1992-2005 or latest available year - Women
Source: OECD

**Figuri 4 u 5**

Xejriet fl-impjiegi skond is-sess fil-pajjiżi Ewropej fis-sena 2005 huma miġburin fil-qosor f'Figura 6. Fil-każijiet kollha, huma impjegati aktar irġiel milli nisa, iżda d-disparità tvarja ħafna. Hija idjaq fil-pajjiżi Nordiċi u usa' fil-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar u tal-Lvant.




**Figura 6**

### *3.1.6 Referenzi*


1. Eurostat Yearbook 2006-07 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
2. Cichon M., Scholz W., van de Meerendonk A., Hagemejer K., Bertranou F., and Plamondon P. Financing Social Protection: Quantitative Methods in Social Protection Series. International Labour Organization, 2004
3. Schrank P. In Search of an Immigration Policy, The Economist, May 2007
4. http://ec.europa.eu/public_opinion/index_en.htm
5. OECD Factbook 2005 http://titania.sourceoecd.org/vl=7102219/cl=12/nw=1/rpsv/factbook

## *3.2 SIGURTÀ*

### *3.2.1 Sigurtà urbana*

M'hemm ebda kwistjoni daqstant endemika għall-ambjenti urbani daqs il-ħtieġa ta' sigurtà u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Sforzi biex ikunu kumbattuti l-effetti ħżiena ta' mġiba kriminali għandhom ikunu indirizzati b'attitudni sistematika bbażata fuq l-evidenza. Bl-analiżi u l-adozzjoni ta' strateġiji minn madwar l-UE u d-dinja kollha, l-ibliet isibu approċċi ġodda u innovattivi biex iliġġmu l-inċidenza u l-prevalenza ta' l-attività kriminali. Minħabba l-estensjoni ta' interazzjonijiet fost bliet Ewropej fis-seklu l-ġdid, hu kruċjali li l-awtoritajiet iżommu linji ta' komunikazzjoni ċari u miftuħin mhux biss f'livell reġjonali u domestiku iżda wkoll fil-livell internazzjonali. Kwistjoni bażika li tħabbat lill-bliet illum fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità hija l-fehim u l-fiduċja. Rati ogħla ta' delitti u mġiba devjanti jinsabu l-aktar meta l-fiduċja fl-aġenziji polizjeski tkun baxxa. Hu mill-aktar importanti li komunitajiet jidentifikaw irwieħhom ma' l-uffiċjali tagħhom li jinfurzaw il-liġi, u li dawn l-uffiċjali jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' dawk li huma qegħdin hwmm biex jaqdu **(1, 2)**.

Wara l-attakki terroristiċi traġiċi fi New York, Londra, Madrid u postijiet oħrajn, is-sigurtà fl-ibliet ħadet tendenza drammatika lejn l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' theddidiet reali jew potenzjali ta' terroriżmu. Din it-tendenza lejn strateġija ta' kontroll qawwi ta' prevenzjoni kienet sottolineata minn kollaborazzjoni bħal qatt qabel bejn awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi f'kull livell ta' gvern mad-dinja kollha. Il-prevenzjoni tad-delitti, bl-attenzjoni ġdida fuq l-iskoraġġiment u l-prevenzjoni tad-delitti fl-istadju l-aktar bikri, ċaqilqet l-iffokar fuq il-kawżi li jwasslu għan-nuqqas ta' sigurtà fil-komunitajiet. Bliet sostenibbli fis-seklu 21 ikollhom jistrieħu fuq taħlita ta' metodi polizjeski tradizzjonali u attitudnijiet pijunieri bħal sħubija pubblika-privata biex jiżguraw is-sigurtà tagħhom.

Tliet mistoqsijiet bażiċi inerenti għas-sigurtà u l-prevenzjoni tad-delitti huma: 1) Min huma l-vittmi? (jiġifieri, il-vittma diretta ta' reat, ħbieb u familji tal-vittma, ħbieb u familji ta' min għamel ir-reat, kumpaniji ta' assigurazzjoni, l-inħawi tal-madwar, is-soċjetà b'mod ġenerali); 2) Min huma dawk li jagħmlu d-delitti (jiġifieri, dawk li attwalment jagħmlu reat, influwenzi istituzzjonali u li ġejjin mis-soċjetà fuq min jagħmel ir-reat, in-netwerk soċjali usa' li min jagħmel ir-reat hu parti minnha, is-soċjetà kollha); 3) Ta' min hu d-dmir li jħares is-sigurtà tal-komunità, u kif? (jiġifieri, pulizija permezz ta' rondi, arresti u rapporti; is-sistema ġudizzjarja kriminali bit-tfigħ il-ħabs u miżuri punittivi oħrajn; il-komunità permezz ta' interazzjoni u azzjoni; is-soċjetà b'mod ġenerali).

Sfortunatament m'hemm ebda tweġiba li taqtagħha b'sikkina. Filwaqt li ċertament hemm vittmi ta' delitti, li tiffoka fuq definizzjonijiet stretti m'hux biżżejjed biex tifformula modi kif fil-fatt timmitiga l-imġiba. L-imġiba kriminali tista' tkun daqstant inkarnata fit-tessut soċjali tal-komunitajiet li hija aċċettata u saħanistra razzjonalizzata. Fil-fatt, ħafna delitti ma jkunux irrappurtati minħabba li reat ikun aċċettabbli jew il-vittma jkollha livell ta' tolleranza, jiġifieri f'każ ta' serq żgħir jew assalt sesswali. Madankollu, anke reati mhux irrappurtati, għalkemm ma jidhrux kollha fir-rapporti uffiċjali, jistgħu jħallu marka li ma titħassarx fuq il-memorja kollettiva tal-komunitajiet u effetti li jidhru fuq il-komunikazzjoni personali. Id-diżintegrazzjoni tar-rabtiet komunitarji u ta' faċilitajiet strutturali jservu biss bħala katalisti għall-progressjoni tad-diżordni soċjali u n-nuqqas ta' sigurtà, u għalhekk dawn il-kwistjonijiet għandhom ikunu indirizzati flimkien ma' miżuri preventivi diretti bħall-użu ta' sorveljanza b'vidjows, l-impjieg ta' uffiċjali ta' sigurtà, barrieri protettivi, sistemi ta' allarm ta' sigurtà, eċċ. **(1, 2)**.

### *3.2.2 Deliti fi bliet Ewropej*

In-nuqqas ta' sigurtà sar waħda mill-preokkupazzjonijiet maġġuri fl-ibliet Ewropej. Dawn li ġejjin huma xejriet komuni rigward in-natura tad-delitti li l-ibliet iridu jħabbtu wiċċhom magħhom:

<u>Delitti kontra l-propjetà:</u> Delitti kontra l-propjetà, reati li jiċħdu lill-vittma jew vittmi mill-propjetà personali u, xi drabi, pubblika, huma l-aktar xorta prevalenti ta' attività kriminali ma' l-Ewropa kollha. Dawn jinkludu serq ta' karozzi, serq bi żgass u serq minn ħwienet (*shoplifting*). Bliet fl-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali jkollhom aktar delitti kontra l-propjetà milli bliet fl-Ewropa tal-Punent minħabba inqas koeżjoni fil-komunità, inqas forzi tal-pulizija, u inqas strateġiji ta' difiża. Ngħidu aħna, l-użu ta' apparati ta' allarm f'każ ta' serq fl-Ewropa tal-Punent hu d-doppju ta' dak f'reġjuni oħrajn, filwaqt li l-użu ta' xi skemi ta' prevenzjoni hu tliet darbiet aktar komuni **(3)**.

<u>Delitti "mingħajr vittma":</u> It-terminu "mingħajr vittma" jimplika azzjoni kompleta jew semi-kontrattwali li tikser il-liġijiet tal-komunità, kuntrarju ta' dannu attwali li jitbatha minn xi parti waħda jew minn individwu. Eżempji ta' delitti ta' din ix-xorta jinkludu, imma m'humiex limitati biss għal dawn, prostituzzjoni, logħob ta' mħatri illegali, u użu ta' droga. In-natura ta' dawn id-delitti hija tali li ż-żewġ partijiet involuti jidħlu għalihom abbażi ta' kunsens reċiproku u għalhekk ma jikkostitwixxux neċessarjament ksur ta' sigurtà min-naħa ta' dawk involuti **(3)**. L-użu tad-droga hu eżempju ewlieni ta' delitt li ma jidħolx faċilment fil-qasam ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà, u jista' jitqies li hu aktar ta' tħassib personali u għas-saħħa pubblika milli materja ta' ġustizzja kriminali. L-użu tad-droga u l-prostituzzjoni huma partikolarment diffiċli li tipprevenihom, u dan ukoll għaliex tħabblu dejjem aktar ma' netwerks imħabbla ta' delitti li jaqsmu l-fruntieri.

<u>Offiżi li jinvolvu kuntatt:</u> Dawn huma offiżi li jinvolvu kuntatt bejn min jagħmilhom u l-vittma u jinkludu assalti sesswali, assalti bil-forza u serq. Ngħidu aħna, is-serq hu serq ta' propjetà li kienet fil-pussess tal-vittma fil-ħin ta' l-inċident. Filwaqt li dawn id-delitti m'humiex daqstant imxerrdin ma' l-Ewropa daqs delitti kontra l-propjetà, xorta jibqgħu jippreżentaw problema **(3)**.

<u>Kriminalità organizzata:</u> Kriminalità organizzata hija problema diffiċli għas-sigurtà urbana minħabba l-fatt li din taqbeż il-fruntieri. Delitti ta' din ix-xorta jidhru fit-traffikar tal-bnedmin, delitti ekonomiċi (magħrufin ukoll bħala *white collar crimes*), ħasil ta' flus, in-negozju tad-droga, u x-xejra li qed tikber għal delitti ċibernetiċi. It-trasportazzjoni ta' kwantitajiet kbar ta' narkotiċi li jaqsmu l-fruntieri ta' l-UE hija waħda mill-kwistjonijiet l-aktar kontenzjużi assoċjati mal-netwerks ta' kriminalità organizzata. Membri ta' gruppi kriminali organizzati jafu jaddattaw irwieħhom malajr. Il-fatt li netwerks kriminali organizzati qed isiru aktar sofistikati jitlob lill-awtoritajiet fl-ibliet kollha ta' l-Ewropa biex jikkoordinaw bi fluwidità, f'livelli internazzjonali u reġjonali, kif jindunaw b'din l-attività u jipprevenuha. Bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri bejn l-istati, netwerks kriminali jistgħu jimmanuvraw b'faċilità akbar milli fl-imgħoddi. Netwerks kriminali qed isiru dejjem aktar imħabblin sewwa fuq skali nazzjonali u internazzjonali, u jippreżentaw dilemma mifruxa ma' l-Ewropa kollha, l-aktar minħabba t-theddida tat-terroriżmu internazzjonali. Każ fil-kwistjoni hu l-attakk qerriedi reċenti fuq is-sistema tal-kompjuter tal-gvern fl-Estonja lejn l-aħħar ta' Mejju 2007. Attività kriminali ta' din l-era ġdida toħloq theddida sostanzjali għas-sigurtà tas-sistemi finanzjarji, governattivi u ta' servizzi ta' salvataġġ.

Biex tiġġieled lil din it-theddida li qed tikber l-UE daħħlet għadd ta' miżuri, fosthom il-ħolqien u t-tisħiħ ta' l-Europol, u wkoll bażi ta' data komprensiva, magħrufa bħala Is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen, li tippermetti lill-aġenziji tal-pulizija fl-istati kollha ta' l-UE li jiskambjaw informazzjoni u jxerrdu data fuq dawk il-persuni li għalihom ikunu ħarġu mandati ta' estradizzjoni. Il-konsolidament ta' informazzjoni u strateġiji fost l-istati membri kollha u bejn

bliet ewlenin fl-Ewropa jagħti okkażjoni lill-awtoritajiet biex isegwu aħjar u jimmaniġġjaw il-fatturi li jikkontribwixxu għat-theddidiet għas-sigurtà fiz-zoni tagħhom **(4)**.

Terroriżmu internazzjonali:
It-terroriżmu m'hux xi ħaġa ġdida għall-Ewropej. Organizzazzjonijiet terroristi bħall-IRA u l-ETA ilhom snin jheddu s-sigurtà ta' bliet Ewropej. Madankollu, il-livelli radikali tat-terroriżmu internazzjonali għandhom ramifikazzjonijiet mill-akbar għall-politiki nazzjonali u ta' l-UE, u l-aktar fuq iċ-ċaqliq ta' persuni fl-UE, skambju u żamma ta' data, u l-estensjoni ta' ġuriżdizzjonijiet effettivi permezz tal-ħolqien tat-Tampere Programme wara l-attakki tas-sena 2001 fl-Istati Uniti, il-Hague Programme (2004) u l-Istrateġija komuni ta' l-UE Kontra t-Terroriżmu (2005) (5).

L-objettiv ta' l-integrazzjoni ta' l-UE jikkomplika l-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-istati ta' l-UE jridu volontarjment jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom u jikkollaboraw biex jifformulaw strateġiji effettivi u sostenibbli. Dawn l-istrateġiji nazzjonali u internazzjonali ultimament għandhom ikunu implimentati fil-livell lokali jekk iridu jkunu effettivi, u dan il-piż jaqa' bil-kbir fuq l-ibliet — l-amministraturi, aġenziji tal-pulizija, u dawk li jfassal l-politika tagħhom. Zoni urbani huma oqsma primarji għar-reklutaġġ għal organizzazzjonijiet terroristiċi, fejn l-eteroġeneità tal-komunitajiet u l-konċentrament ta' kondizzjonijiet soċjali ħżiena jattiraw u jaħbu terroristi potenzjali.

### *3.2.3 Fatturi li jwasslu għal dgħajfien tas-sigurtà fl-ibliet Ewropej*

Varjetà ta' fatturi li jaħdmu flimkien iservu biex idgħajfu l-ħila ta' komunitajiet urbani biex iżommu kondizzjonijiet ta' għajxien li jkunu siguri.

*3.2.3.1 Migrazzjoni/immigrazzjoni*

Prinċipju bażiku ta' l-Unjoni Ewropea dejjem kien iċ-ċaqliq ħieles taċ-ċittadini tagħha. Iżda din il-libertà tippreżenta wkoll problema serja fil-forma ta' l-immigrazzjoni tal-massa, partikolarment lejn zoni urbani. Ħafna minn dan iċ-ċaqliq jiġi minn stati li jkunu daħlu ġodda u wkoll minn pajjiżi inqas żviluppati fl-Afrika u l-Asja. Il-migrazzjoni netta fl-Ewropa (EU25) telgħet minn 590,000 persuna fis-sena 1994 għal 1.85 sas-sena 2004 **(6)**. Ħaġa li tikkomplika dan il-fatt hi l-idea li ħaddiema barranin imħallsin pagi baxxi jimminaw il-forza tax-xogħol domestika u dan irawwem sistema ta' esklużjoni u nattiviżmu. Ħafna Ewropej jirrifjutaw li jaċċettaw xogħol li jqisuh baxx jew b'xi mod mhux desiderabbli, u hekk jiftħu l-bibien għal ħaddiema barranin. Madankollu dawn il-ħaddiema huma suġġetti għal abbużi minn popolazzjonijiet stabbiliti li jħarsu lejn dan l-influss ta' ħaddiema b'pagi baxxi bħala theddida għas-sigurtà tagħhom. Din ix-xejra dehret fl-Istati Uniti wkoll, u qajmet għagħa pubblika u dibattitu fuq l-immigranti illegali mill-Messiku u pajjiżi Latin Amerikani oħrajn.

It-tweġiba tal-maniġers urbani għal dawn l-influssi għandha tiddefinixxi kif l-ibliet jevolvu mhux biss f'termini ta' politika soċjali imma wkoll ta' politika ambjentali. L-UE għandha funzjoni importanti fil-formulazzjoni ta' politiki nazzjonali fuq il-migrazzjoni. Filwaqt li għadd bla qies ta' żviluppi legali u ta' politika kkodifikaw il-modi kif stati għandhom jittrattaw popolazzjonijiet immigranti, l-awtoritajiet lokali għandhom funzjoni importanti fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-politiki.

*3.2.3.2 Żieda fl-inugwaljanza u l-faqar*

Il-faqar hu fattur li jwassal għal attività kriminali u ġie konness ma' delitti ta' serq u fuq propjetà. Xi riċerki jissuġġerixxu korrelazzjoni qawwija bejn il-faqar u r-reati vjolenti. It-tnaqqis kemm jista' jkun ta' inugwaljanzi fis-soċjetà, l-aktar l-inugwaljanza fid-dħul tal-flus, hu aċċettat minn kulħadd bħala għan neċessarju għall-istabbilità tal-komunitajiet. L-istudju tal-firxa ta' l-

inugwaljanza jipprovdi għodda għal analiżi dettaljata. L-impatt ta' mobilità akbar fl-istati membri jagħti ċans lil persuni ekonomikament batuti biex ifittxu xogħol fi stati oħrajn. Ħafna immigranti jmorru fl-ibliet biex ifittxu x-xogħol, u hekk jippreżentaw sfidi ġodda lill-pjanifikaturi urbani.

L-inugwaljanza m'għandhiex titqies l-istess bħall-faqar, billi l-inugwaljanza hija bbażata fuq differenzi fil-qligħ fost setturi differenti f'popolazzjoni speċifika, filwaqt li l-faqar hu definit bħala livell li jiġi aktar baxx minn xi standards aċċettabbli ta' għajxien li jistgħu jvarjaw minn stat għal stat u minn komunità għal komunità.

*3.2.3.3 Il-qgħad*

L-impjiegi għandhom effett pożittiv fuq kemm individwu jħossu li jiswa xi ħaġa u fuq ir-relazzjoijiet tiegħu jew tagħha ma' oħrajn. It-telf ta' impjieg jista' jkun ġrajja trawmatika, l-aktar fejn in-netwerks ta' sigurtà soċjali ta' belt ikunu ppressati jew ineżistenti. Xokkijiet lis-sigurtà individwali li jiġu minn telf ta' impjieg jistgħu jagħtu bidu għal, u/jew ikabbru, reazzjoni li tibqa' tikber fl-ambitu tan-netwerk soċjali ta' l-individwu u mbagħad tgħaddi għall-komunità. Barra minn hekk, il-qgħad jaggrava l-kondizzjonijiet tal-faqar u l-inugwaljanza li jkabbru ċ-ċans ta' mġiba kriminali u hekk jolqtu negattivament is-sigurtà.

*3.2.3.4 Interazzjoni etnika u kulturali*

Tradizzjonalment l-ibliet kienu ċentri ta' diversità u interazzjoni sa mill-oriġini ta' l-ibliet bħala ċentri ta' negozju. L-ibliet jġibu flimkien kulturi differenti permezz tax-xogħol u l-interazzjoni soċjali. Illum din l-interazzjoni hija aktar importanti minn qatt qabel. Il-mobilità dejjem tikber taċ-ċittadini Ewropej u l-espansjoni ta' l-UE għandhom implikazzjonijiet konsiderevoli fuq kif wieħed jgħaqqad l-integrazzjoni ma' l-immigrazzjoni li s-suċċess tagħha jiddependi direttament fuq ir-rieda u l-ħila tal-bliet ospitanti li jaċċettaw l-influss ta' residenti ġodda flimkien mal-kapaċità ta' l-immigranti li jinkorporaw lilhom infushom fl-ambjenti ġodda li jilqgħuhom. Il-fatt li ħafna popolazzjonijiet immigranti jistgħu jbatu minn dawn il-mardiet tas-soċjetà, bħal faqar u kriminalità, jikkomplika dan ix-xenarju. Jekk dan hu l-każ, jistgħu jiġu stimmatizzati minn oħrajn bħala partikolarment kriminali jew devjanti.

*3.2.3.5 L-ambjent fiżiku*

L-ambjent urban jippreżenta dilemma speċjali għall-amministrazzjoni ta' belt. Pajsaġġi urbani ppjanati tajjeb jistgħu joffru waħda mill-aktar salvagwardji promettenti kontra d-degradazzjoni tar-relazzjonijiet komunitarji. L-importanza ta' l-ippjanar u l-manutenzjoni ta' spazji urbani attraenti hi magħrufa ma' l-Ewropa kollha. It-tinġis ta' l-arja, ilma mniġġes, skart, zoni naturali mgħarrqin, u strutturi dilapidati kollha jikkontribwixxu għal sens dejjem jonqos ta' kburija komunitarja u hekk jostakolaw sforzi preventivi li jiġġieldu l-kriminalità u d-diżordni fl-ibliet. Għaldaqstant, dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiesu fi strateġija ħolistika biex jgħollu l-istandards ta' għajxien tar-residenti u hekk inaqqsu l-prezz tad-diżordni u r-raġunijiet ta' mġiba anti-soċjali **(7)**.

It-treġġigħ lura tal-kburija tas-sens ta' ċittadinanza f'zoni urbani jikkontribwixxi għaż-żamma u promozzjoni tal-kondotta preferita taċ-ċittadini tagħhom u tista' tħalli riżultati għolja lill-investiment pubbliku kif intwera minn diversi proġetti li saru biex tingħata ħajja ġdida lill-infrastruttura residenzjali u lil artijiet mitluqin minn industriji li marru f'zoni oħra. Dawn l-inizjattivi m'hemmx għaliex ikunu fuq skala kbira, iżda jistgħu jinkludu proġetti żgħar li jkabbru l-benessri tal-komunità urbana. Intwera li disinji maħsubin tajjeb ta' pajsaġġi urbani għal użu ta' kuljum kabbru s-sens ta' sigurtà u kburija komunitarja tar-residenti.

*3.2.3.6 Nuqqasijiet edukattivi*

Imġiba devjanti hi marbuta sewwa ma' kisbiet edukattivi foqra jew baxxi. Fl-Istati Uniti, ngħidu aħna, dawk li qegħdin il-ħabs għandhom biss edukazzjoni f'livell ta' *high school* jew inqas. L-edukazzjoni ta' dawk li jgħixu f'zoni urbani depressi hi problema ċentrali għall-politika ta' l-immaniġġjar urban fl-Ewropa, kif jingħad fil-Karta ta' Leipzig 2007. Ċittadini edukati mhux biss huma mgħammra aħjar biex janalizzaw l-effetti ta' l-azzjonijiet tagħhom iżda x'aktarx ukoll li għandhom impjieg produttiv u leġittimu.

Barra minn dan, studenti li jirnexxu huma kapaċi jħallqu mal-pressjonijiet tal-ħajja ta' kuljum filwaqt li jibqgħu jagħtu ħin lill-edukazzjoni. Meta ż-żgħażagħ ma jarawx il-ħtieġa ta' l-edukazzjoni, jew iħossuha ftit biss, l-interessi tagħhom iduru għal oqsma oħrajn. Dejjem għandha ssir valutazzjoni attenta biex ikunu żgurat li r-riformi jitfasslu tajjeb skond il-ħtieġa li l-effettività tagħhom tkun żgurata.

*3.2.3.7 Esklużjoni soċjali*

Esklużjoni soċjali tista' tiġi għal ħafna raġunijiet. Id-dħul ta' "barranin" fi nħawi omoġenji jista' joħloq ansjetà u reżistenza minn residenti lokali u jwassal għal ksur tal-koeżjoni komunitarja, aktar interventi mill-pulizija u stimmatizzazzjoni ta' gruppi partikolari. Barra minn hekk, it-tekniki ta' l-immaniġġjar tal-konflitti użati minn uffiċjali lokali jistgħu joħolqu perċezzjonijiet ta' preġudizzju fost gruppi vulnerabbli. Id-disinn u t-trasport urban huma siewja f'dan ir-rigward billi jagħtu okkażjoni lil dawk li qegħdin fl-ogħla grad ta' riskju ta' marġinalizzazzjoni biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tal-komunità u jiffurmaw relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali stabbli li huma vitali għal komunitajiet siguri. It-trasport urban, ngħidu aħna, itaffi l-ħtieġa tal-propjetà ta' vetturi privati biex jintużaw għax-xogħol u attivitajiet ta' mistrieħ filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għas-sostenibilità ambjentali urbana.

*3.2.3.8 Nuqqas ta' fiduċji fl-istituzzjonijiet*

Il-bażi ta' kull strateġija li jirnexxilha tkabbar is-sigurtà hija l-grad ta' fiduċja li ċ-ċittadini jkollhom fl-uffiċjali pubbliċi tagħhom. Fil-fatt, ħafna mill-ibliet ma' l-Ewropa kollha li għandhom l-ogħla livelli ta' nuqqas ta' fiduċja fl-uffiċjali pubbliċi għandhom ukoll kwistjonijiet serji ta' sigurtà. Meta l-pubbliku ma jibqax iħoss li dawk li għandhom ir-responsabbiltà tas-sigurtà tal-komunitajiet tagħhom m'għandhomx ħila jew rieda li jagħtu dan is-servizz, il-kooperazzjoni u l-aderenza mal-miżuri ta' politika jonqsu. Fil-fatt, nuqqas ta' fiduċja f'korpi governattivi hija kawża ċentrali ta' allarm f'zoni urbani fejn il-ħtieġa ta' strateġiji usa' u komprensivi titlob il-kooperazzjoni attiva tar-residenti taz-zona. Il-parteċipazzjoni ċivika, imsejħa wkoll parteċipazzjoni ta' dawk kollha involuti, hija rekwiżit ewlieni fl-isforzi għat-tnaqqis ta' l-attività kriminali, biex jitreġġa' lura s-sens ta' tweġiba pożittiva mill-komunità, u l-promozzjoni ta' politiki ta' sigurtà sostenibbli.

### *3.2.4 Parteċipazzjoni/involviment ċiviċi*

Filwaqt li strateġiji tradizzjonali għall-kontroll ta' attività kriminali u anti-soċjali huma meħtieġa, is-sostenibilità ta' kull politika urbana titlob appoġġ u fehim pubbliku. Meta jdaħħlu lir-residenti tagħhom fil-proċess tal-prevenzjoni tad-delitti, l-ibliet jistgħu jnaqqsu l-inċidenza ta' l-attività kriminali fil-komunitajiet u jkabbru wkoll il-fiduċja fl-awtoritajiet lokali. B'dan il-mod, il-kontroll mill-pulizija jsir objettiv li jinqasam mal-komunità kollha. Ir-residenti jiġu f'kuntatt ma' uffiċjali tal-pulizija aktar minn kull uffiċjal pubbliku ieħor. Għalhekk hu kruċjali li tinżamm u tissaħħaħ il-fiduċja bejn it-tnejn. Dan hu tħassib ewlieni ta' kważi kull riċerka importanti li saret fuq l-immaniġġjar ta' l-ordni fl-ibliet. Il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni ċivika hija stipulata ċar fil-Karta ta' Leipzig ta' dan l-aħħar li tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' dawk kollha involuti fit-tfassil ta' strateġiji urbani inklużivi ta' kwistjonijiet ta' sigurtà **(8)**.

Għalkemm amministrazzjoni ċentralizzata tal-pulizija u s-servizzi ta' emerġenza hija essenzjali, strateġiji li jiddeċentralizzaw ir-responsabbiltà tas-servizz polizjesk fil-komunità huma aktar effettivi minn approċċi minn fuq għal isfel. L-involviment u r-reazzjonijiet tal-komunità huma mill-aktar effettivi biex iwasslu informazzjoni lill-uffiċjali fuq ir-realtà li jiffaċċjaw il-komunitajiet, anke jekk din tinkludi attivitajiet inqas heddieda milli jaħsbu l-uffiċjali. Dawn ir-reazzjonijiet jinfurmaw lill-uffiċjali fejn jista' jkun hemm, jekk ikun hemm, reżistenza fil-komunità u kif l-aħjar ifasslu l-politiki tagħħom bi strateġiji effettivi.

*3.2.4.1 Min għandu jkun involut?*

Idealment, dawk kollha involuti għandhom ikunu mdaħħlin fil-proċess ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni; iżda dan jista' jkun problematiku skond il-kondizzjonijiet lokali u l-kapaċità istituzzjonali. Mhux kull min hu involut jista' jifhem xi jfisser dan l-involviment, u jista' jkun hemm barrieri soċjali li ma jdaħħlux setturi tal-popolazzjoni li però xorta huma vitali għas-suċċess ta' strateġija ta' din ix-xorta. Ngħidu aħna, nies li għamlu żmien il-ħabs u li jkunu jgħixu fil-komunità jaf ma jkunu fdati f'xejn u jkunu esklużi mill-proċess parteċipattiv **(9)**. Setturi tas-soċjetà li tradizzjonalment ma jsibux post fiha għandhom ikunu inkorporati formalment u attivament biex ikunu fuq quddiemnett tal-ħajja pubblika u tal-parteċipazzjoni fiha. Gruppi soċjalment esklużi ta' din ix-xorta jinkludu minoranzi etniċi u razzjali, persuni li m'għandhomx fejn joqogħdu u persuni fiżikament diżabilitati. Meta ġġibhom flimkien, dawn il-gruppi jiffurmaw għodda mill-aktar siewja għal kisbiet ta' politika u għal sigurtà fil-komunità. Iż-żgħażagħ ukoll jafu jkunu esklużi jew minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni jew għaliex ma jingħatawx post fil-qasam tal-parteċipazzjoni pubblika. Ironikament, iż-żgħażagħ huma s-settur tal-komunità li l-maniġers fil-fatt għandhom jippruvaw jilħqu u jingaġġaw f'kull pjan li jsir biex jitnaqqsu d-delitti u tikber is-sigurtà f'zoni pubbliċi. Dan jista' jinkiseb bis-saħħa ta' laqgħat fi skejjel u ċentri rikreattivi, involvement tal-midja, u promozzjoni akbar ta' organizzazzjonijiet voluntiera lokali **(1)**.

Is-suċċess ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-setturi kollha tas-soċjetà jistrieħ ħafna fuq djalogu, sabar u attitudnijiet dettaljati li jħarsu lejn sostenibilità u effiċjenza. Dan jagħrfuh ma' l-Ewropa kollha dawk li jfasslu l-politika u maniġers ta' zoni urbani. In vista tan-natura dejjem tinbidel tal-popolazzjonijiet urbani, ħadd m'għandu jinjora s-siwi tal-potenzjal tal-parteċipazzjoni ċivika, il-konsultazzjoni u l-integrazzjoni favur l-istabilità u t-trawwim ta' ħiliet.

*3.2.4.2 In-Netwerk Ewropea għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità*

Minbarra li tappoġġja inizjattivi lokali għat-trattament tal-kriminalità, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet, fis-sena 2001, il-European European Crime Prevention Network biex tgħin skambjar ta' esperjenzi fuq il-prevenzjoni tad-delitti fost bliet Ewropej **(10)**. Seba' bliet - Bonn, Brent, Girona, Liege, Luton, Modena u Marsilja - ħadu sehem fin-Netwerk. L-istudju identifika konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet f'livell differenti, fosthom:

- Skambju ta' esperjenzi hu essenzjali għat-twaqqif u segwitu ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni tad-delitti u għandu jkun ripetut perjodikament.
- Sħubija għandha tinfetaħ biex tinkludi numru kbir ta' dawk involuti.
- Korp ta' maniġment, taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet muniċipali, għandu jiltaqa' regolarment biex jiffissa l-prijoritajiet.
- Dawk involuti f'politika ta' prevenzjoni jeħtieġ jikkontrollaw ir-riżultati miksuba u jinfurmaw liċ-ċittadini fuq il-politiki implimentati.

Barra minn hekk, intlaħqu l-konklużjonijiet li ġejjin rigward il-funzjoni ta' l-istati membri u l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali:

- Hu indispensabbli li l-istati jagħrfu l-belt bħala l-livell pertinenti għat-twaqqif ta' politika ta' prevenzjoni ta' delitti.
- Għandhom jitrawmu skambju ta' prattiki lokali bejn dawk kollha involuti rilevanti.
- L-Unjoni Ewropea għandha tkompli tappoġġja skambju bejn dawk involuti lokalment fil-politika ta' prevenzjoni ta' delitti **(10)**.

### *3.2.5 Referenzi*


1. Workshop to Explore Strateġiies and Best Practices for Crime Prevention Related to Urban Crime and Youth at Risk, Eleventh UN Congress on Crime Prevention and Criminal Justice, (Bangkok, Thailand 18-25 April 2005) (BKK/CP/13) http://www.un.org/events/11thcongress/pressrel.html
2. Kesteren, J.N.van, Mayhew, P., Nieuwbeerta, P., Criminal Victimisation in Seventeen Industrialised Countries: Key-findings from the 2000 international Crime Victims Survey, The Hague, Ministry of Justice, WODC. Onderzoek en beleid, nr. 187 2000 http://www.unicri.it/wwd/analysis/icvs/pdf_files/key2000i/index.htm
3. Alvazzi del Frate, Anna, Kesteren, John van, Criminal Victimisation in Europe: Key Findings of the 2000 International Crime Victim Surveys. United Nations Interregional Crime and Justice Research Institute
4. Living Europe Safely: Work Programme of the Federal Ministry of the Interior for the German EU Presidency in the First Half of 2007, EU Council Presidency http://www.eu2007.de/en/index.html
5. The European Union Counter-Terrorism Strategy, Justice and Home Affairs Council meeting, Brussels 1 December 2005, European Union http://ue.eu.int/Newsroom
6. Europe in figures - Eurostat yearbook 2006-0, Eurostat, 2007 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
7. Guidelines for the prevention of urban crime, United Nations Economic and Social Council Resolution 1995/9, 49th Plenary Meeting 24/7/1995 http://www.un.org/documents/ecosoc/res/1995/eres1995-9.htm
8. Leipzig Charter on Sustainable European Cities, European Union, 2007 http://www.bmvbs.de/Anlage/original_995333/Leipzig-Charter-on-Sustainable -European-Cities-final-draft-2-May-2007.pdf
9. Capobianco, Laura, Sharpening the Lens: Private Sector Involvement in Crime Prevention, International Centre for the Prevention of Crime, 2005 http://www.crime-prevention-intl.org
10. European Urban Knowledge Network http://www.eukn.org/eukn/themes /Urban_Policy/Security_and_crime_prevention/Crime_prevention/Secu cities-crime-prevention-Europe_1004.html

## 3.3 SAĦĦA URBANA

### 3.3.1 Introduzzjoni

Il-ħarsien tas-saħħa pubblika hu ċentrali għall-immaniġġjar ta' komunitajiet urbani sostenibbli. Il-kwalità tas-saħħa ta' komunità hija relatata direttament mal-produttività, koeżjoni soċjali, prosperità ekonomika u kuntentizza ġenerali. Saħħa pubblika tajba twassal għal parteċipazzjoni sħiħa fl-opportunitajiet soċjali, ekonomiċi u rikreattivi li hemm fl-ibliet u hija sinjal ta' politika pubblika ta' kwalità. Is-saħħa pubblika hija relatata ma' ħafna mill-istess fatturi li jolqtu l-kwisjtonijiet soċjali moderni kollha: xejriet demografiċi, dehra ta' mard ġdid u ritorn ta' mard antik, degradazzjoni ambjentali, konċentrazzjoni ta' attivitajiet umana u mudelli ta' stil ta' ħajja. Dawn il-kwistjonijiet kollha għandhom ikunu indirizzati sistematikament biex tkun żgurata kwalità tajba ta' saħħa għall-membri kollha tas-soċjetà.

### 3.3.2 Fatturi demografiċi

Fatturi demografiċi li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika jinkludu popolazzjoni li qed tixjieħ u forza tax-xogħol li qed tikber. L-Ewropej qed jgħixu aktar minn  qatt qabel, u dan jolqot direttament il-kura tas-saħħa. Fost il-mard u l-isfidi ta' l-anzjanità hemm il-marda ta' Alzheimer (jew demenzja), u mard fiżiku bħal influwenza, mard respiratorju u kondizzjonijiet kardjovaskulari **(1)**. Il-kanċer, kawża ewlenija ta' mwiet fl-Ewropa, huwa aktar komuni fl-istadji aħħarin tal-ħajja. Huwa wkoll aktar prominenti fl-istati membri ġodda **(2)**. Sforzi biex jiżdied in-numru ta' nies fil-forza tax-xogħol jista' wkoll ikollu impatt fuq is-saħħa pubblika f'komunitajiet urbani. Filwaqt li parteċipazzjoni akbar fl-ekonomija toħloq opportunitajiet għal ħafna, din tkabbar ukoll it-tensjoni, mard relatat mat-tensjoni u korrimenti fil-post tax-xogħol. Il-parteċipazzjoni ta' aktar nisa fil-forza tax-xogħol tnaqqas il-provvista ta' persuni li jieħdu ħsieb nies fi djarhom u tista' tolqot ħażin il-ħila li jingħata servizz lil mard f'daqqa fid-djar jew lil każi bi bżonnijiet speċjali.

Żewġ xejriet inkwetanti li jolqtu lis-saħħa pubblika huma t-tixrid ta' mard li jittieħed "ġdid" u d-dħul ta' razez virali persistenti li jirreżistu l-mediċini. L-ibliet, bil-popolazzjonijiet densi tagħhom, qegħdin f'riskju akbar li jieħdu dan il-mard li jittieħed. Ir-riskju hu kkomplikat biż-żieda ta' vvjaġġar globali u reġjonali. Każ fil-kwistjoni hu dak tas-Sindromu Respiratorju Akut Sever (SARs) li tfaċċa l-ewwel darba fiċ-Ċina tat-Tramuntana fis-sena 2002, li nfirex bilġri f'Ħong Kong u l-Vjetnam minħabba ivvjaġġar bl-ajru, u sa Mejju 2003 kien xtered f'aktar minn 30 nazzjon u qatel 269 ruħ **(3,4)**. Il-firxa rapida ta' SARS f'ambjent urbani tixhed ir-riskji elevati li zoni urbani jiffaċċjaw fl-immanġġjar ta' mard li jittieħed fis-seklu 21.

### 3.3.3 Fatturi ambjentali

Fatturi ambjentali li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa urbana jinkludu tinġis ta' l-arja, l-ilma u mill-ħsejjes – kollha kemm huma prodotti sekondarji tal-ħajja urbana moderna. Tinġis ta' l-arja jikkontribwixxi għal mard bħal tuberkulożi, ażżma u għadd kbir ta' problemi respiratori, u jolqot ħażin lil nies b'mard tal-qalb u tal-pulmun **(5)**. Sorsi ta' tinġis ta' l-arja fl-ibliet jinkludu emissjonijiet minn vetturi, industrija u attivitajiet oħrajn umani. Kull xorta ta' sustanza li tniġġes – monossidu tal-karbonju, diossidu tal-kubrit, materja partikolata, ċomb u oħrajn – tirrappreżenta theddida għas-saħħa umana. Vetturi huma sors maġġuri ta' monossidu tal-karbonju u materja partikolata, filwaqt li l-industrija u l-ġenerazzjoni ta' l-enerġija jikkontribwixxu l-akbar kwantità ta' tinġis minn ossidi tan-nitroġenu u minn diossidu tal-kubrit.  Daqstant ieħor hu t-tħassib fuq tinġis ta' arja fuq ġewwa li jiġi minn attivitajiet mhux addattati bħall-użu ta' kimiċi tossiiċi, fjuwils tradizzjonali u duħħan tat-tabakk. Nuqqas ta' ventilazzjoni adegwata fi spazji pubbliċi u privati fuq ġewwa jista' jkabbar il-

problema. Tinġis ta' l-arja fuq ġewwa hu partikolarment perikoluż għaż-żgħar u l-anzjani **(6)**.

L-ilma hu riżorsa vitali għas-sosteniment ta'l-ħajja, imma jista' wkoll ixerred mard li jimxi ma' l-ilma, sustanzi karċinoġeni u materjali tossiċi. Il-pubbliku jitlob ilma nadif u sigur għax-xorb, tisjir u ħasil. Ir-rikreazzjoni f'forma ta' għawm, ibburdjar u sajd hija forma oħra ta' użu ta' l-ilma mill-bniedem. F'zoni urbani l-ilma għall-konsum jittieħed tipikament minn ilma fil-wiċċ jew minn ilma fis-saff ta' taħt wiċċ l-ilma, u jkun ittrattat, użat u mitfugħ lura mill-ġdid wara t-trattament. Il-mod kif ikun ittrattat l-ilma maħmuġ hu kruċjali għall-ħarsien tas-saħħa pubblika, l-aktar billi ilma mill-istess sorsi jista' jintuża wkoll minn bliet li jkunu aktar 'l isfel tul xmara. L-industrija tuża kwantitajiet kbar ta' ilma u tista' titfa 'l barra ħafna sustanzi li jagħmlu ħsara. L-agrikultura hija sors ta' sediment u kimiċi minn fertilizzanti u pestiċidi.

Il-ħsejjes huma karatteristika li ssibha kullimkien fil-ħajja urbana u tikkostitwixxi theddida maġġuri għas-saħħa pubblika u l-benessri. Ħsejjes tat-traffiku u attivitajiet oħra jistgħu jkabbru l-livelli ta' tensjoni u jaggravaw mard eżistenti. Skond l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, aktar minn nofs il-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea hia esposta għal livelli ta' ħsejjes li jikkaġunaw skumdità. Barra minn hekk,, iż-żgħar huma kontinwament suġġetti għal livelli elevati ta' ħsejjes li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ħila tagħhom li jitgħallmu. Effetti oħrajn jistgħu jinkludu telf ta' smigħ, aktar pressjoni għolja, diżordni soċjali, inqas produttività u bdil fil-metaboliżmu **(7)**.

Maniġers urbani għandhom medda wiesgħa ta' għodod li jistgħu jintużaw biex jitnaqqsu l-impatti ta' tinġis ambjentali fuq popolazzjonijiet fl-ibliet. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' vetturi, standards aktar stretti ta' emissjonijiet u regolamentazzjoni ta' l-industrija awtomotiva kollha jservu biex jitnaqqas l-ammont ta' tinġis ta' l-arja. Il-provvista ta' traġitt pubbliku itjeb, il-promozzjoni tar-rkib tar-rota u tal-mixi, u l-provvista ta' opportunitajiet ta' qsim ta' vjaġġar f'vetturi, jgħinu biex jonqos is-serħan fuq il-vetturi. Trattament adegwat ta' ilma maħruġ u regolamentazzjoni ta' rimi mill-industrija huma vitali għall-protezzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma. Barrieri kontra l-ħsejjes tul awtostradi ewlenin u l-iżolazzjoni ta' bini jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' ħsejjes li jinstemgħu. B'dawn il-miżuri kollha, kampanja vigoruża ta' informazzjoni pubblika tista' tistimula l-appoġġ pubbliku u mġiba responsabbli.

### *3.3.4 Stili ta' ħajja*

L-istili ta' ħajja għandhom funzjoni kbira fis-saħħa u fil-benessri ta' l-individwi u tal-komunità. Madwar l-Ewropa, residenti urbani qed jippreferu jħaddnu stili ta' ħajja aktar sedentarji. Aktar ma jogħlew is-salarji u n-nies tmur toqgħod aktar 'il bogħod minn fejn taħdem, il-mixi u r-rkib tar-rota qed jeħdilhom posthom l-użu tal-karozzi privati u t-trasport pubbliku. Filwaqu li t-transizzjoni għal ekonomiji ta' servizz naqqset l-ammont ta' perikli okkupazzjonali, daħħlet f'lokhom riskji inqas apparenti bħal ħsara fil-viżta minn skrins tal-monitor tal-kompjuter, inqas ċirkolazzjoni tad-demm ħtija ta' xogħol bilqiegħda, u saħanitra tensjoni li tiġi minn impjiegi fi spazji ta' uffiċċji magħluqin. Ħafna nies isegwu rutini simili meta jkunu d-dar, fejn jippreferu jaraw it-televiżjoni jew jużaw l-internet flok jagħmlu eżerċizzju attiv u attivitajiet fil-beraħ. L-għażla ta' stil ta' ħajja tista' tinkludi wkoll użu akbar ta' prodotti tat-tabakk u ta' l-alkoħol, li jġibu riskji serji għas-saħħa. Maniġers urbani jistgħu jirreżistu dawn ix-xejriet billi jagħtu aktar opportunitajiet għall-eżerċizzju bħal parks u rotot, zoni riservati biss għal min jimxi, u kampanji ta' informazzjoni li jinkoraġġixxu stili ta' ħajja attivi u ħajja sana.

### *3.3.5 Fatturi ekonomiċi*

L-ispejjeż tal-kura medika telgħin. Aktar ma jitilgħu l-ispejjeż, aktar il-kura medika ma tkunx tista' tinxtara minn nies bi qligħ baxx u minn saffi tal-popolazzjoni li ma jkunux assigurati. L-inaċċessibilità għal faċilitajiet u servizzi ta' kura tas-saħħa tikkontribwixxi għal livell aktar baxx ta' saħħa komunitarja b'mod ġenerali. Meta l-inċidenza tal-mard tikber, in-nefqa finanzjarja ta' individwi, familji u komunitajiet oħra tikber ukoll. Spejjeż mediċi telgħin jistgħu jkunu attribwiti għal spejjeż ta' żviluppar ta' farmaċewtiċi ġodda, domanda akbar mill-konsumaturi, żvilupp ta' teknoloġiji avvanzati bħan-nanoteknoloġija u t-terapija ġenetika, u spejjeż ta' assigurazzjoni ta' terzi persuni.

Għal diversi raġunijiet, l-immaniġġjar tan-nefqa finanzjarja tal-kura tas-saħħa hu importanti ħafna u għandu implikazzjonijiet politiċi kbar. Pagi ogħla għal professjonisti mediċi jkabbru l-attrazzjoni ta' talent ta' kwalità, iżda jistgħu wkoll ikabbu l-inugwaljanza soċjali fil-kura tas-saħħa fil-komunitajiet billi l-utenti li jkollhom qligħ aktar baxx ikunu mġiegħla jaċċettaw kura tas-saħħa ta' kwalità inqas jew xejn. Il-fqar huma aktar esposti għal riskji tas-saħħa minħabba diversi raġunijiet: inabilità li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi bażiċi; u nuqqas ta' utilizzazzjoni ta' prodotti li jnaqqsu r-riskji, bħal filtri ta' l-ilma, ilma fil-fliexken, vitamini u prodotti organiċi jew preservattivi b'xejn. Għall-kuntrarju ta' dawk li qegħdin ekonomikament aħjar minnhom, komunitajiet bi qligħ baxx spiss jgħixu f'kondizzjonijiet ambjentalment aktar ħżiena fejn l-iskart fit-toroq, ilma staġnat jew imniġġes, u qrubija għal faċilitajiet industrjali jistgħu jħarrxu l-kondizzjonijiet tal-ħajja u tal-benessri. Tfal li ma jistgħux jingħataw kura tas-saħħa xierqa qegħdin f'riskju akbar li jiżviluppaw għal ħajjithom kollha kondizzjonijiet li jirrestrinġu l-iżvilupp psikoloġiku, emozzjonali u fiżiku tagħhom. Trabi u tfal żgħar ħafna huma vulnerabbli b'mod speċjali għal mard minħabba s-sistemi nervużi u immuni tagħhom li jkunu għandhom qed jiżviluppaw u n-nuqqas ta' ħila tagħhom li jevitaw sitwazzjonijiet perikolużi jew perikli ambjentali **(1)**. Kura tal-ħajja ta' kwalità tajba fl-ewwel snin tal-ħajja huma essenzjali għall-iżvilupp sħiħ tal-ħiliet mentali u fiżiċi tat-tfal, u biex jirnexxu aktar 'il quddiem fil-ħajja.

L-Ewropej jagħtu valur lil saħħithom u jqisu l-kura tas-saħħa bħala l-kwistjoni pubblika l-aktar importanti. Dan għandu ramifikazzjonijiet konsiderevoli għall-politika pubblika. Jekk pjanifikaturi urbani jridu jittamaw li jtejbu l-kondizzjonijiet ġenerali tas-saħħa pubblika biex jikkonformaw ma' objettivi ta' żvilupp sostenibbli, huma jkollhom jappellaw għax-xewqat istintivi tar-residenti biex iħarsu s-saħħa u l-benessri tagħhom **(5)**. Hekk, il-konsulenti fuq il-politika, dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet u maniġers urbani għandhom iqisu dawk il-fatturi li jagħmlu impatt fuq id-deċiżjonijiet tar-residenti dwar preferenzi residenzjali, konsum u konsiderazzjonijiet ta' impjieg.

### *3.3.6 Referenzi*


1. Health-European Union: Elderly, (European Commission) (2007) http://ec.europa.eu/health-eu/my_health/elderly/index_en.htm
2. Schafer, G., Europe in Figures: Eurostat yearbook 2006-2007, (Eurostat) (2007) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-CD-06-001/EN/KS-CD-06-001-EN.PDF
3. ANALYSIS-Asia hopes avian flu is no economic rerun of SARS, http://www.forbes.com/home_asia/newswire/2004/01/28/rtr1230829.htm
4. Country breakdown: Probable cases of SARS, (CNN) (May 23, 2003) http://edition.cnn.com/2003/HEALTH/03/23/mystery.virus.breakdown/index.html

5. Lin HH, Ezzati M, Murray M (2007) Tobacco Smoke, Indoor Air Pollution and Tuberculosis: A Systematic Review and Meta-Analysis. PLoS Med 4(1): e20 doi:10.1371/journal.pmed.0040020
6. Duhl, L.J., Sanchez, A.K., Healthy Cities and the City Planning Process: A background Document on Links Between Health and Urban Planning. World Health Organization (1999)
7. Transportation and Health: Facts and Figures, World Health Organization (2007) http://www.euro.who.int/transport/HIA/20030129_4

### *3.4 AĊĊESSIBILITÀ GĦAL ĦTIĠIJIET SPEĊJALI*

#### *3.4.1 Ħolqien ta' bliet aċċessibbli*

Is-sena 2007 kienet desinjata bħala "Is-Sena Ewropea ta' Opportunitajet Ugwali għal Kulħadd ." L-għan tagħha hu li tinforma lin-nies bid-drittijiet tagħhom, tiċċelebra d-diversità u tippromwovi opportunitajiet ugwali għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea. Persuni bi bżonnijiet speċjali m'humiex eċċezzjoni **(1)**.

Skond in-Nazzjonijiet Uniti, aktar minn nofs biljun ruħ fid-dinja għandhom bżonnijiet speċjali minħabba nuqqasijiet fiżiċi, mentali jew sensorji. Fl-Unjoni Ewropea biss, 10% tal-popolazzjoni għandhom sfidi fiżiċi jew mentali. Joqogħdu fejn joqogħdu, ħajjiet nies bi bżonnijiet speċjali spiss huma ristretti minn barrieri fiżiċi u/jew soċjali. Persuni bi bżonnijiet speċjali jistgħu jkunu ħaddiema, konsumaturi, nies li jħallsu t-taxxi, politiċi, studenti, ġirien, membri ta' familja u ħbieb. Huma ċittadini ugwali għal xulxin, għalkemm sfortunatment spiss m'humiex ittrattati b'dan il-mod. Stħarriġ reċenti fl-Ewropa sab li hemm nuqqas serju ta' fehim ta' xi jfissru bżonnijiet speċjali u kemm huma dawk milqutin.

Ewropa mingħajr barrieri kienet l-objettiv ta' Komunikazzjoni adotatta mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 2000. Din tikkonċentra fuq politiki maħsubin għal persuni bi bżonnijiet speċjali: faċilitar ta' mobilità ta' ċittadini bi bżonnijiet speċjali fl-oqsma kollha tas-soċjetà, bħal teknoloġija ta' l-informazzjoni; ftuħ tas-suq intern għal għajnuniet tekniċi; ħarsien tad-drittijiet ta' konsumaturi bi bżonnijiet speċjali; żvilupp ta' statistiċi aħjar u tisħiħ ta' koordinament fost is-servizzi tal-Kummissjoni. Element importanti fil-progress lejn Ewropa mingħajr barrieri hu l-prinċipju ta' "Design for All". Persuni bi bżonnijiet speċjali għandhom ikunu kapaċi jgħixu b'mod aktar independenti, jaħdmu b'kumdità akbar u jipproduċu aktar. Biex tinkoraġġixxi n-negozji u organizzazzjonijiet oħrajn biex jagħmlu aktar, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet il-"Breaking Barriers Award Scheme." L-objettiv ta' din l-inizjattiva hu li tagħraf kisbiet fit-titjib ta' l-aċċessibilità għal ċittadini bi bżonnijiet speċjali fl-ippjanar, l-arkitettura u t-trasport ta' l-ibliet, u wkoll fid-disinn tal-prodott u tal-proċess **(2)**.

F'dan il-kuntest, li l-ibliet jipprovdu faċilitajiet ta' aċċessibilità lil persuni bi bżonnijiet speċjali hi ħaġa assolutament kruċjali. F'dan ir-rigward, aċċessibilità tfisser faċilitajiet jew kumditajiet li ma jkollhomx ostakli u huma siguri, u jista' jkollu aċċess għalihom kulħadd b'manjieri awto-suffiċjenti, inklużi persuni bi bżonnijiet speċjali. B'mod ġenerali, l-aċċessibilità m'hix ristretta għal infrastruttura, bħall-ambjent mibni jew mezzi ta' transport, iżda japplika wkoll għall-attivitajiet kollha li fihom xi persuna, normali jew bi bżonnijiet speċjali, tista' tipparteċipa.

L-għan ta' bliet aċċessibbli hu li jeliminaw ostakoli għall-moviment, trasportazzjoni, edukazzjoni u impjieg ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Dan jispira l-ħolqien ta' netwerk muniċipali aċċessibbli li l-infrastruttura, il-faċilitajiet u l-opportunitajiet ugwali jistgħu jakkomodaw u jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha b'faċilità u sigurtà ugwali għal kulħadd **(2)**.

#### *3.4.2 Standards ta' disinn universali*

Bżonnijiet speċjali jistgħu jkunu jew permanenti jew temporanji, u jinkludu diżabilitajiet u/jew debbulizzi; u jistgħu jiġu minn nuqqasijiet fiżiċi, psikoloġiċi jew mentali. Persuni b'mobilità ristretta jinkludu nies b'nuqqasijiet fiżiċi, u wkoll individwi li m'humiex kapaċi jagħmlu l-attivitajiet ta' kuljum mingħajr l-għajnuna ta' xi ħadd jew li jridu jiffaċċjaw il-limitazzjonijiet tal-mobilità bħall-anzjani, in-nisa tqal, tfal, eċċ. Hu assolutament neċessarju li l-aċċess għall-faċilitajiet u servizzi kollha jkun garantit u bbażat fuq standards ta' disinn magħrufin minn

kulħadd biex l-ambjent, il-prodotti u s-servizzi jkunu disponibbli b'mod ugwali għal kulħadd, huma x'inhuma l-età, il-fasla fiżika jew il-ħiliet ta' dak li jkun. Disinn magħruf minn kulħadd jeżiġi li l-aċċessibilità tingħata mingħajr alterazzjonijiet addizzjonali jew disinji speċifiċi biex tkun tista' taqdi lil kull xorta ta' kategorija sekondarja ta' utenti u bla ebda żieda fl-ispejjeż jew bi spejjeż minimi. Hekk, disinn magħruf minn kulħadd joħloq ambjenti, prodotti u servizzi li huma aktar komdi, dħulin għal min jużahom, u siguri għaċ-ċittadini kollha **(2)**.

Standards ta' disinji magħrufin minn kulħadd jinkorporaw il-ħtiġijiet tal-persuni kollha bi bżonnijiet speċjali (utenti ta' siġġijiet bir-roti, dawk li jbatu minn nuqqas ta' viżta jew smigħ, eċċ.). Ngħidu aħna, iz-zoni kollha mfasslin għal dawk li jużaw siġġijiet bir-roti jridu jkunu aċċessibbli wkoll biex jintużaw minn persuni oħrajn li għandhom mobilità ristretta, bħal anzjani, persuni li jkunu qed iġorru jew jittrasportaw tagħbijiet, tfal żgħar, pramms, eċċ. Bl-istess mod, kull faċilità, kumdità jew attività li huma aċċessibbli għal persuni li għandhom viżta jew smigħ normali għandhom ikunu wkoll aċċessibbli għal persuni li jbatu minn nuqqas ta' viżta jew smigħ u wkoll għal oħrajn, bħall-anzjani jew persuni li ma jkunux jafu l-ilsien tal-post (jiġifieri bl-użu ta' sinjali li jkollhom simboli sempliċi aktar milli test x'jinqara). B'mod aktar speċifiku:

- Kull spazju orizzontali u vertikali għandu jsir aċċessibbli bit-tneħħija jew tnaqqis kemm jista' jkun ta' differenza ta' livelli, jiġifieri t-trasformazzjoni ta' turġien f'rampi jew liftijiet kbar, il-kostruzzjoni ta' mogħdijiet u kuutiri usa' f'binjiet, rotot iqsar u aktar lixxi, eċċ.
- Sinjali għandhom ikunu sempliċi, ċari u mwaħħlin fejn jidhru sewwa, u għandhom jinftiehmu minn kull kategorija ta' nies li jistgħu jużawhom, jiġifieri strixxi li jiggwidaw lil dawk li jbatu minn nuqqas ta' viżta, kuluri kontrastanti fuq sinjali, eċċ.
- Użu tas-servizzi u tagħmir pubbliku kollha għandu jkun sempliċi u jitlob biss sforz żgħir minn dawk li jużawhom **(2)**.

Dan id-disinn m'għandu, f'ebda każ, jinfluwenza negattivament l-estetika ta' l-ambjent tal-madwar, billi dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jkunu mogħtija kemm b'effiċjenza u kemm b'gosti tajbin. Punti li jeħtieġu attenzjoni akbar jinkludu dawn li ġejjin:

- L-użu ta' elementi u materjali sempliċi, li jinftiehmu malajr u siguri.
- Standardizzazzjoni ta' dawn l-elementi bl-istess forma distintiva u li tingħaraf minn kulħadd.
- Il-garanzija li l-infrastruttura u s-servizzi jkunu disinjati bl-istess manjiera biex jippermettu l-awto-suffiċjenza u l-passaġġ siġur ta' persuni bi bżonnijiet speċjali **(2)**.

### *3.4.3 Il-funzjoni ta' l-amministrazzjoni lokali*

Il-funzjoni ta' l-amministrazzjoni lokali biex tiggarantixxi l-aċċessibilità għal persuni bi bżonnijiet speċjali hija vitali. Komunitajiet lokali jiffurmaw in-nulkeu ta' attività umana li huwa l-ewwel "barriera" li persuni bi bżonnijiet speċjali jeħtieġ jaqsmu fl-isforz tagħhom lejn l-inklużjoni soċjali. Għalhekk, l-amministrazzjoni lokali tista':

- ittejjeb l-infrastruttura u toħloq bliet aċċessibbli, dħulin għaċ-ċittadini u viżitaturi kollha
- telimina l-barrieri kollha fil-ħajja ta' kuljum ta' persuni bi bżonnijiet speċjali billi tagħraf il-ħtieġa li jkollhom awtonomija u parteċipazzjoni u integrazzjoni ugwali fis-soċjetà **(2)**.

Għaldaqstant, għandha tingħata prijorità lill-ħolqien ta' lokazzjonijiet aċċessibbli bħal:

- bankini, zoni għall-mixi, zebras u zoni għall-parkeġġ
- *malls*, parks u zoni pubbliċi oħrajn fuq barra
- vendi u stejġis tal-karozzi tal-linja, stazzjonijiet tal-ferrovija u tal-metrò, u vendi tat-taksis
- binjiet pubbliċi
- ħwienet ċentrali, jiġifieri ħwienet fis-suq ċentrali. Dan jinkludi wkoll il-proċess ta' informazzjoni, ħidma flimkien u motivazzjoni tas-settur privat biex jikkonforma ma' standards ta' aċċessibilità.

Tagħmir u kostruzzjoni addizzjonali huma meħtieġa biss f'każijiet li fihom il-faċilitajiet ikunu jridu jinbidlu. F'każijiet meta regolamenti ta' disinn magħrufin minn kulħadd huma applikati mad-disinn u kostruzzjoni oriġinali, in-nefqa bilkemm tinħass. Ir-rekwiżit waħdani hu l-bidla fl-istandards tad-disinn **(2)**.

*3.4.3.1 Benefiċċji ta' disinn universali u standards ta' aċċessibilità*

L-infrastruttura ta' belt tittejjeb għaċ-ċittadini kollha, mingħajr eċċezzjoni. Persuni bi bżonnijiet speċjali jistgħu jmorru minn post għal ieħor b'mod ħieles u daqs ħaddieħor, jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha, u ma jibqgħux esklużi mis-soċjetà. Persuni bi bżonnijiet speċjali għandhom jingħataw ukoll l-opportunità li jipparteċipaw bħala konsumaturi għall-benefiċċju tan-negozji lokali li hekk jistgħu jkabbru l-qligħ tagħhom.

Persuni li għandhom mobilità ristretta, bħall-anzjani, tfal, nisa tqal, eċċ., jgħixu u jipparteċipaw ukoll f'ambjent aktar dħuli u sigur, filwaqt li jiksbu ugwaljanza soċjali fil-komunità lokali. Komunità lokali aċċessibbli jgawdi minnha kulħadd. Il-garanzija ta' aċċess għal faċilitajiet u servizzi hi valur miżjud lill-ambjent u kondizzjoni neċessarja għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini kollha **(2)**.

***3.4.4 Azzjoni diretta***

L-infurzar ta' miżuri li n-nefqa fuqhom hija baxxa jew negliġibbli, u li spiss jagħti riżultati li jgħaġġbuk fit-titjib ta' l-aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali, itejjeb b'mod li jinħass sewwa l-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini kollha. Hekk, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni f'ħinu u f'waqtu ta' dawn il-miżuti mingħajr dubju ddaħħal sett ġdid ta' kriterji morali u ta' mġiba korretta fil-ħidmiet ta' kuljum ta' kulħadd **(2)**.

*3.4.4.1 Tmexxija pubblika tajba*

It-tindif tal-bankini minn oġġetti mhumiex meħtieġa u minn ostakoli huwa kruċjali. In-numru ta' sinjali u riklami għandu jitnaqqas kemm jista' jkun. Sinjali multipli għandhom jitneħħew u jinġabru f'zoni speċifiċi, l-aktar minn dawk iz-zoni fejn jostakolaw it-traffiku fuq il-bankini. It-tneħħija ta' sinjali li huma aktarx baxxi minn 2.20m hija essenzjali.

Jeħtieġ li t-tagħmir u għamara urbani mormijin (bħala konteننituri taż-żibel, bankijiet, kaxex ta' l-ittri, kjoskijiet, eċċ.) jinġabru u jitqiegħdu f'zona desinjata apposta fejn jostakolawx it-traffiku fuq il-bankini biex dejjem ikun hemm karreġġjata ħielsa minn ostakoli għat-trasport li tkun wiesgħa 0.85m-0.90m.

It-trasferiment ta' skips għal zoni fejn il-bankini huma wesgħin mill-inqas 0.85m-0.90m hu partikolarment importanti. Imħażen, kjoskijiet, ristoranti jew ħwienet tal-kafè m'għandhomx joħorġu l-merkanzija jew imwejjed tagħhom fuq il-bankina jekk ma jistgħux iħallu mill-inqas spazju ħieles ta' 0.90m biex jitħalla passaġġ għal dawk li jużaw siġġijiet bir-roti. Telefons pubbliċi għandhom jitqiegħdu fil-baxx biex ikunu aċċessibbli għal dawk li jużaw siġġijiet bir-roti **(2)**.

*3.4.4.2 Manutenzjoni u titjib*

Siġar u sġajjar li jikbru f'zoni pubbliċi u fuq bankini m'għandhomx jostakolaw il-bankini fejn jimxu n-nies, biex ikun garantit passaġġ wiesgħa mill-inqas 0.85m-0.90m għal min ikun miexi jew għal dawk li jużaw siġġijiet bir-roti. Siġar u sġajjar jista' jkun li jkollhom jitneħħew minn bankini dojoq.

Siġar u arbuxelli għandhom jinżabru biex friegħi li joħorġu 'l barra ma joħolqux perikli lil dawk li jbatu minn nuqqas ta' viżta. Flok tħaffir miftuħ madwar siġar fuq il-bankini għandhom jitqiegħdu gradi fitti li ma jitilgħux vertikalment madwar iz-zkuk tas-siġar, biex hekk jikber il-wisa' tal-bankina li titħalla totalment aċċessibbli.

Il-manutenzjoni u t-titjib ta' rampi mal-bankini, u ta' rampi f'zoni pubbliċi oħrajn, huma vitali. Kull rampa għandha tinżel għat-triq b'mod lixx u wati, mingħajr bidliet f'daqqa fil-livell. Id-drejns kollha għandhom jingħalqu sewwa bi spralli sodi. Hu essenzjali li lqugħ mal-bankini jinbidel u floku jitwaħħlu pilastri żgħar f'kull zona ta' trasportazzjoni pubblika biex ikunu jistgħu jinqdew dawk li jużaw siġġijiet bir-roti. It-tneħħija u t-tqegħid b'mod attent ta' l-ostakoli kollha (bħal arbli tad-dawl, għamara tat-triq, eċċ.) fuq rampi tal-bankini huma mill-aktar essenzjali.

Hu kruċjali li jissewwew jew jitneħħew immedjatament strutturi u elementi oħra fuq bankini, rotot oħrajn użati minn persuni mexjin u zebras li jisporġu 'l barra jew ikunu ta' periklu għall-għomja jew għal dawk li jbatu min-nuqqas tal-viżta. Dawn l-oġġetti jinkludu spralli għall-ispezzjonar, katusi, madum imkisser, eċċ. Il-manutenzjoni u t-tisbiħ, fejn ikun meħtieġ, ta' dwal pubbliċi għandhom jingħataw prijorità. Zoni perikolużi għandhom, b'mod partikolari, ikunu mdawlin sewwa. Immarkar tajjeb ta' postijiet u ta' ostakli perikolużi matul bankini u zoni pubbliċi oħrajn hu essenzjali.

Servizzi li jistgħu jintlaħqu faċilment għandhom ikunu stallati b'binjiet aċċessibbli. Is-servizzi muniċipali u fejn il-pubbliku jagħmel transazzjonijiet għandhom ikunu trasferiti fil-pjan terren tal-bini pubbliku kollu. Għandha tingħata prijorità l-garanzija li għallinqas l-aċċess bis-siġġijiet tar-roti ikun fil-pjan terren tal-bini pubbliku u muniċipali kollu. Biex tingħata għajnuna lil dawk li jbatu minn nuqqas tal-viżta hu essenzjali li jintużaw kuluri kontrastanti bejn elementi strutturali u superfiċji li jkunu ħdejhom (ħitan-bibien, ħitan-paviment, eċċ.). Hu wkoll kruċjali li jkun hemm twissijiet u sinjali addattati fuq superfiċji tal-ħġieġ **(2)**.

### *3.4.5 Azzjoni komplementari*

Azzjoni komplementari biex tgħin lil persuni bi bżonnijiet speċjali tinkludi, imma mhux biss, il-miżuri li ġejjin:

- Alterazzjonijiet għall-aċċessibilità fuq bankini u zoni pubbliċi oħrajn biex ikun jista' jinħoloq spirtu ta' netwerk aċċessibbli. Kull alterazzjoni f'bankina waħda ġġib magħha alterazzjonijiet simili tul it-triq. Alterazzjonijiet lokali ppjanati mingħajr ma jittieħed kas tal-kontinwità ta' kif inhi mfassla t-triq għandhom ikunu pprojbiti.
- Għoti ta' prijorità lill-ħolqien ta' passaġġi aċċessibbli tul ir-rotot kollha, u wkoll zoni oħrajn li jiġbdu t-turisti (ċentri ta' xiri, mogħdijiet xeniċi, zoni fejn hemm lukandi, ċentri kulturali, eċċ.).
- Promozzjoni ta' għarfien tal-miżuri msemmijin hawn fuq. Tagħrif liċ-ċittadini b'dawn l-azzjonijiet bis-saħħa ta' letteratura stampata u attivitajiet oħrajn li jqanqlu għarfien biex kulħadd ikun infurmat fuq dawn il-bidliet u jkollu r-rieda li jirrispettahom.
- Il-pulizija muniċipali ssir aktar attiva fl-infurzar ta' dawn il-miżuri biex persuni bi bżonnijiet speċjali jistgħu jkunu sodisfatti dejjem (jiġifieri, ipparkjar ipprojbit fuq rampi ta' bankini).

- Ġejjieni hieni għal persuni bi bżonnijiet speċjali jfisser ġejjieni hieni għal kulħadd. Iżda ħajjithom tinbidel biss jekk l-atturi kollha, inklużi gvernijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi u awtoritajiet lokali, jaħdmu id f'id u individwalment biex l-opportunitajiet ikunu ugwali għal kulħadd. Fl-aħħar mill-aħħar, il-ħajjiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali għandhom jitjiebu bit-twaqqif ta' l-ugwaljanza fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali u ta' l-iżvilupp personali tagħhom **(2)**.

### *3.4.6 Referenzi*


1. European Year of Equal Opportunities for All 2007 http://ec.europa.eu/employment_social/eyeq/index.cfm
2. Vlavianos-Arvanitis A. People with a disability in modern society. Biopolitics International Organisation, Athens 2004, 168 pp.

- ***3.5 INTROJTU***

### *3.5.1 Ġenerazzjoni ta' introjtu*

Il-garanzija ta' livell minimu ta' dħul ta' flus titlob il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi massiċċi u ppjanar loġiku. Bliet Ewropew iggwadanjaw immensament mill-adozzjoni ta' politika liberali tal-*welfare state*, u saru l-karatteristika tat-tifsila ekonomika soċjali mad-dinja kollha.

Assikurazzjoni ta' livelli minimi ta' introjtu hi prinċipalment kwistjoni ta' ekonomija tal-benessri, u l-infurzar tagħha għandu għeruqu f'politiki li jrieġu attivitajiet ekonomiċi nazzjonali u reġjonali. F'livell urban, dawn il-politiki jeħtieġu ħiliet amministrattivi konsiderevoli. Uffiċjali u istituzzjonijiet lokali huma fuq quddiemnett ta' l-interazzjoni bejn dawk fil-bżonn u dawk li għandhom ir-riżorsi finanzjarji. Hekk, politika nazzjonali għandha tinftiehem fil-livell tal-bniedem tat-triq biex tkun implimentata b'mod effettiv. Essenzjalment hemm żewġ toroq maġġuri kif wieħed jista' jasal għal dan: trasferimenti formali u informali. L-impjieg jista' jitqies bħala trasferiment formali billi l-individwi jagħti x-xogħol tiegħu (jew tagħha) u minflok jirċievi ammont speċifikat ta' munita li tista' tintuża biex tissodisfa l-ħtiġijiet personali tiegħu fis-suq. Madankollu, il-pagi għandhom ikunu regolati b'mod li jqisu l-ispejjeż attwali ta' l-għajxien urban.  Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkludu, imma mhux biss, ħlasijiet għal servizzi pubbliċi (jiġifieri ħlasijiet għal skart, trasportazzjoni pubblika, spejjeż ta' servizzi lil residenzi, eċċ.) u wkoll nefqiet personali bħal kompjuters personali, apparati domestiċi u attivitajiet rikreattivi. Hekk, għandu jkun hemm paga minima bażika li ebda ħaddiem fis-settur formali m'għandu jkun f'riskju li jaqa' 'l isfel minnha, u li tiżgura introjtu adegwat għal individwi u familji. Dan għandu implikazzjonijiet estensivi għall-ispejjeż tan-negozju, u għal politiki soċjali u ekonomiċi **(1)**.

Ħafna kwistjonijiet rigward l-appoġġ ta' l-introjtu, impjiegi u integrazzjoni soċjali biex ċittadini urbani jkunu jistgħu jgħixu 'l fuq mill-istat tal-faqar u jgħaddu ħajja produttiva huma diskussi aktar fil-"<u>Ħolqien ta' Impjiegi</u>" taħt it-taqsima Ekonomija.

### *3.5.2 Trasferimenti u introjtu*

Kif innutat hawn fuq, trasferimenti informali u formali jgħinu għaż-żamma ta' standards ta' għajxien fost komunitajiet. Trasferimenti informali huma dawk it-transazzjonijiet li ma jaqgħux taħt ir-regolamentazzjoni jew il-liġijiet tal-gvernijiet. Dawn ix-xorta ta' trasferimenti spiss isiru bejn membri tal-familja jew fil-każ ta' relazzjonijiet mill-qrib, sħubija f'organizzazzjonijiet, eċċ. Dawn jinkludu, iżda mhux biss, it-trasferiment ta' flus bejn partijiet, ngħidu aħna, self informali minn ġenituri għat-tfal. Trasferiment formali, min-naħa l-oħra, huma dawk mogħtija minn istituzzjonijiet governattivi, ngħidu aħna, programmi ta' ssussidju għall-introjtu bħal Food Stamps fl-Istati Uniti, u programmi ta' akkomodazzjoni sussidjata fl-Olanda u pajjiżi oħrajn. Programmi ta' din ix-xorta jindirizzaw ineffiċjenzi fis-swieq tax-xogħol, ikabbru l-produttività u jrawmu koeżjoni soċjali akbar. Ġeneralment, trasferimenti formali għal appoġġ għall-introjtu jiġu mit-tassazzjoni ġenerali bħal taxxa fuq id-dħul u politiki ta' tassazzjoni ġenerali oħrajn, jew minn fondi allokati apposta **(1)**.
Trasferimenti formali għandhom iqisu wkoll l-effetti mhux intenzjonati li jista' jkollhom fuq komunitajiet. Taxxi ogħla fuq l-użu tat-toroq jew fuq il-konsum tal-fjuwil, ngħidu aħna, jistgħu jiġġeneraw dħul akbar għall-finanzi tal-gvern iżda jkabbru wkoll l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għall-postijiet tax-xogħol li jistgħu jinfluwenzaw il-kapaċità ta' ħaddiema b'pagi baxxi biex isibu u jżommu impjieg. Billi politiki fiskali li jolqtu l-ammont u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi jolqtu wkoll direttament u indirettament l-introjtu disponibbli tar-residenti f'zoni urbani, pjanifikaturi urbani u dawk li jfasslu l-politika jistgħu jużaw għodod ta'

maniġment innovattivi biex inaqqsu l-piż minn fuq ħaddiema b'pagi baxxxi, bħal:

- Trasportazzjoni pubblika bi skonti għal dawk li jużawha ħafna u għal ħaddiema b'pagi baxxi;
- Zoni speċjali għal appoġġ ekonomiku, ngħidu aħna zoni b'taxxa baxxa jew li ma jħallsu ebda taxxa;
- Spejjeż sussidjati għal servizzi; u
- Inċentivi u .eżenzjonijiet fiskali

Għalkemm politiki bħal dawn ma jgħollux direttament il-pagi tal-ħaddiema, huma jgħollu l-ammont ta' introjtu disponibbli. Strutturar ekonomiku hu diffiċli saħansitra fl-aħjar ċirkustanzi, u bidliet lil politiki apparentement insinfikanti jistgħu jmorru żmerċ u joħolqu problemi mhux mistennija għal dawk l-istess persuni li kienu maħsubin biex jgħinu, u għal oħrajn ukoll. Għalhekk, trid tingħata attenzjoni sinifikanti fuq kif dawn il-politiki jolqtu lill-komunitajiet. Konsiderazzjoni aktar fil-fond ta' dawn il-kwistjonijiet hija ttrattata fit-taqsima li għandha x'taqsam ma' l-impjiegi u għandha ssir referenza għaliha għal aktar informazzjoni **(2)**.

### *3.5.3 Referenzi*

1. M. Cichon, W. Scholz, A. van de Meerendonk, K. Hagemejer, F. Bertranou and P. Plamondon, Financing Social Protection: Quantitative Methods in Social Protection Series (International Labour Organisation) (2004)

## 3.6 ĠUSTIZZJA BEJN IS-SESSI

### 3.6.1 Il-kisba ta' ugwaljanza sesswali

Bliet Ewropej, b'mod ġenerali, għandhom rekord eċċellenti fir-rigward ta' l-inklużjoni tas-sessi fil-ħajja ekonomika, soċjali u politika. Iżda għad baqa' xi grad ta' nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa kemm f'dawn l-oqsma u kemm fir-reġjuni. Għal diversi raġunijiet, in-nisa ma jaqsmux l-istess livell ta' influwenza fl-aġendi politiċi, ekonomiċi u soċjali daqs sħabhom l-irġiel.

Kif issemma fit-taqsima "Fatturi Demografiċi", għalkemm ix-xejriet ma' l-Ewropa kollha huma lejn ugwaljanza akbar tas-sessi fil-forza tax-xogħol, għad baqa' lok għal titjib. Iżda għandu jkun osservat li n-nisa f'zoni urbani x'aktarx li jsibu xogħol aktar minn dawk f'zoni rurali fejn strutturi familjari u prattiki kulturali jibqgħu qawwijin. Madankollu, żieda fl-opportunitajiet għan-nisa fis-suq tax-xogħol kollu jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, sakemm dawk li jfasslu l-politika jindirizzaw l-implikazzjonijiet tar-rati ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa b'modi responsabbli u sostenibbli.

L-impenn tal-Kummissjoni Ewropea għat-tisħiħ tal-politiki ta' ugwaljanza u non- diskriminazzjoni fl-UE wara t-tkabbir li rnexxa ta' l-UE hu pass kruċjali 'l quddiem. L-iżvilupp ulterjuri tal-politiki ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni fl-UE hu assolutament essenzjali biex jinkisbu ambjenti urbani li huma eqreb lejn iċ-ċittadini tagħhom u huma bbażati fuq koeżjoni soċjali u solidarjetà. Dawn l-isforzi jistgħu jkunu komplementati minn leġiżlazzjoni ġdida ta' l-UE fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel li tindirizza medda ta' oqsma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, inkluża l-vjolenza fuq in-nisa, u wkoll l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni sesswali diretta u indiretta fl-għajnuna soċjali, sistemi ta' protezzjoni soċjali, kura tas-saħħa, edukazzjoni, tassazzjoni, il-midja u r-reklamar.

| | 15-64 yrs | | 55-64 yrs | |
|---|---|---|---|---|
| | Male | Female | Male | Female |
| EU-25 | 71.3 | 56.3 | 51.8 | 33.7 |
| Euro | 71.8 | 55.2 | 49.7 | 31.5 |
| BE | 68.3 | 53.8 | 41.7 | 22.1 |
| CZ | 73.3 | 56.3 | 59.3 | 30.9 |
| DK | 79.8 | 71.9 | 65.6 | 53.5 |
| DE | 71.2 | 59.6 | 53.5 | 37.5 |
| EE | 67.0 | 62.1 | 59.3 | 53.7 |
| EL | 74.2 | 46.1 | 58.8 | 25.8 |
| ES | 75.2 | 51.2 | 59.7 | 27.4 |
| FR | 68.8 | 57.6 | 40.7 | 35.2 |
| IE | 76.9 | 58.3 | 65.7 | 37.3 |
| IT | 69.9 | 45.3 | 42.7 | 20.8 |
| CY | 79.2 | 58.4 | 70.8 | 31.5 |
| LV | 67.6 | 59.3 | 55.2 | 45.3 |
| LT | 66.1 | 59.4 | 59.1 | 41.7 |
| LU | 73.3 | 53.7 | 38.3 | 24.9 |
| HU | 63.1 | 51.0 | 40.6 | 26.7 |
| MT | 73.8 | 33.7 | 50.8 | 12.4 |
| NL | 79.9 | 66.4 | 56.9 | 35.2 |
| AT | 75.4 | 62.0 | 41.3 | 22.9 |
| PL | 58.9 | 46.8 | 35.9 | 19.7 |
| PT | 73.4 | 61.7 | 58.1 | 43.7 |
| SI | 70.4 | 61.3 | 43.1 | 18.5 |
| SK | 64.6 | 50.9 | 47.8 | 15.6 |
| FI | 70.3 | 66.5 | 52.8 | 52.7 |
| SE | 74.4 | 70.4 | 72.0 | 66.7 |
| UK | 77.6 | 65.9 | 66.0 | 48.1 |
| BG | 60.0 | 51.7 | 45.5 | 25.5 |
| HR | 61.7 | 48.6 | 43.0 | 23.8 |
| RO | 63.7 | 51.5 | 46.7 | 33.1 |
| TR | 68.2 | 23.8 | 45.4 | 17.1 |
| IS | 86.9 | 80.5 | 88.9 | 79.6 |
| NO | 77.8 | 71.7 | 70.8 | 60.1 |

Employment Rates by Age and Sex
Source: Eurostat (2007)

### 3.6.2 Impjiegi

Skond l-aktar data reċenti, ir-rati ta' parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi għadhom aktar baxxi minn dawk ta' l-irġiel fil-pajjiżi li fihom sar stħarriġ fl-UE-25 u fiz-zona

Ewro kollha. Vojt aktar wiesa' fir-rati ta' parteċipazzjoni fl-impjiegi jidhru sewwa fl-istati tan-Nofsinhar, filwaqt li membri fit-Tramuntana tipikament niżżlu lil-livelli ta' disparità. Din id-differenza hija relattivament konsistenti fil-gruppi ta' età kollha.

Ir-rati ta' partecipazzjoni f'xogħol *part-time* huma ogħla fil-każ tan-nisa milli f'ta' l-irġiel fl-Unjoni (32.4 u 7.4 fil-mija rispettivament). Barra minn hekk, il-qasma fil-qligħ bejn l-irġiel u n-nisa għall-UE aggregata baqgħet fil-livell li kienet fis-sena 1994, jiġifieri 15%, bil-pagi tan-nisa jibqgħu inqas minn dawk ta' l-irġiel. Din il-qasma tvarja minn pajjiż għal ieħor, u tinsab ukoll bejn komunitajiet urbani u rurali **(1)**.

Dawn iċ-ċifri ma jinkludux xogħol mhux imħallas jew mhux irrappurtat, bħal xogħol fid-dar u kura tat-tfal, li għandhom ikabbru r-rata ta' parteċipazzjoni reġistrata tan-nisa. Id-dħul tan-nisa f'politika ta' impjiegi hu importanti għal zoni urbani mhux biss biex ikun utilizzat kemm jista' jkun il-potenzjal tal-forza tax-xogħol tagħhom imma wkoll biex tintlaħaq ugwaljanza fir-relazzjonijiet bejn is-sessi. Politiki ta' din ix-xorta għandhom jippromwovu skedi ta' pagi standardizzati meta jitqabblu ma' pożizzjonijiet ta' l-irġiel biex jitneħħew diskrepanzi fil-pagi. Barra minn dan, il-promozzjoni ta' attivitajiet intraprenditorjali fost in-nisa jista' joħloq impjiegi għall-komunità tal-madwar u jxejjen stereotipi negattivi li jista' jkun hemm fir-rigward ta' intrapriżi mmexxijin min-nisa. Inizjattivi ta' din ix-xorta għandhom iservu wkoll biex ikabbru l-ħiliet personali u l-kapaċitajiet fost in-nisa.

*3.6.2.1 Studju ta' każ: Il-Greċja –Promozzjoni ta' Intraprenditorija Femminili* ***(2)***

Fis-sena 1999 il-gvern Grieg daħal għal proġett biex jistimula intrapriżi intraprenditorjali femminili. Dan il-proġett kien jinkludu l-bini ta' ħiliet fost parteċipanti nisa u l-iżvilupp ta' esperjenzi fil-qasam ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Ministeru ta' l-Iżvilupp Grieg ta t-taħriġ fl-ekonomija, finanzjar, tassazzjoni u maniġment, u wkoll appoġġ finanzjarju limitat. Ir-riżultat ta' l-intrapriża, minkejja xi diffikultajiet, kien pożittiv ħafna. Twaqqfu mija u tnejn u tletin negozju u nħolqu 389 impjieg ġodda. Barra minn hekk, parteċipanti nisa żviluppaw ħiliet fl-użu ta' l-ICT u teknoloġiji oħrajn, u kisbu akkreditazzjoni mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.

### *3.6.3 Edukazzjoni u taħriġ*

Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali taw prova li huma mogħdijiet li jirnexxilhom jiżguraw ħarsien kontra l-qgħad u l-faqar. Barra minn hekk, it-taħriġ jgħin lill-individwi javvanzaw il-potenzjal tal-karriera u l-kapaċità tal-qligħ tagħhom. Dan hu evidenti mill-istatistika li turi li l-kisba ta' edukazzjoni ogħla tnaqqas l-inċidenza tal-qgħad u tkabbar il-qligħ mill-paga, għalkemm dawn iċ-ċifri jvarjaw min-nisa għall-irġiel. In-nisa jtendu li jibqgħu jattendu l-iskola aktar minn sħabhom l-irġiel, iżda għandhom rata ogħla ta' qgħad u dħul mill-paga relattivament aktar baxx **(1)**.

Din id-differenza jista' jkun li ġejja mis-suġġetti studjati, u wkoll minn diskriminazzjoni intenzjonali jew mhix li jkun jeħtiġilha strateġiji speċifiċi biex tindirizza dawn il-barrieri għall-ugwaljanza sħiħa. Inizjattivi ffokati fuq it-taħriġ huma mod wieħed kif ikunu indirizzati diskrepanzi f'oqsma ta' impjiegi u ta' taħriġ. Barra minn hekk, billi ħafna nisa għad għandhom il-funzjoni li jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom, azzjonijiet biex aktar nisa jkunu inkorporati fl-ekonomija għandhom iqisu dan meta jfasslu programmi ta' taħriġ.

*3.6.3.1 Studju ta' każ: L-Olanda – Bini ta' Netwerk u Żvilupp ta' Karrieri* ***(3)***
Fl-Olanda, grupp ta' nisa ngħaqdu biex jgħinu l-federazzjoni tat-trejdunjons FNV biex tagħti taħriġ u servizzi ta' kura tat-tfal lil nisa singoli u/jew lil nisa li jkunu ser jerġgħu jibdew jaħdmu. Il-grupp, imsejjaħ FNV Vrouwenbond, jiffaċilita sistema ta' appoġġ għal ommijiet u nisa vulnerabbli filwaqt li jkunu qed ifittxu li jtejbu l-karriera tagħhom. Dan hu importanti b'mod speċjali għal dawk in-nisa li jkunu deħlin mill-ġdid fis-suq tax-xogħol wara li jkunu ħarġu minnu biex iwelldu u jrabbu t-tfal, billi l-kura tat-tfal tista' titlob ħafna minnhom u teħtieġ ammonti bla qies ta' koordinament u appoġġ. Ħafna parteċipanti akkwistaw diversi ħiliet fit-tħaddim tal-kompjuters u kapaċitajiet organizzattivi, u hekk kabbru ċ-ċans li jsibu xogħol u l-potenzjal li jsostnu lilhom infushom u lill-familji tagħhom.

It-taħriġ u l-bini ta' ħiliet huma essenzjali għat-trawwim ta' ambjent inklużiv u għat-tnaqqis ta' inugwaljanzi bejn is-sessi. Barra minn hekk, kif kien osservat f'post ieħor, politiki għandhom jindirizzaw l-impatt li d-dħul fis-suq tax-xogħol ikollu fuq l-istruttura u r-responsabbiltajiet tal-familja. L-irġiel ukoll għandhom jiddaħħlu fi skemi ta' benefiċċji soċjali li jippermettulhom jieħdu frank tal-ġenituri, u servizzi u faċilitajiet adegwati għandhom ikunu promossi biex jipprovdu xibka ta' sigurtà lil dawk li jkunu fl-akbar riskju li joħorġu mis-suq tax-xogħol ħtija ta' nuqqas ta' appoġġ **(4)**.

### *3.6.4 Referenzi*


1. European Factbook 2002-2005; (Eurostat) (2007) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page?_pageid=1090,30070682,1090_33076576&_dad=portal&_schema=PORTAL
2. Promotion of Female Entrepreneurship (European Urban Knowledge Network) (2007) http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/female-entrepreneurship_1021.html
3. Women p Partnership (European Urban Knowledge Network) (2007) http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/women-neighbourhood-partnership_1010.html
4. Facing Conflicting Pressures: Young Educated Women and Competition Society (European Urban Knowledge Network) (2007) http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Equality/Gender_Equality/young-women_1013.html

### 3.7 INTEGRAZZJONI SOĊJALI

#### 3.7.1 Reżistenza għall-esklużjoni soċjali

L-integrazzjoni għandha sehem importanti fil-politika u l-ippjanar f'Ewropa li qed tespandi, u partikolarment f'zoni urbani. L-ibliet għandhom ikunu mħejjijin għall-ħtieġa li jintegraw diversi gruppi soċjali fil-ħajja tal-komunità minħabba l-intensità tal-kuntatt kemm bejn individwi u kemm bejn gruppi, id-densità ta' ċentri urbani, u d-diffikultajiet loġistiċi u finanzjarji li jimplikaw l-immaniġġjar u l-provvista ta' servizzi pubbliċi lil popolazzjonijiet kbar. Il-fatt li ta' spiss individwi jew gruppi esklużi soċjalment jistgħu jiffurmaw parti minn "gruppi inklużi" akbar jaf jikkomplika l-istampa u jintensifika l-esperjenza ta' l-esklużjoni soċjali. Dawk li għandhom ir-riskju li jkunu esklużi soċjalment, u għalhekk jeħtieġu strateġiji ta' integrazzjoni pożittiva, jinkludu:

- Persuni bi bżonnijet speċjali
- L-anzjani u dawk ta' età avvanzata
- Persuni bla dar jew għaddejjin minn post għal ieħor
- Refuġjati, ħaddiema migratorji, u dawk li jkunu jfittxu ażil
- Persuni żgħażagħ
- Minoranzi etniċi

Kif kien osservat, persuni f'dawn il-gruppi jistgħu jkunu esklużi b'diversi modi mill-ħajja konvenzjonali ħtija ta' għadd ta' fatturi preżenti fis-soċjetà. Ċittadini bi bżonnijiet speċjali, ngħidu aħna, jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni akbar ħtija ta' kunċetti u trattament tradizzjonali ta' bżonnijiet speċjali kemm fil-ħajja pubblika u kemm f'dik privata. Iżda dawn il-persuni jistgħu jiffaċċjaw inqas barrieri minn minoranzi etniċi fl-istess komunità f'oqsma oħrajn tal-ħajja tagħhom, ngħidu aħna, id-dritt li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom jew li jesprimu l-wirt kulturali tagħhom. L-esklużjoni soċjali tiġbor fiha diversi dimensjonijiet, fosthom: **(1)**

- aċċess għal servizzi pubbliċi u privati
- riżorsi soċjali
- parteċipazzjoni ekonomika
- parteċipazzjoni soċjali
- kultura, edukazzjoni u ħiliet
- parteċipazzjoni politika u ċivika
- saħħa u benessri
- ambjent ta' għajxien
- delitti, ħsara u kriminalizzazzjoni

Jidher sewwa li l-esklużjoni soċjali hija kwistjoni li għandha implikazzjonijiet fit-tul u multi-dimensjonali li jitolbu attenzjoni u sensittività kemm biex ikunu definiti u kemm biex jittaffew **(2)**.

#### 3.7.2 Refuġjati, ħaddiema immigranti u dawk li jfittxu ażil

Refuġjati, ħaddiema immigranti u dawk li jfittxu ażil jirrappreżentaw grupp eteroġenju ta' persuni li jġibu esperjenzi u fehmiet ġodda u hekk jagħnu t-tessut soċjali tal-komunitajiet li jilqgħuhom. Madankollu, dawn il-gruppi tipikament jiffaċċjaw gradi li jvarjaw ta' barrieri istituzzjonali, personali u soċjali li ma jħalluhomx ikunu inklużi fil-ħajja komunitarja lokali. Huma jistgħu ma jkunux ta' l-istess kultura jew zona, iżda x'aktarx li jġibu magħhom il-valuri kulturali, tradizzjonijiet u drawwiet tagħhom li jistgħu ma jaqblux ma' dawk tas-soċjetà li tilqagħhom. L-integrazzjoni ta' dawn il-gruppi titlob fehim u aċċettazzjoni ta' dawn id-differenzi mill-popolazzjoni lokali biex jinkisru l-barrieri prattiċi għall-integrazzjoni. Barra milli jiffaċċjaw reżistenza lokali, immigranti, refuġjati u dawk li jfittxu ażil isibu quddiem wiċċhom barrieri

tekniċi bħall-kisba ta' lingwa ġdida, aġġustament għal standards lokali ta' għajxien u mġiba, u s-sejba ta' xogħol addattat. Dan hu importanti b'mod speċjali li jkun indirizzat minħabba l-għana tat-tradizzjoni Ewropea u l-firxa wiesgħa ta' drawwiet u kulturi li jvarjaw mal-kontinent kollu kemm hu **(3)**.

*3.7.2.1 Każ: LETS Circle Woudrichem – L-Olanda **(4)***

F'wirja eċċezzjonali ta' innovazzjoni u inizjattiva kuraġġuża, residenti immigranti f'Woudrichem, l-Olanda, waqqfu proġett li rnexxielu jippromwovi l-integrazzjoni fluwida fis-soċjetà Olandiża ta' aktar minn 500 persuna li kienu qed ifittxu xogħol u li kellhom jgħixu fuq dgħajsa sakemm stennew li jintemm il-proċess biex jingħatalhom xogħol.

Ir-residenti organizzaw skema ta' negozju bl-użu ta' munita alternattiva għall-komunità tad-dgħajsa, billi dawk li kienu jfittxu xogħol ma tħallewx jipparteċipaw fil-ħakka ekonomika Olandiża. L-organizzaturi użaw munita msejħa Druppel, jew qatra ilma, li kienet l-ekwivalenti ta' Ewro waħda. Imbagħad waqqfu Sistema ta' Negozju tal-Kambju Lokali (LETS) biex jagħmlu negozju bejn il-popolazzjonijiet, u hekk dawk li kienu jfittxu xogħol setgħu jaħdmu u jiksbu sens ta' kontroll fuq ħajjiethom sakemm stennew deċiżjoni. L-organizzazzjoni sabitilhom xogħol ma' individwi Olandiżi privati, u eventwalment irranġat biex jibdew jaħdmu ma' kumpaniji u jitħallsu bid-Druppels. B'mod ġenerali, kienu kapaċi jiskambjaw Druppels ma' aktar minn kemm jiswew €250,000. Ir-riżultati wrew li dawk li ħadu sehem kienu aktar kapaċi jintegraw fis-soċjetà Olandiża u saru jafu aktar l-Olandiż minn persuni li użaw faċilitajiet barra mill-iskema.

***3.7.3 Persuni mingħajr dar u dawk li jkunu għadejjin minn pajjiż***

L-istatistiċi uffiċjali spiss jinjoraw dawk mingħajr dar u li jkunu għaddejjin minn post biex imorru f'ieħor minħabba d-diffikultà li jiġbru l-informazzjoni tagħhom meta jsir stħarriġ; dawn huma grupp żgħir iżda importanti ta' individwi esklużi fl-Ewropa. Dawn l-individwi huma klassifikati f'erba' gruppi skond l-istatus ta' kif jgħixu: **(3)**

- Mingħajr saqaf – li m'għandhom ebda xorta ta' kenn
- Mingħajr dar - f'kenn jew istituzzjonijiet temporanji
- Fid-dar iżda għandhom nuqqas ta' sigurtà – mhedda li jitkeċċew, vjolenza jew theddid ieħor għar-residenza tagħhom
- Akkomodazzjoni inadegwata - joqogħdu f'siti ta' kampijiet, strutturi dilapidati jew b'xi mod ieħor

Meta popolazzjonijiet mingħajr dar u li jkunu għaddejjin minn post biex imorru f'ieħor ibatu minn diżordnijiet mentali, fiżiċi jew soċjali, isir aktar diffiċli li wieħed jintegrahom fil-komunità lokali. Il-problema tikkomplika ruħha minħabba t-tendenza li dawn il-persuni jkunu stimmatizzati mill-pubbliku bħala mhux ta' min jafdahom u li ma jistgħux jingħataw impjieg, u hekk jinħoloq nuqqas ta' inċentiv li huma stess jintegraw irwieħhom fil-komunità.

***3.7.4 Persuni bi bżonnijiet speċjali***

Persuni bi bżonnijiet speċjali spiss ibatu mill-eħrex okkażjonijiet ta' diskriminazzjoni fis-soċjetà, jew soċjalment, ekonomikament jew istituzzjonalment, u dan jagħmlilhom ħajjithom wisq agħar minn dik ta' membri oħrajn tal-grupp soċjali tagħhom. Ngħidu aħna, membru ta' minoranza etnika li għandu bżonnijiuet speċjali isib quddiemu barrieri itqal għall-inklużjoni minn sħabu li huma aktar b'saħħithom.

***3.7.5 Iż-żgħażagħ u l-anzjani***

Iż-żgħażagħ u l-anzjani għandhom sett speċjali ta' ċirkustanzi tagħhom li jridu jkunu indirizzati biex jinkluduhom f'attivitajiet tal-komunità. F'xi aspetti, il-problemi li jolqtu liż-żgħażagħ u lill-anzjani huma marbutin flimkien. Ngħidu

aħna, l-anzjani jistgħu jbatu minn livelli ogħla, b'mod sproporzjonat, ta' kriminalità f'zoni urbani ħtija ta' qrubija tal-kuntatt, u għalhekk jeskludu lilhom infushom minn attivitajiet soċjali biex inaqqsu l-vulnerabilità tagħhom. Min-naħa l-ora, żieda fil-kriminalità u mġiba delinkwenti x'aktarx li jirriżultaw minn kwistjonijiet li jolqtu liż-żgħażagħ, bħal nuqqas ta' inklużjoni soċjali, opportunitajiet ta' xogħol, eċċ. Hekk, politiki li jindirizzaw attività kriminali billi jrawmu sens akbar ta' rabta mal-komunità u interazzjoni taż-żgħażagħ ma' l-anzjani jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet għaż-żewġ gruppi fl-istess ħin.

Bl-istess mod, l-anzjani għandhom ikunu inklużi fil-ħajja ekonomika ta' l-ibliet aktar ma n-numru tagħhom u l-aspettattiva tat-tul ta' ħajja jkomplu jikbru ma' l-Ewropa kollha. Fl-istess ħin, għalkemm iż-żgħażagħ jistgħu jkunu neqsin mill-esperjenza u ma jkollhomx direzzjoni ċara, madankollu għandhom jiddaħħlu b'mod attiv minn intrapriżi kemm privati u kemm pubbliċi biex isiru attivi fl-isferi soċjali, ekonomiċi u politiċi billi leħenhom jagħti enerġija ġdida lill-ħajja ta' belt. Bl-iskambju ta' esperjenzi u enerġija, iż-żewġ gruppi jistgħu jaħdmu flimkien biex itejbu l-kwalità tal-ħajja urbana. Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati aktar fit-taqsima fuq "Fatturi Demografiċi."

### *3.7.6 Minoranzi etniċi u reliġjużi*

Minoranzi etniċi u reliġjużi jirrappreżentaw wieħed mill-aktar każijiet ta' esklużjoni soċjali mogħtija pubbliċità fl-Ewropa; xejriet demografiċi u avvenimenti politiċi jkabbru bil-kbir il-konsegwenzi ta' politika ta' inklużjoni inadegwata. Tħassib kontemporanju fuq sigurtà li hu riżultat ta' konflitti globali u terroriżmu internazzjonali kkaġunaw reazzjoni kontra minoranzi etniċi assoċjati u ostakolaw sforzi għal integrazzjoni tul is-sena li għaddiet; madankollu, qed isiru passi kbar biex is-sitwazzjoni tkun rimedjata .
Ħafna minoranzi ilhom jgħixu snin twal fil-pajjiżi li laqgħuhom – u għandhom djar u karozzi, imorru għax-xogħol regolarment u jagħmlu dak kollu li jagħmlu l-membri tal-komunità tal-post. Hu interessanti li studju ta' każ fir-Renju Unit sab li ż-żgħażagħ ta' llum huma inqas kuntrarji għall-bidla u għar-radikaliżmu mill-ġenerazzjoni tal-ġenituri tagħhom **(5)**.
Din il-valutazzjoni turi li issa, aktar minn qatt qabel, hu kruċjali li jkun hemm kuntatt mhux biss għall-minoranzi etniċi u reliġjużi iżda wkoll għal persuni u gruppi kollha soċjalment esklużi. Fl-ekonomija globali ta' llum, din il-kwistjoni hija partikolarment kritika għal zoni urbani bħala ċentri ta' interazzjoni, komunikazzjoni, negozju u dibattitu politiku. Immaniġġjar urban sostenibbli għandu jqis indaqs il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali u ġodda biex joħloq ambjenti urbani li huma inklużivi għall-abitanti kollha tagħhom.

### *3.7.7 Referenzi*


1. http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Integration_of_social_groups/multi-dimensional-analysis-social-exclusion_1123.html
2. http://www.eukn.org/binaries/greatbritain/bulk/research/2007/7/multidimensional_analysis_social_exclusion.pdf
3. http://www.feantsa.org/code/en/hp.asp
4. http://www.eukn.org/binaries/eukn/netherlands/practice/2006/6/eukweb001-tm-lets-circle-woudrichem-kdk-060412.pdf
5. http://www.eukn.org/eukn/themes/Urban_Policy/Social_inclusion_and_integration/Integration_of_social_groups/living-apart-together_1115.html#